LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 601.05

REGOLAMENTI DWAR AKKWIST PUBBLIKU TA' ENTITAJIET LI JOPERAW FIS-SETTURI TAS-SERVIZZI TAL-ILMA, L-ENERĠIJA, IT-TRASPORT U POSTALI

28 ta' Ottobru, 2016

L-AVVIŻ LEGALI 351 tal-2016, kif emendat bl-Avviżi Legali 26 tal-2018 u 46 tal-2019, 196 tal-2020, 26 tal-2022, 226 tal-2023 u 362 tal-2024.

ARRANĠAMENT TAR-REGOLAMENTI

		Regolamenti
Titolu		1
Taqsima I	Dispożizzjonijiet Ġenerali	
	Interpretazzjoni u Skop	2 - 3
	Applikabbiltà	4 - 23
	Attivitajiet direttament esposti għall-Kompetizzjoni	24 - 30
	Impriżi Assoċjati	31
	Impriżi Konġunti	32
	L-Uffiċċju tad-Direttur tal-Kuntratti	33 - 34
	L-Awtorità Kontraenti	35 - 37
	Attivitajiet ta' Xiri Ċentralizzati u Akkwist Konġunt	38 - 42
	Akkwist Imħallat	43 - 46
	Valur tal-Kuntratt	47 - 55
	Kuntratti f'Lottijiet	56 - 59
	Prinċipji li jirreferu għall-Proċess tal-Akkwist	60 - 62
	Pubblikazzjoni	63 - 68
	Konslutazzjonijiet Preliminari mas-Suq	69
	Komunikazzjonijiet	70 - 74
	Limitu ta' Żmien u Speċifikazzjonijiet Tekniċi	75 - 78
	L-Offerent	79 - 83
	L-Offerta Magħżula	84 - 85
Taqsima II	Bordijiet, Kumitati u Tribunali	86
Taqsima III	Regoli li japplikaw għal Offerti Dipartimentali	87 - 88
Taqsima IV	Tipi ta' Proċeduri ta' Akkwist	89
	Metodi Varji ta' Akkwist	89
	Proċedura Miftuħa	90 - 92
	Proċedura Ristretta	93 - 96
	Proċedura negozjata b'Sejħa għall-Kompetizzjoni minn qabel	97 - 101
	Sħubija għall-Innovazzjoni	102 - 113
	Djalogu Kompetittiv	114 - 123
	Proċedura Negozjata mingħajr il-Pubblikazzjoni minn qabel	124 - 128
	Kompetizzjonijiet ta' Disinn	129 - 132
	Kuntratti Riżervati u Kuntratti għal Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn	133 - 142
Taqsima V	Aggregazzjoni ta' Akkwist	
	Ftehim Qafas	143 - 146

	Sistemi Dinamiċi ta' Xiri	147 - 153
	Irkanti Elettroniċi	154 - 163
Taqsima VI	Esklużjoni u *Black Listing* ta' Operaturi Ekonomiċi	164
Taqsima VII	Għażla ta' Parteċipanti u Għoti ta' Kuntratti	
	Kriterji tal-Għażla	165 - 169
	Għoti ta' Kuntratt	170 - 173
	Offerti Baxxi b'mod Anormali u Soluzzjonijiet Varjanti	174 - 175
Taqsima VIII	Prestazzjoni tal-Kuntratti	
	Prestazzjoni tal-Kuntratti u Modifiki	176 - 179
	Terminazzjoni ta' Kuntratti	180
Taqsima IX	Rimedji	181

SKEDI

Skeda 1	Lista ta' Attivitajiet imniżżla fil-paragraftu (a) tat-tifsira tal-fraži Kuntratti ta' Xogħlijiet
Skeda 2	Lista ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni
Skeda 3	Lista ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni
Skeda 4	Lista ta' Korpi ta' Xiri Ċentrali
Skeda 5	Valuri ta' Limiti
Skeda 6	Dati ta' skadenza għall-Atti ta' Implimentazzjoni
Skeda 7	Rekwiżiti relatati ma' għodod u apparat sabiex jaslu b'mod Elettroniku Offerti, Talbiet għal parteċipazzjoni, Applikazzjonijiet għal kwalifikazzjoni kif ukoll Pjanijiet u Proġetti fil-Kompetizzjonijiet
Skeda 8	Data li għandha titniżżel fl-Avviżi Indikattivi Perjodiċi
Skeda 9	Informazzjoni li għandha tkun inkluża fid-Dokumenti dwar l-Akkwisti li għandhom x'jaqsmu ma' Ikanti Elettroniċi
Skeda 10	Karatteristiċi li jikkonċernaw il-Pubblikazzjoni
Skeda 11	Informazzjoni li għandha tkun inkluża fl-Avviżi dwar Kuntratti
Skeda 12	Informazzjoni li għandha tkun inkluża fl-Avviżi dwar Għoti ta' Kuntratti
Skeda 13	Kontenut tal-Istediniet għall-Preżentazzjoni ta' offerta, għal Parteċipazzjoni fid-Djalogu, għan-Negozjar jew għall-Konferma ta' Interess
Skeda 14	Lista ta' Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol
Skeda 15	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi dwar Modifiki ta' Kuntratt matul it-terminu tiegħu
Skeda 16	Servizzi
Skeda 17	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi dwar Kuntratti għal Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn
Skeda 18	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviż dwar Kompetizzjoni ta' Disinn
Skeda 19	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-Riżultati tal-Avviżi dwar Kompetizzjoni ta' Disinn

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali.

Taqsima I
Dispożizzjonijiet Ġenerali

Interpretazzjoni u skop

Tifsir.
Emendat:
A.L. 26 tal-2018.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"akkwist" tfisser l-akkwist permezz ta' kuntratt pubbliku ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn awtorità kontraenti waħda jew aktar mingħand operaturi ekonomiċi magħżula minn dawk l-awtoritajiet kontraenti, dejjem jekk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi jkunu maħsuba għal għan pubbliku;

"attivitajiet ta' xiri anċillari" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fl-għoti ta' appoġġ għal attivitajiet ta' xiri, b'mod partikolari fil-forom li ġejjin:

(*a*) infrastruttura teknika li tippermetti lill-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti ta' pubbliċi jew jikkonkludu ftehim qafas għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi;

(*b*) pariri dwar it-tmexxija jew it-tfassil tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku;

(*ċ*) tħejjija u ġestjoni ta' proċeduri ta' akkwist f'isem u akkont tal-awtorità kontraenti kkonċernata;

"attivitajiet ta' xiri ċentralizzati" tfisser attivitajiet inwettqa fuq bażi permanenti, f'waħda mil-forom li ġejjin:

(*a*) l-akkwist ta' provvisti u, jew servizzi intiżi għal awtoritajiet kontraenti;

(*b*) l-għotja ta' kuntratti pubbliċi jew il-konklużjoni ta' ftehim qafas għal-xogħoljiet, provvisit jew servizzi intiżi għal awtoritajiet kontraenti;

"avviż" tfisser a avviż pubblikat fil-Gazzetta;

"avviż dwar l-għoti tal-kuntratt" tfisser avviż li jiġi pubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

"avviż ta' kuntratt" tfisser avviż li jiġi pubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

"avviżi ta' perjodu minn qabel" tfisser avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali;

"awtoritajiet kontraenti" tfisser awtoritajiet tal-Istat, reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati mil-liġi pubblika, l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn waħda jew aktar minn dawn l-awtoritajiet jew wieħed jew aktar minn dawn il-korpi rregolati mil-liġi pubblika.

"awtoritajiet lokali" tinkludi l-awtoritajiet kollha tal-unitajiet amministrattivi li jaqgħu taħt NUTS 3 u unitajiet amministrattivi iżgħar, kif imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

"awtoritajiet reġjonali" tinkludi l-awtoritajiet kollha elenkati b'mod mhux eżawrjenti f'NUTS 1 u 2, kif imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"Bord ta' Reviżjoni" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku; L.S. 601.05

"Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi" tfisser il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi kif stabbilit taħt ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku; L.S. 601.05

"ċiklu tal-ħajja" tfisser l-istadji konsekuttivi u, jew marbutin bejniethom kollha, inklużi r-riċerka u l-iżvilupp li għandhom isiru, il-produzzjoni, il-kummerċ u l-kundizzjonijiet tiegħu, it-trasport, l-użu u l-manutenzjoni, matul l-eżistenza kollha tal-prodott jew ix-xogħlijiet jew il-forniment ta' servizz, mix-xiri ta' materja prima jew il-ġenerazzjoni ta' riżorsi sar-rimi, l-approvazzjoni u t-tmiem is-servizz jew l-użu;

"CPV" tfisser il-Vokabularju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi kif adottat bir-Regolament (KE) Nru 2195/2002, kif emendat minn żmien għal żmien;

"Direttur" tfisser id-Direttur tal-Kuntratti li jmexxi d-Dipartiment tal-Kuntratti;

Sostitwit: A.L. 26 tal-2018.

"dokument tal-akkwist" tfisser kwalunkwe dokument prodott jew imsemmi mill-awtorità kontraenti sabiex tiddeskrivi jew tiddetermina elementi tal-akkwist jew tal-proċedura, inkluż l-avviż ta' kuntratt, l-avviż perjodiku informattiv jew l-avviżi perjodiċi informattivi dwar l-eżistenza tas-sistema ta' kwalifiki fejn dawn jintużaw bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, id-dokument deskrittiv, il-kundizzjonijiet proposti tal-kuntratt, il-formati għall-preżentazzjoni ta' dokumenti mill-kandidati u l-offerenti, informazzjoni dwar l-obbligi applikabbli b'mod ġenerali u kwalunkwe dokument addizzjonali;;

"fornitur ta' servizzi ta' akkwist" tfisser korp pubbliku jew privat li joffri attivitajiet ta' xiri anċillari fuq is-suq;

"ftehim qafas" tfisser ftehim bejn awtorità kontraenti waħda jew aktar u operatur ekonomiku wieħed jew aktar, li l-għan tiegħu jkun sabiex jistabbilixxi t-termini li jirregolaw il-kuntratti li jingħataw matul perjodu speċifikat, b'mod partikolari fir-rigward ta' prezz, u fejn xieraq, il-kwantità prevista;

"ineffettività" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku; L.S. 601.05

"innovazzjoni" tfisser l-implementazzjoni ta' prodott, servizz jew proċess ġdid jew imtejjeb b'mod sinifikanti, inkluż iżda mhux limitat għall-proċessi ta' produzzjoni, bini jew kostruzzjoni, metodu ġdid ta' kummerċjalizzazzjoni, jew metodu organizzattiv ġdid fil-prattiki tan-negozju, organizzazzjoni tal-post tax-xogħol jew relazzjonijiet esterni li fost l-oħrajn ikollha l-għan li tgħin biex jissolvew l-isfidi tas-soċjetà jew li tappoġġa l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;

"kandidat" tfisser operatur ekonomiku li jkun fittex stedina jew li

jkun ġie mistieden jieħu sehem fi proċedura ristretta, f'proċedura kompetittiva negozjata, f'proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel, f'djalogu kompetittiv jew fi sħubija għall-innovazzjoni;

"kompetizzjonijiet ta' disinn" tfisser dawk il-proċeduri li jgħinu lill-entità kontraenti biex takkwista pjanijiet jew disinni magħżula minn ġurija wara li jkunu nħarġu għal kompetizzjoni bi jew mingħajr l-għoti ta' premjijiet, prinċipalment fl-oqsma tal-ippjanar tat-territorju, l-arkitettura, l-inġinerija u l-ipproċessar tad-*data*;

"Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità" għandu jkun korp li jwettaq attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità inkluż l-ikkalibrar, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti;

"korp ċentrali ta' xiri" tfisser entità kontraenti li tipprovdi attivitajiet ta' xiri ċentralizzati u, possibbilment, attivitajiet ta' xiri anċillari:

Iżda akkwist imwettaq minn korp ċentrali ta' xiri sabiex jitwettqu attattivitajiet ta' xiri ċentralizzati għandu jitqies bħala akkwist għat-twettiq ta' attività kif deskritt fir-regolament 7 sa 13. Ir-regolament 15 ma għandux japplika għal akkwist imwettaq minn korp ċentrali ta' xiri sabiex jitwettqu attivitajiet ta' xiri ċentralizzati;

"korpi rregolati mil-liġi pubblika" tfisser korpi li jkollhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(*a*) huma stabbiliti għal għanijiet speċifiċi sabiex jilħqu l-ħtiġiet fl-interess ġenerali, li ma jkollhomx karattru industrijali jew kummerċjali;

(*b*) għandhom personalità ġuridika; u

(*ċ*) huma ffinanzjati, fil-parti l-kbira, mill-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra rregolati mil-liġi pubblika, jew soġġetti għal superviżjoni maniġerjali minn dawk l-awtoritajiet jew dak il-korp; jew li għandhom bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jinħatru mill-Istat, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra rregolati mil-liġi pubblika;

"Kumitat ta' Evalwazzjoni" tfisser bordijiet jew kumitati maħtura minn awtoritajiet kontraenti bil-għan li jevalwaw offerti riċevuti u sabiex jagħmlu rakkommandazzjonijiet dwarhom;

"Kumitati tal-Kuntratti" tfisser il-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali u, jew il-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea;

"kunflitti ta' interess" għandha tfisser mill-inqas sitwazzjoni fejn membri tal-istaff tal-awtorità kontraenti jew ta' fornitur ta' servizzi ta' akkwist li jkunu qegħdin jaġixxu għan-nom tal-awtorità kontraenti li jkunu involuti fit-twettiq tal-proċeduri tal-akkwist jew li jistgħu jinfluwenzaw ir-riżultat ta' dik il-proċedura jkollhom,

direttament jew indirettament, interess finanzjarju, ekonomiku jew personali ieħor li jista' jiġi kkunsidrat li jikkompromett l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom fil-kuntest tal-proċedura tal-akkwist;

"kuntratti diretti" tfisser kuntratti mogħtija mingħajr rikors ta' sejħa minn qabel għal kompetizzjoni;

"kuntratti ta' provvista" tfisser kuntratti li għandhom bħala objettiv tagħhom ix-xiri, it-twellija, il-kera jew ix-xiri bil-kiri, b'għażla jew mingħajr għażla tal-fakultà tax-xiri, ta' prodotti. Kuntratt ta' provvista jista' jinkludi, bħala aspett sekondarju, attivitajiet fuq il-post u ta' installazzjoni;

"kuntratti ta' provvista, xogħlijiet u servizzi" tfisser kuntratti għall-interess finanzjarju konklużi bil-miktub bejn entità kontraenti waħda jew aktar imsemmija fir-regolament 2(2), u bejn kuntrattur, fornitur jew provditur ta' servizz wieħed jew aktar;

"kuntratti ta' servizz" tfisser kuntratti li jkollhom l-objettiv tagħhom il-forniment ta' servizzi barra minn dawk imsemmija fit-tifsira "kuntratti ta' xogħlijiet";

"kuntratti ta' xogħlijiet" tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala għan wieħed minn dawn li ġejjin:

(*a*) l-eżekuzzjoni jew, kemm id-disinn kif ukoll l-eżekuzzjoni, ta' xogħlijiet relatati ma' waħda mill-attivitajiet, fis-sens tal-Iskeda XI;

(*b*) l-eżekuzzjoni, jew kemm id-disinn kif ukoll l-eżekuzzjoni, ta' xogħol;

(*ċ*) it-twettiq bi kwalunkwe mezz ta' xogħol li jikkorrispondi għar-rekwiżiti speċifikati mill-entità kontraenti li teżerċita influwenza deċiżiva fuq it-tip jew id-disinn tax-xogħol;

"mezz elettroniku" tfisser mezz li juża tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluż il-kompressjoni diġitali) u l-ħażna tad-*data*, li tiġi trażmessa, imwassla u riċevuta bil-wajers, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħra;

"miktub" jew "bil-miktub" tfisser kull espressjoni li tikkonsisti fi kliem jew ċifri li jistgħu jinqraw, jiġu riprodotti jew ikkommunikati wara, inkluża informazzjoni trażmessa u maħżuna permezz ta' mezzi elettroniċi;

"modifika" tfisser kull bidla, varjazzjoni jew emenda tat-termini oriġinali tal-kuntratt inkluż, iżda mhux limitat għal, l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet u għat-tneħħija jew is-sostituzzjoni ta' kundizzjonijiet eżistenti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"offerent" tfisser operatur ekonomiku li ssottometta offerta;

"offerta dipartimental" tfisser offerti maħruġa minn awtorità kontraenti b'valur stmat li jaqa' taħt il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(1)(*a*);

"offerta mhux konformi" tfisser offerta li ma tkunx tikkonforma mal-pattijiet u l-kundizzjonijiet speċifikati fl-avviż jew fl-avviż tal-UE biex isiru offerti jew fid-dokumenti tal-offerta nnifishom;

"offerti inaċċettabbli" tfisser offerenti li ma jkollhomx il-kwalifiki mitluba, u offerti li l-prezz tagħhom jeċċedi l-baġit tal-awtorità kontraenti kif determinat u dokumentat qabel it-tnedija tal-proċedura tal-akkwist;

"offerti irregolari" tfisser offerti li ma jikkonformawx mad-dokumenti ta' akkwist, li jkunu ġew riċevuti tard, fejn ikun hemm evidenza ta' kollużjoni jew korruzzjoni, jew li jkunu instabu baxxi b'mod anormali mill-entità kontraenti;

"operatur ekonomiku" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' persuni bħal dawn, jew entitajiet, inklużi kull assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi;

"persuna *black listed*" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku; L.S. 601.05

"pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern" tfisser il-pjattaforma elettronika għal akkwist stabbilit mid-Direttur;

"referenza teknika" tfisser kwalunkwe proġett imwettaq mill-korpi Ewropej ta' standardizzazzjoni, għajr standards Ewropej, skont il-proċeduri adattati għall-iżvilupp tal-ħtiġijiet tas-suq;

"rekwiżiti tat-tikketta" tfisser ir-rekwiżiti li għandhom jintlaħqu mix-xogħlijiet, il-prodotti, is-servizzi, il-proċessi jew il-proċeduri partikolari sabiex tinkiseb it-tikketta kkonċernata;

"SME" għandha tinftiehem kif imfissra fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;

"speċifikazzjoni teknika" tfisser kemm -

(*a*) fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet, it-totalità tal-preskrizzjonijiet tekniċi li jinsabu b'mod partikolari fid-dokumenti tal-akkwist, li tiddefinixxi l-karatteristiċi meħtieġa minn materjal, prodott jew provvista, li tippermetti li materjal, prodott jew provvista jkunu deskritti b'mod li jwettqu tajjeb l-użu li jkunu intenzjonati għalih mill-entità kontraenti; dawk il-karatteristiċi jinkludu livelli ta' prestazzjoni ambjentali u klimatika, disinn għall-ħtiġijiet kollha (inkluż l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità) u valutazzjoni tal-konformità, prestazzjoni, sikurezza jew dimensjonijiet, inkluż il-proċeduri dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità, terminoloġija, simboli, ittestjar u metodi tal-ittestjar, imballaġġ, immarkar u tikkettar, struzzjonijiet għall-utent, u proċessi u metodi ta' produzzjoni fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tax-xogħlijiet; dawk il-karatteristiċi jinkludu wkoll regoli dwar id-disinn u l-kalkolu tal-ispejjeż, il-kundizzjonijiet tal-ittestjar, spezzjoni u aċċettazzjoni għax-xogħlijiet u l-metodi jew it-teknika tal-kostruzzjoni u l-kundizzjonijiet tekniċi kollha l-oħra li l-entità kontraenti tkun f'pożizzjoni li tippreskrivi, skont regolamenti ġenerali jew speċifiċi, fir-rigward tax-xogħlijiet kompluti u tal-materjali jew il-partijiet li jinvolvu;

(*b*) fil-każ ta' kuntratti ta' servizz jew provvista, speċifikazzjoni f'dokument li jiddefinixxi l-karatteristiċi meħtieġa ta' prodott jew servizz, bħal-livelli ta' kwalità, il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali u klimatika, id-disinn għar-rekwiżiti kollha (inkluża l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità) u valutazzjoni tal-konformità, il-prestazzjoni, l-użu tal-prodott, is-sikurezza jew id-dimensjonijiet, inklużi rekwiżiti rilevanti għall-prodott fir-rigward tal-isem li taħtu jinbiegħ il-prodott, it-terminoloġija, is-simboli, l-ittestjar u l-metodi ta' ttestjar, l-imballaġġ, l-immarkar u t-tikkettar, l-istruzzjonijiet għall-utenti, il-proċessi u l-metodi ta' produzzjoni f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-provvista jew servizz u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

"speċifikazzjonijet tekniċi komuni" tfisser speċifikazzjoni teknika fil-qasam tal-ICT stabbilit skont l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) 1025/2012;

"*standard*" tfisser speċifikazzjoni teknika adottata minn korp ta' standardizzazzjoni rikonoxxut, għal applikazzjoni repetuta jew kontinwa, li l-konformità magħha mhijiex obbligatorja u li hija waħda milli ġejjin:

(*a*) "*standard* internazzjonali" tfisser standard adottat minn organizzazzjoni internazzjonali tal-istandards u maħruġ għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali,

(*b*) "*standard* Ewropew" tfisser standard adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u maħruġ għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali,

(*ċ*) "*standard* nazzjonal" tfisser standard adottat minn organizzazzjoni nazzjonali tal-istandardizzazzjoni u maħruġ għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

"tikketta" tfisser kwalunkwe dokument, ċertifikat jew attestazzjoni uffiċjali li tikkonferma li x-xogħlijiet, il-prodotti, is-servizzi, il-proċessi jew il-proċeduri partikolari jilħqu ċerti rekwiżiti;

"TFUE" tfisser it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"Valutazzjoni Teknika Ewropea" tfisser il-valutazzjoni dokumentata tal-prestazzjoni ta' prodott ta' kostruzzjoni, f'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tiegħu, f'konformità mad-Dokument ta' Valutazzjoni Ewropew, kif imfisser fil-punt 12 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Kap. 406. "VAT" tfisser il-valur miżjud skont l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

"xogħol" tfisser l-eżitu tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni u inġinerija ċivili meħuda bħala ħaġa waħda li fiha nnifiha hija suffiċjenti biex taqdi funzjoni ekonomika jew teknika.

(2) "Entitajiet kontraenti" huma entitajiet li:

(*a*) huma awtoritajiet kontraenti jew impriżi pubbliċi u li jsegwu waħda mill-attivitajiet imsemmija fir-regolamenti 8 sa 14;

(*b*) meta dawn ma jkunux awtoritajiet kontraenti jew impriżi pubbliċi, ikollhom bħala waħda mill-attivitajiet tagħhom xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fir-regolamenti 7 sa 13, jew kwalunkwe taħlita tagħhom u joperaw fuq il-bażi ta' drittijiet speċjali jew esklużivi mogħtija minn awtorità kompetenti.

(3) (*a*) "impriża pubblika" tfisser kull impriża li fuqha l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeżerċitaw influwenza dominanti b'mod dirett jew indirett minħabba li din tkun proprjetà tagħhom, il-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolawha;

(*b*) influwenza dominanti min-naħa tal-awtoritajiet kontraenti għandha ssir fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin li fihom dawk l-awtoritajiet, b'mod dirett jew indirett:

(i) ikollhom il-maġġoranza tal-kapital sottoskritt tal-impriża;

(ii) ikunu jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti marbuta ma' ishma maħruġa mill-impriża,

(iii) ikunu jistgħu jaħtru aktar min-nofs il-korp amministrattiv, maniġerjali, superviżorju tal-impriża.

(4) Għall-finijiet tas-subregolamenti (2) u (3):

(*a*) drittijiet speċjali jew esklużivi mogħtija minn awtorita kompetenti permezz ta' xi dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva li l-effett tagħha huwa li tillimita l-eżerċizzju ta' attivitajiet kif imfisser fir-regolamenti 7 sa 13 għal entità waħda jew aktar, u li sostanzjalment taffettwa l-kapaċità ta' entitajiet oħra li jwettqu din l-attività.

(*b*) drittijiet li ngħataw permezz ta' proċedura li fiha ġiet żgurata pubbliċità adegwata u fejn l-għoti ta' dawk id-drittijiet kien ibbażat fuq kriterji oġġettivi ma għandhomx jikkostitwixxu drittijiet speċjali jew esklużivi fis-sens tal-paragrafu (*a*). Proċeduri bħal dawn jinkludu:

(i) proċeduri ta' akkwist b'sejħa għal kompetizzjoni minn qabel b'konformità mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti ta' Konċessjoni, dawn ir-regolamenti jew ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà; L.S. 601.03 L.S. 601.09 L.S. 601.07

(ii) proċeduri skont atti legali oħra tal-Unjoni elenkati fl-Iskeda 2, li jiżguraw trasparenza adegwata minn qabel għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi.

3. L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa sabiex jirregola l-akkwist minn entitajiet kontraenti li joperaw fis-setturi tas-servizzi Skop.

tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali.

Applikabbiltà

Applikabbiltà.

4. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom jirregolaw il-proċeduri ta' akkwist kollha li jkunu inbdew wara d-dħul tagħhom fis-seħħ.

(2) L-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti hija soġġetta għall-Artikolu 346 tat-TFUE.

Dispożizzjoni transitorja.

5. Kull proċedura ta' akkwist li tkun inħarġet qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandha tkompli tiġi regolata bil-liġijiet li kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, inkluża r-reviżjoni fuq kull deċiżjoni dwar dan.

Dispożizzjonijiet komuni.

6. Għall-finjiet tar-regolamenti 7, 8 u 9 "provvista" għandha tinkludi l-ġenerazzjoni u l-produzzjoni, bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, filwaqt li l-produzzjoni tal-gass fil-forma ta' estrazzjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament 13.

Gass u tisħin

7. (1) Sa fejn huma kkonċernati l-gass u t-tisħin, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-attivitajiet li ġejjin:

(*a*) il-forniment jew it-tħaddim ta' netwerks fissi maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku b'rabta mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' gass jew tisħin;

(*b*) il-provvista ta' gass jew tisħin lil dawn in-netwerks.

(2) Il-provvista, minn entità kontraenti li mhijiex awtorità kontraenti, ta' gass jew tisħin lil netwerks li jipprovdu servizz lill-pubbliku, ma għandhiex titqies bħala attività rilevanti fit-tifsira tas-subregolament (1) fejn:

(*a*) il-produzzjoni ta' gass jew tisħin minn dik entità konċernata hija l-konsegwenza inevitabbli li tirriżulta mit-twettiq ta' attività, minbarra dawk imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament jew fir-regolamenti 8 sa 10;

(*b*) il-provvista lin-netwerk pubbliku għandha l-għan biss li tisfrutta ekonomikament din il-produzzjoni u tammonta għal mhux aktar minn għoxrin fil-mija tad-dħul tal-entità abbażi tal-medja fuq it-tliet snin preċedenti, inkluża s-sena kurrenti.

Elettriku.

8. (1) Sa fejn huwa kkonċernat l-elettriku, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-attivitajiet li ġejjin:

(*a*) il-forniment jew it-tħaddim ta' netwerks fissi maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' elettriku;

(*b*) il-provvista ta' elettriku lil dawn in-netwerks.

(2) Il-provvista, minn entità kontraenti li mhijiex awtorità kontraenti, ta' elettriku lil netwerks li jipprovdu servizz lill-pubbliku ma għandhiex titqies bħala attività rilevanti fit-tifsira tas-subregolament (1) fejn jiġu sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) il-produzzjoni ta' elettriku minn dik l-entità kontraenti ssir peress li l-konsum tiegħu huwa neċessarju għat-twettiq ta' attività, minbarra dawk kif imsemmija fis-subregolament (1), jew fir-regolamenti 7, 9 u 10;

(*b*) il-provvista lin-netwerk pubbliku tiddependi biss mill-konsum ta' dik l-entità kontraenti stess u ma tkunx qabżet it-tletin fil-mija tal-produzzjoni totali ta' enerġija ta' dik l-entità kontraenti, fuq il-bażi tal-medja tat-tliet snin preċedenti, inkluża s-sena kurrenti.

Ilma.

9. (1) Għal dak li jirrigwarda l-ilma, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-attivitajiet li ġejjin:

(*a*) il-forniment jew it-tħaddim ta' netwerks fissi maħsuba sabiex jipprovdu servizz lill-pubbliku b'rabta mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' ilma tajjeb għax-xorb;

(*b*) il-provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb lil netwerks bħal dawn.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għal kuntratti jew kompetizzjonijiet ta' disinn mogħtija jew organizzati minn entitajiet kontraenti li jwettqu attività msemmija fis-subregolament (1) u li:

(*a*) huma konnessi ma' proġetti ta' inġinerija idrawlika, irrigazzjoni jew drenaġġ tal-art, dment li l-volum ta' ilma li għandu jintuża għall-provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb ikun jirrappreżenta aktar minn għoxrin fil-mija tal-volum totali ta' ilma mqiegħed għad-dispożizzjoni minn dawn il-proġetti jew minn installazzjonijiet għall-irrigazzjoni jew id-drenaġġ,

(*b*) huma konnessi mar-rimi u t-trattament tad-drenaġġ.

(3) Il-provvista, minn entità kontraenti li mhijiex awtorità kontraenti, ta' ilma tajjeb għax-xorb lil netwerks fissi li jipprovdu servizz lill-pubbliku ma għandhiex titqies bħala attività rilevanti fit-tifsira tas-subregolament (1) fejn:

(*a*) il-produzzjoni ta' ilma tajjeb għax-xorb minn dik l-entità kontraenti ssir peress li l-konsum tiegħu huwa neċessarju għat-twettiq ta' attività, minbarra dawk imsemmija fir-regolamenti 7 sa 10;

(*b*) il-provvista lin-netwerk pubbliku tiddependi biss mill-konsum ta' dik l-entità kontraenti stess u ma tkunx qabżet it-tletin fil-mija tal-produzzjoni totali ta' ilma tajjeb għax-xorb ta' dik l-entità kontraenti, fuq il-bażi tal-medja tat-tliet snin preċedenti, inkluża s-sena kurrenti.

Servizzi tat-trasport.

10. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-forniment jew it-tħaddim ta' netwerks li jipprovdu servizz lill-pubbliku fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija, b'sistemi awtomatizzati, bit-*tramway*, bit-*trolley bus*, bil-karozza tal-linja jew bil-kejbil.

(2) F'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi tat-trasport, għandu

jiġi kkunsidrat li hu stabbilit netwerk fejn is-servizz ikun provdut f'kundizzjonijiet ta' tħaddim preskritti minn awtorità kompetenti, bħal kundizzjonijiet fuq ir-rotot li għandhom jiġu servuti, il-kapaċità li għandha tkun disponibbli jew il-frekwenza tas-servizz.

Portijiet u ajruporti.

11. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-isfruttar ta' żona ġeografika għall-finijiet ta' provvista ta' ajruporti u portijiet marittimi jew interni jew faċilitajiet oħra ta' *terminals* għal trasportaturi bl-ajru, bil-baħar jew permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma.

Servizzi postali.

12. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-forniment ta':

(*a*) servizzi postali;

(*b*) servizzi oħra minbarra servizzi postali, bil-kundizzjoni li servizzi bħal dawn ikunu pprovduti minn entità li tipprovdi wkoll servizzi postali fit-tifsira tas-subregolament (2)(*b*) u dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 24(1) u (2) mhumiex sodisfatti fir-rigward tas-servizzi li jaqgħu fi ħdan is-subregolament (2)(*b*).

(2) Għall-finjijiet ta' dan ir-regolament u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 97/67/UE:

(*a*) "oġġett postali" tfisser oġġett indirizzat fil-forma finali li fiha għandu jingħarr, irrispettivament mit-toqol. Minbarra l-oġġetti ta' korrispondenza, dawn l-oġġetti jinkludu wkoll pereżempju kotba, katalgi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jkun fihom merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajru, irrispettivament mit-toqol tagħhom;

(*b*) "servizzi postali" tfisser servizzi li jikkonsistu fil-ġbir, l-issortjar, il-ħruġ u t-tqassim ta' oġġetti postali. Dan għandu jinkludi kemm is-servizzi li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni kif ukoll dawk li jaqgħu barra minnu tas-servizz universali stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 97/67/KE;

(*ċ*) "servizzi oħra, għajr servizzi postali" tfisser servizzi pprovduti fl-oqsma li ġejjin

(i) servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta (servizzi li jseħħu qabel u wara d-dispaċċ, bħal servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri);

(ii) servizzi li jikkonċernaw oġġetti postali li mhumiex inklużi fis-subregolament (2)(a), bħall-posta diretta mingħajr l-ebda indirizz.

Estrazzjoni ta' żejt u gass u esplorazzjoni għal, jew estrazzjoni ta', faħam jew karburanti solidi oħra.

13. (1) Dawn ir-regolamenti japplikaw għal attivitajiet relatati mal-isfruttar ta' żona ġeografika bl-għan ta':

(*a*) estrazzjoni ta' żejt jew gass;

(*b*) esplorazzjoni għal, jew estrazzjoni ta', faħam u karburanti solidi oħra

(2) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu tal-esplorazzjoni ta' żejt u gass.

(3) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

(*a*) "esplorazzjoni" għandha tiġi kkunsidrata li tinkludi l-attivitajiet li twettqu sabiex jiġi vverifikat jekk iż-żejt u l-gass humiex preżenti f'żona partikolari u, jekk hemm, jekk jistax jiġi sfruttat b'mod kummerċjali;

(*b*) "estrazzjoni" għandha tiġi kkunsidrata bħala l-"produzzjoni" ta' żejt u gass;

(*ċ*) "produzzjoni" għandha titqies ukoll li tinkludi l-istabbiliment ta' infrastruttura adegwata għal produzzjoni fil-futur ta' żejt bħal pjattaformi taż-żejt, pajpijiet u *terminals*.

Offerti li jinkludu prodotti li joriġinaw f' pajjiżi terzi.

14. (1) Dan ir-regolament għandu japplika għal offerti li jkopru prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni ma kkonkludietx, la f'livell multilaterali u lanqas bilaterali, ftehim li jiżgura aċċess komparabbli u effettiv għal impriżi tal-Unjoni għas-swieq ta' dawk il-pajjiżi terzi.

(2) Kwalunkwe offerta ppreżentata għall-għoti ta' kuntratt ta' provvista tista' tiġi miċħuda fejn il-proporzjon tal-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi, kif stabbilit f'konformità mar-Regolament(UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (43), jaqbeż il-ħamsin fil-mija tal-valur totali tal-prodotti li jikkostitwixxu l-offerta.

(3) *Software* użat f'tagħmir tan-netwerk tat-telekomunikazzjoni għandu jitqies bħala prodotti.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), fejn żewġ offerti jew aktar huma ekwivalenti fid-dawl tal-kriterji tal-għoti ta' kuntratt kif imfissra fir-regolament 170, għandha tingħata preferenza lil dawk l-offerti li ma jistgħux jiġu rifjutati skont is-subregolament (2). Il-prezzijiet ta' dawk l-offerti għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-finijiet ta' dan ir-regolament, jekk id-differenza fil-prezz ma taqbiżx it-tlieta fil-mija.

(5) Offerta ma għandhiex tiġi preferuta minn oħra skont is-subregolament (1) fejn l-aċċettazzoni tagħha tkun tobbliga lill-entità kontraenti li takkwista tagħmir li għandu karatteristiċi tekniċi differenti minn dawk ta' tagħmir eżistenti, li jirriżulta f'inkompatibbiltà, diffikultajiet tekniċi fl-operat u l-manutenzjoni, jew spejjeż sproporzjonati.

(6) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, il-pajjiżi terzi li għalihom il-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jkunu ġew estiżi b'Deċiżjoni tal-Kunsill f'konformità mas-subregolament (1) ma għandux jittieħed kont tagħhom meta jiġi stabbilit il-proporzjon, kif imsemmi fis-subregolament (2), tal-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi.

Kuntratti mogħtija għall-finijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew kiri lill-partijiet terzi.

15. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal kuntratti mogħtija għall-finijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew kiri lill-partijiet terzi, sakemm l-entità kontraenti ma tgawdi mill-ebda dritt speċjali jew esklużiv li tbigħ jew tikri s-suġġett ta' dawn il-kuntratti, filwaqt li entitajiet oħra jkunu ħielsa li jbigħuh jew jikruh taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk tal-entità kontraenti.

(2) L-entitajiet kontraenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni jekk jintalbu jagħmlu dan bil-kategoriji kollha ta' prodotti jew

attivitajiet li huma jqisu bħala eskluži skont is-subregolment (1).

Kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn mogħtija jew organizzati għal għanijiet differenti mit-twettiq ta' attività koperta jew għat-twettiq ta' attività bħal din f'pajjiż terz.

16. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal kuntratti li l-entitajiet kontraenti jagħtu għal għanijiet, differenti mit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom kif deskritt fir-regolamenti 7 sa 13 jew għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet f'pajjiż terz, f'kundizzjonijiet li ma jinvolvux l-użu fiżiku ta' netwerk jew ta' żona ġeografika fl-Unjoni u ma għandhiex tapplika lanqas għal kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati għal għanijiet bħal dawn.

(2) L-entitajiet kontraenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, jekk jintalbu jagħmlu dan, b'kull attività li huma jqisu bħala eskluża skont is-subregolment (1).

Kuntratti mogħtija u kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati skont regoli internazzjonali.

17. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal kuntratti jew kompetizzjonijiet ta' disinn li l-entità kontraenti hija obbligata li tagħti jew torganizza f'konformità ma' proċeduri ta' akkwist differenti minn dawk stipulati dawn ir-regolamenti stabbilita bi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(*a*) strument legali li joħloq obbligi legali internazzjonali, bħal ftehim internazzjonali konkluż f'konformità mat-Trattati bejn Stat Membru u pajjiż terz wieħed jew aktar jew subdiviżjonijiet tiegħu jew tagħhom u li jkopri xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għall-implimentazzjoni jew l-isfruttament konġunt ta' proġett mill-firmatarji tagħhom;

(*b*) organizzazzjoni internazzjonali;

(*ċ*) kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn li l-entità kontraenti tagħti jew torganizza skont regoli ta' akkwist previsti minn organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, fejn il-kuntratti jew il-kompetizzjonijiet ta' disinn ikkonċernati jkunu ffinanzjati kompletament minn dik l-organizzazzjoni jew istituzzjoni; fil-każ ta' kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn ikkofinanzjati fil-parti l-kbira minn organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, il-partijiet għandhom jaqblu dwar il-proċeduri applikabbli tal-akkwist:

Iżda għall-kompetizzjonijiet ta' disinn li jaqgħu taħt dan ir-regolament, u li jkollhom valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limiti stabbiliti fl-Iskeda 5, l-entità kontraenti għandha tikkomunika lill-Kummissjoni l-istrumenti legal kollha imsemmija fil-paragrafu (*a*).

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 23 għandhom japplikaw għal kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn li jinvolvu aspetti ta' difiża jew sigurtà li jingħataw jew huma organizzati skont ir-regoli internazzjonali. Is-subregolament (1) m'għandux japplika għal dawk il-kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn.

Esklużjonijiet speċifiċi għal kuntratti ta' servizzi.

18. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal:

(*a*) l-akkwist jew il-kiri, permezz ta' kwalunkwe mezz finanzjarju, ta' art, bini eżistenti, jew proprjetà immobbli oħra jew drittijiet konċernati fuqhom;

(*b*) servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni;

(*ċ*) rappreżentanza legali ta' klijent minn avukat fit-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE tat-22 ta' Marzu 1977 biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati fi:

(i) arbitraġġ jew konċiljazzjoni li jsiru fi Stat Membru, pajjiż terz jew quddiem istanza internazzjonali ta' arbitraġġ jew konċiljazzjoni;

(ii) proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati, it-tribunali jew l-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru jew pajjiż terz jew quddiem qrati, tribunali jew istituzzjonijiet internazzjonali;

(*d*) parir legali mogħti bi tħejjija għal kwalunkwe wieħed mill-proċedimenti msemmija fil-paragrafu (*ċ*) jew meta jkun hemm indikazzjoni tanġibbli u probabbiltà għolja li l-kwistjoni li dwarha jingħata l-parir issir is-suġġett ta' tali proċedimenti, dment li l-parir jingħata minn avukat fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 77/249/KEE ta' Marzu 1977 biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati;

(*e*) servizzi ta' ċertifikazzjoni u awtentikazzjoni ta' dokumenti li għandhom jingħataw minn nutara;

(*f*) servizzi legali mogħtija minn *trustees* jew gwardjani maħturin jew servizzi legali oħrajn li l-fornituri tagħhom huma indikati minn qorti jew tribunal fl-Istat Membru kkonċernat jew minn liġi biex iwettqu kompiti speċifiċi taħt is-superviżjoni ta' tribunali jew qrati bħal dawn;

(*g*) servizzi legali oħrajn li huma konnessi, ukoll b'mod okkażjonali, mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali;

(*h*) servizzi finanzjarji marbuta mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' titoli jew strumenti finanzjarji oħra skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda l-operazzjonijiet imwettqa bil-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

(*i*) self, irrispettivament jekk huwiex marbut mal-kwistjoni, bejgħ, xiri jew trasferiment ta' titoli jew strumenti finanzjarji oħra;

(*j*) kuntratti ta' impjieg;

(*k*) servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija jew *metro*;

(*l*) difiża ċivili, protezzjoni ċivili, u ta' prevenzjoni ta' perikolu li huma fornuti minn organizzazzjonijiet jew

assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, u li huma koperti mill-kodiċi CPV: 75250000-3, 75251000-0, 75251100-1, 75251110-4, 75251120-7, 75252000-7, 75222000-8; 98113100-9 u 85143000-3 minbarra servizzi tal-ambulanza għat-trasport ta' pazjenti;

(*m*) kuntratti għal ħin ta' xandir jew il-forniment ta' programm li huma mogħtija lil fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva jew tar-radju.

(*n*) kuntratti ta' servizzi għal servizzi ta' riċerka u żvilupp barra minn dawk il-kuntratti ta' servizzi għal servizzi ta' riċerka u żvilupp li huma koperti mill-Kodiċi CVP 73000000-2 sa 73120000-9, 73300000-5, 73420000-2 u 73430000-5 li l-benefiċċji jkunu dovuti esklużivament lill-awtorità kontraenti għall-użu tagħhom fit-twettiq tan-negozju proprju tagħha, bil-kundizzjoni li s-servizz ipprovdut huwa kompletament remunerat mill-awtorità kontraenti.

(*o*) meta jiġi approvat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

"fornituri ta' servizzi tal-media", b'mod limitat għall-finijiet tas-subregolament (1)(*m*), għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik skont il-punt (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva;

"materjal tal-programm" għandu jkollha l-istess tifsira bħat-tifsira "programm";

"programm" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik skont il-punt (b) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva u għandha wkoll tinkludi programmi tar-radju u materjali tal-programmi.

Kuntratti ta' servizzi assenjati fuq il-bażi ta' dritt esklużiv.

19. Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal kuntratti ta' servizz mogħtija lil entità li hija fiha nnifisha awtorità kontraenti jew lil assoċjazzjoni ta' awtoritajiet kontraenti fuq il-bażi ta' dritt esklużiv li huma jgawdu skont liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva pubblikata li tkun kompatibbli mat-TFUE.

Kuntratti mogħtija minn ċerti entitajiet kontraenti għax-xiri ta' ilma u għall-provvista ta' enerġija jew ta' karburanti għall-produzzjoni ta' enerġija.

20. Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal:

(*a*) għal kuntratti għax-xiri ta' ilma jekk dawn ikunu ngħataw minn entitajiet kontraenti involuti f'waħda jew fiż-żewġ attivitajiet relatati mal-ilma tajjeb għax-xorb imsemmija fir-regolament 9(1);

(*b*) għal kuntratti mogħtija minn awtoritajiet kontraenti nfushom li jkunu attivi fis-settur tal-enerġija billi dawn

ikunu involuti f'attività msemmija fir-regolament 7(1), regolament 8(1) jew ir-regolament 13 għall-provvista' -

(i) ta' enerġija;

(ii) ta' karburanti għall-produzzjoni ta' enerġija.

Difiża u sigurtà. L.S. 601.07

21. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal kuntratti li jaqgħu fl-iskop ta' Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà kif ukoll għall-kuntratti li għalihom l-imsemmija regolamenti ma japplikawx skont ir-regolamenti 9, 13 u 14 tiegħu.

(2) Kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn li mhumiex eżentati mod ieħor skont is-subregolment (1), sa fejn il-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà ta' Malta ma tkunx tista' tiġi ggarantita permezz ta' miżuri inqas intrużivi, pereżempju bl-impożizzjoni ta' rekwiżiti mmirati għall-protezzjoni tan-natura kunfidenzjali ta' informazzjoni li l-entità kontraenti tagħmel disponibbli fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt kif previst f'dawn ir-regolamenti.

(3) Dawn ir-regolamenti japplikaw għal kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn li mhumiex eżentati mod ieħor skont is-subregolment (1) sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti tobbliga lill-Malta biex tagħti informazzjoni li hija tqis l-iżvelar tagħha bħala kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha.

Kuntratti ddikjarati bħala sigrieti.

22. Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal kuntratti jew kompetizzjonijiet ta' disinn ddikjarati bħala sigrieti jew għandhom ikunu akkumpanjati minn miżuri ta' sigurtà speċjali skont il-liġijiet ta' Malta dment li jkun ġie determinat li l-interessi essenzjali kkonċernati ma jistgħux jiġu ggarantiti minn miżuri inqas intrużivi, bħal dawk li jissemmew fir-regolament 21(2).

Kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn li jinvolvu aspetti ta' difiża jew sigurtà li jingħataw jew organizzati skont ir-regoli internazzjonali.

23. (1) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal kuntratti jew il-kompetizzjonijiet ta' disinn li jinvolvu aspetti ta' difiża u sigurtà li l-entità kontraenti hija obbligata li tagħti jew torganizza f'konformità mal-proċeduri ta' akkwist differenti minn dawk stipulati f'dawn ir-regolamenti stabbiliti minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin

(*a*) ftehim jew arranġament internazzjonali konkluż f'konformità mat-Trattati bejn Malta u pajjiż terz wieħed jew aktar jew subdiviżjonijiet tiegħu jew tagħhom u li jkopri xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għall-implimentazzjoni jew l-użu konġunt ta' proġett mill-firmatarji tagħhom;

(*b*) ftehim jew arranġament internazzjonali konkluż dwar l-istazzjonar ta' truppi u li jikkonċerna l-impriżi ta' Malta jew pajjiż terz;

(*ċ*) organizzazzjoni internazzjonali.

(2) Il-ftehim jew l-arranġamenti kollha msemmija fis-subregolament (1)(*a*) għandhom jiġu komunikati lill-Kummissjoni.

(3) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn li jinvolvu aspetti ta' difiża u ta' sigurtà li l-entità kontraenti tagħti skont regoli ta' akkwist previsti

minn organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, fejn il-kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn ikkonċernati jkunu ffinanzjati kompletament minn din l-organizzazzjoni jew istituzzjoni. Fil-każ ta' kuntratti jew kompetizzjonijiet ta' disinn li huma kofinanzjati fil-parti l-kbira minn organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, il-partijiet għandhom jaqblu dwar il-proċeduri tal-akkwist applikabbli.

Attivitajiet direttament esposti għall-kompetizzjoni.

24. (1) Kuntratti maħsuba sabiex jippermettu li ssir attività msemmija fir-regolamenti 7 sa 13 li għandha titwettaq ma għandhomx ikunu soġġetti għal dawn ir-regolamenti jekk l-entitajiet kontraenti li introduċew it-talba skont ir-regolament 25, jistgħu juru li, f'Malta li titwettaq fih, l-attività hija direttament esposta għall-kompetizzjoni fis-swieq li għalihom mhuwiex ristrett l-aċċess; u lanqas il-kompetizzjonijiet ta' disinn li huma organizzati sabiex titwettaq din l-attività f'dik iż-żona ġeografika ma għandhom ikunu soġġetti għal dawn ir-regolamenti.

(2) L-attività kkonċernata tista' tagħmel parti minn settur kbir jew tiġi eżerċitata biss f'ċerti partijiet ta' Malta. L-evalwazzjoni tal-kompetizzjoni msemmija fis-subregolament (1) hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi dwar il-kompetizzjoni. Evalwazzjoni bħal din għandha ssir b'kont meħud tas-suq għall-attivitajiet inkwistjoni u s-suq ġeografiku ta' referenza fis-sens tas-subregolamenti (3) u (4).

(3) Għall-finijiet tas-subregolamenti (1) u (2) il-kwistjoni ta' jekk attività hijiex esposta direttament għal kompetizzjoni għandha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' kriterji li huma f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-kompetizzjoni, bħal dawk il-karatteristiċi tal-prodotti jew is-servizzi konċernati, l-eżistenza ta' prodotti jew servizzi alternattivi meqjusa bħala sostitwibbli fuq in-naħa tal-provvista jew tad-domanda, il-prezzijiet u l-preżenza attwali jew potenzali ta' aktar minn fornitur wieħed tal-prodotti jew servizzi msemmija.

(4) Is-suq ġeografiku ta' referenza, li fuq il-bażi tiegħu hija valutata l-espożizzjoni għall-kompetizzjoni, għandu jikkonsisti f'żona li fiha l-impriżi konċernati huma involuti fil-provvista u d-domanda ta' prodotti jew servizzi, li fihom il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni huma omoġeni biżżejjed u li jistgħu jiġu distinti minn żoni tal-viċinat għax, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni huma apprezzabilment differenti f'dawk iż-żoni. Dik l-evalwazzjoni għandha tieħu kont b'mod partikolari tan-natura u l-karatteristiċi tal-prodotti jew servizzi kkonċernati, tal-eżistenza ta' ostakli għad-dħul jew ta' preferenzi tal-konsumaturi, ta' differenzi apprezzabbli tas-sehem mis-suq tal-impriżi bejn iż-żona kkonċernata u ż-żoni tal-viċinat jew ta' differenzi sostanzjali fil-prezz.

(5) Għall-finjiet tas-subregolamenti (1) u (2), l-aċċess għal suq għandu jitqies bħala mhux ristrett jekk Malta tkun implimentat u applikat id-dispożizzjonijet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni elenkata fl-Iskeda 3.

(6) Jekk ma jkunx jista' jiġi preżunt aċċess ħieles għal suq partikolari fuq il-bażi tas-subregolament (5), għandu jintwera li l-aċċess

għas-suq inkwistjoni huwa ħieles *de facto* u *de jure*.

Proċedura biex jiġi stabbilit jekk japplikax ir-regolament 24.

25. (1) Meta entità kontraenti tikkunsidra li, abbażi tal-kriterji stipulati fir-regolament 24((3), (4), (5) u (6), attività partikolari hija direttament esposta għal kompetizzjoni fis-swieq li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett, din tista' tressaq talba lill-Kummissjoni biex ikun stabbilit li dawn ir-regolamenti ma japplikawx għall-għoti ta' kuntratti jew għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet ta' disinn għat-tkomplija ta' dik l-attività, fejn adatt flimkien mal-pożizzjoni adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fir-rigward tal-attività kkonċernata.

(2) It-talbiet fis-subregolament (1) jistgħu jirrigwardaw attivitajiet li jagħmlu parti minn settur akbar jew li jiġu eżerċitati biss f'ċerti partijiet ta' Malta.

(3) Fit-talba, l-entità kontraenti kkonċernata għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar il-fatti rilevanti kollha, u b'mod partikolari dwar kwalunkwe liġi, regolament, dispożizzjoni amministrattiva jew ftehim dwar konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 24(1) u (2).

(4) Sakemm talba li tkun ġejja minn entità kontraenti ma tkunx akkumpanjata minn pożizzjoni raġunata u sostanzjata, adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fir-rigward tal-attività kkonċernata, li tanalizza bir-reqqa l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà possibbli tar-regolament 24(1) u (2) għall-attività kkonċernata f'konformità mar-regolament 24(3), (4), (5) u (6), il-Kummissjoni għandha immedjatament tinforma lill-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru konċernat għandu f'tali każijiet jinfurma lill-Kummissjoni dwar il-fatti rilevanti kollha, u b'mod partikolari dwar kwalunkwe liġi, regolament, dispożizzjoni amministrattiva jew ftehim dwar konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 24(1) u (2).

(5) Wara talba mressqa f'konformità mas-subregolamenti (1) u (2), il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati fil-perjodi stipulati fl-Iskeda 6, tistabbilixxi jekk attività msemmija fir-regolamenti 7 sa 13 hijiex esposta direttament għall-kompetizzjoni abbażi tal-kriterji stabbiliti fir-regolament 24.

(6) Kuntratti intenzjonati biex jippermettu t-twettiq tal-attività kkonċernata u l-kompetizzjonijiet ta' disinn li huma organizzati għas-segwitu ta' attività bħal din, ma għandhomx jibqgħu suġġetti għal dawn ir-regolamenti fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) il-Kummissjoni tkun adottat l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-applikabbiltà r-regolament 24(1) u (2) fil-perjodu previst fl-Iskeda 6;

(*b*) il-Kummissjoni ma tkunx adottat l-att ta' implimentazzjoni fil-perjodu previst fl-Iskeda VI.

Modifika ta' talba.

26. Wara s-sottomissjoni ta' talba, l-Istat Membru jew l-entità kontraenti kkonċernati tista', bi qbil mal-Kummissjoni, timmodifika b'mod sostanzjali t-talba tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet jew taż-żoni ġeografiċi kkonċernati. F'dak il-każ, għandu japplika perjodu ġdid għall-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni, li

għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Iskeda 9, sakemm ma jsirx qbil dwar perjodu iqsar mill-Kummissjoni u l-Istat Membru jew l-entità kontraenti li ppreżentat it-talba.

Talbiet oħrajn qabel l-iskadenza tal-perjodu miftuħ fir-rigward tal-ewwel talba.

27. Meta attività diġà tkun soġġetta għal proċedura taħt dan it-titolu, talbiet oħrajn li jikkonċernaw l-istess attività qabel l-iskadenza tal-perjodu miftuħ fir-rigward tal-ewwel talba ma għandhomx jitqiesu bħala proċeduri ġodda u għandhom jiġu ttrattati fil-kuntest tal-ewwel talba.

Atti ta' implimentazzjoni.

28. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi regoli ddettaljati. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jinkludi tal-inqas ir-regoli relatati ma':

(*a*) il-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għall-informazzjoni tad-data li fiha jibda u jintemm il-perjodu stipulat fil-paragrafu 1 tal-Iskeda 6, inklużi kwalunkwe prolungamenti jew sospensjonijiet ta' dawk il-perjodi, kif previst f'dik l-Iskeda;

(*b*) il-pubblikazzjoni tal-applikabbiltà possibbli tar-regolament 24(1) u (2);

(*ċ*) id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw il-forma, il-kontenut u dettalji oħra skont ir-regolament 25(1), (2) u (3).

Kuntratti bejn awtoritajiet kontraenti.

Kuntratti bejn awtoritajiet kontraenti.

29. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijet tat-Taqsima III, kuntratt pubbliku, li jkollu valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 30(1)(b), mogħti minn awtorità kontraenti lil persuna ġuridika regolata mid-dritt privat jew mid-dritt pubbliku għandu jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) l-awtorità kontraenti teżerċita kontroll fuq il-persuna ġuridika kkonċernata li huwa simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess;

(*b*) aktar minn tmenin fil-mija tal-attivitajiet ta' dik il-persuna ġuridika kkontrollata jitwettqu fit-twettiq tal-kompiti fdati lilha mill-awtorità kontraenti ta' kontroll jew minn persuni ġuridiċi oħra kkontrollati minn dik l-awtorità kontraenti;

(*ċ*) mhemm l-ebda parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat fil-persuna ġuridika kkontrollata bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkollhomx dritt ta' kontroll jew ta' mblokkar, rikjesti minn dispożizzjonijet leġislattivi nazzjonali, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċiżiva fuq il-persuna ġuridika kkontrollata.

(2) Awtorità kontraenti għandha titqies li teżerċita kontroll fuq persuna ġuridika li huwa simili għal dak li hija teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess skont it-tifsira subregolament (1)(*a*) meta din teżerċita influwenza deċiżiva fuq iż-żewġ objettivi strateġiċi u deċiżjonijiet sinifikanti tal-persuna ġuridika kkontrollata. Dan il-kontroll jista' jkun ukoll eżerċitat minn persuna ġuridika oħra, li hija

stess tkun ikkontrollata bl-istess mod mill-awtorità kontraenti.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2) japplika wkoll fejn persuna kkontrollata, li hija awtorità kontraenti, tagħti kuntratt lill-awtorità kontraenti li tikkontrollaha, jew lil xi persuna ġuridika kkontrollata mill-istess awtorità kontraenti, sakemm ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat fil-persuna ġuridika li tingħata l-kuntratt pubbliku bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkollhomx dritt ta' kontroll jew ta' mblokkar rikjesti mid-dispożizzjonijiet leġislattivi nazzjonali, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċisiva fuq il-persuna ġuridika.

(4) Awtorità kontraenti, li ma teżerċitax kontroll fuq persuna ġuridika rregolata minn dritt privat jew pubbliku, fis-sens of subregolamenti (1) u (2), tista' madankollu tagħti kuntratt għal dik il-persuna ġuridika mingħajr ma japplikaw dawn ir-regolamenti, fejn huma sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) l-awtorità kontraenti teżerċita b'mod konġunt ma' awtoritajiet kontraenti oħrajn kontroll fuq dik il-persuna ġuridika li huwa simili għal dak li jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess.;

(*b*) aktar minn tmenin fil-mija tal-attivitajiet ta' dik il-persuna ġuridika jitwettqu fit-twettiq tal-kompiti fdati lilha mill-awtorità kontraenti ta' kontroll jew minn persuni ġuridiċi oħra kkontrollati minn dik l-awtorità kontraenti; u

(*ċ*) mhemm l-ebda parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat fil-persuna ġuridika kkontrollata bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkollhomx dritt ta' kontroll jew ta' mblokkar, rikjesti minn dispożizzjonijet leġislattivi nazzjonali, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċiżiva fuq il-persuna ġuridika kkontrollata.

(5) Għall-finijiet tas-subregolament (4)(*a*), awtoritajiet kontraenti għandhom jitqiesu li jeżerċitaw kontroll konġunt fuq persuna ġuridika meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin

(*a*) il-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-persuna ġuridika kkontrollata huma magħmula minn rappreżentanti ta' kull awtorità kontraenti parteċipanti. Rappreżentanti individwali jistgħu jirrappreżentaw l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti kollha, jew ħafna minnhom;

(*b*) dawk l-awtoritajiet kontraenti huma kapaċi jeżerċitaw flimkien influwenza deċiżiva fuq l-objettivi strateġiċi u d-deċiżjonijiet sinifikanti tal-persuna ġuridika kkontrollata; u

(*ċ*) il-persuna ġuridika kkontrollata ma ssegwi l-ebda interess li jmur kontra dak tal-awtoritajiet kontraenti ta' kontroll.

(6) Kuntratt konkluż esklużivament bejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar għandu jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) il-kuntratt jistabbilixxi jew jimplimenta kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kontraenti bl-għan li jiġi żgurat li s-servizzi pubbliċi li huma għandhom iwettqu jkunu

pprovduti bil-ħsieb li jiksbu l-għanijiet li għandhom komuni;

(*b*) l-implimentazzjoni ta' dik il-kooperazzjoni hija rregolata biss minn kunsiderazzjonijiet relatati mal-interess pubbliku; u

(*ċ*) l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti jwettqu fis-suq miftuħ inqas minn għoxrin fil-mija tal-attivitajiet ikkonċernati mill-kooperazzjoni.

(7) Għall-finijiet li jiġi ddeterminatil-perċentwali ta' attivitajiet imsemmija fis-subregolament (1)(*b*), is-subregolament 4(*b*) u s-subregolament (6)(*ċ*), għandu jittieħed kont tal-fatturat totali medju, jew miżura bbażata fuq attività alternattiva adatta bħal kostijiet mġarrba minn persuna ġuridika rilevanti fir-rigward ta' servizzi, provvisti u xogħlijiet għat-tliet snin li jippreċedu l-għoti tal-kuntratt.

(8) Meta, minħabba d-data li fiha nħolqot dik il-persuna ġuridika jew ta' meta bdew l-attivitajiet jew minħabba riorganizzazzjoni tal-attivitajiet tagħha, il-fatturat, jew miżura bbażata fuq attività alternattiva bħall-ispejjeż, mhijiex disponibbli għat-tliet snin preċedenti jew ma għadhiex rilevanti, għandu jkun biżżejjed li jintwera li d-daqs tal-attività huwa kredibbli, b'mod partikolari permezz ta' projezzjonijiet tan-negozju.

Amministrazzjoni tal-proċess.
Emendat:
A.L. 26 tal-2018;
A.L. 196 tal-2020;
A.L. 26 tal-2022;
A.L. 226 tal-2023;
A.L. 362 tal-2024.

30. (1) Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-proċess tal-akkwist ta' kuntratti pubbliċi -

Emendat:
A.L. 26 tal-2018
A.L. 196 tal-2020.

(*a*) il-valur stmat li jkun inqas minn erba' mija tlieta u erbgħin elf euro (€443,000), għandu jiġi maħruġ, amministrat jew stabbilit mill-awtoritajiet kontraenti mingħajr l-involviment tad-Direttur;

Emendat:
A.L. 26 tal-2018
A.L. 196 tal-2020.

(*b*) il-valur stmat li jkun daqs jew jaqbeż il-limitu ta' erba mija tlieta u erbgħin elf euro (€443,000), għandu jiġi maħruġ, amministrat u stabbilit mid-Direttur għan-nom tal-awtorità kontraenti:

Iżda kuntratti pubbliċi meħtieġa mill-Enemalta plc jew mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għandhom jinħarġu, jiġu amministrati u determinati minnha waħedhom mingħajr l-involviment tad-Direttur, soġġett għad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, inkluż iżda mhux limitat għad-dritt ta' appell.

(2) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, b'regolamenti jistabbilixxi l-limiti applikabbli taħt dawn ir-regolamenti. Dawn il-limiti għandhom ikunu indaqs jew ikkategorizzati bl-istess mod, bħal dawk il-limiti stabbiliti skont id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea realvanti kif pubblikati minn żmien għal żmien f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Impriżi Assoċjati

Kuntratti mogħtija lil impriżi affiljati.

31. (1) Minkejja d-dispożizzzjonijet tar-regolament 29, u sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal kuntratti mogħtija:

(*a*) minn entità kontraenti lil impriża assoċjata;

(*b*) minn impriża konġunta, esklużivament ifformata minn għadd ta' entitajiet kontraenti bl-iskop li jwettqu attivitajiet deskritti fir-regolamenti 7 sa 13, lil impriża li hija affiljata ma' waħda minn dawk l-entitajiet kontraenti.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) għandhom japplikaw għal:

(*a*) kuntratti ta' servizzi dment li tal-inqas tmenin fil-mija tal-fatturat totali medju tal-impriża affiljata fuq it-tliet snin preċedenti, b'kont meħud tas-servizzi kollha pprovduti minn dik l-impriża, jkun ġej mill-forniment ta' servizzi lill-entità kontraenti jew impriżi oħra li hija affiljata magħhom;

(*b*) kuntratti ta' provvista dment li tal-inqas tmenin fil-mija tal-fatturat totali medju tal-impriża affiljata, b'kont meħud tal-provvisti kollha pprovduti minn dik l-impriża, fit-tliet snin preċedenti jkun ġej mill-forniment ta' provvisti lill-entità kontraenti jew impriżi oħra li hija affiljata magħhom;

(*ċ*) għal kuntratti ta' xogħol dment li tal-inqas tmenin fil-mija tal-fatturat totali medju tal-impriża affiljata, b'kont meħud tax-xogħlijiet kollha pprovduti minn dik l-impriża, fit-tliet snin preċedenti jkun ġej mill-forniment ta' xogħlijiet lill-entità kontraenti jew impriżi oħra li hija affiljata magħhom.

(3) Meta, minħabba d-data li fiha nħolqot l-impriża affiljata jew meta bdew l-attivitajiet, il-fatturat mhuwiex disponibbli għat-tliet snin ta' qabel, ikun biżżejjed li dik l-impriża turi li l-fatturat imsemmi fis-subregolament (2)(*a*), (*b*) jew (*ċ*) ikun kredibbli, b'mod partikolari permezz ta' projezzjonijiet tan-negozju.

(4) Fejn aktar minn impriża waħda affiljati mal-entità kontraenti, li magħha jifformaw grupp ekonomiku, jipprovdu l-istess servizzi, provvisti jew xogħlijiet, jew simili, il-perċentwali għandu jiġi kkalkolat billi jitqies il-fatturat totali li jkun ġej mill-forniment tas-servizzi, tal-provvisti jew tax-xogħlijiet rispettivament minn dawk l-impriżi affiljati.

(5) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "impriża assoċjata" tfisser kwalunkwe impriża li l-kontijiet annwali tagħha huma konsolidati ma' dawk tal-entità kontraenti f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2013/34/UE.

(6) Fil-każ ta' entitajiet, li mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2013/34/UE, "impriża affiljata" għandha tfisser kwalunkwe impriża li:

(a) tista' tkun, direttament jew indirettament, soġġetta għal influwenza dominanti mill-entità kontraenti;

(*b*) tista' teżerċita influwenza dominanti fuq l-entità kontraenti;

(*ċ*) bħall-entità kontraenti, hija soġġetta għall-influwenza dominanti ta' impriża oħra permezz ta' sjieda, parteċipazzjoni finanzjarja jew ir-regoli li jirregolawha.

(7) Għall-finijiet tas-subregolament (6), il-fraži "influwenza dominanti" għandu jkollha l-istess tifsira bħal fir-regolament 2(3).

Impriżi konġunti.

32. Minkejja d-dispożizzzjonijet tar-regolament 29, u jekk l-impriża konġunta twaqqfet sabiex twettaq l-attività kkonċernata fuq perjodu minimu ta' tliet snin u li l-istrument li jwaqqaf l-impriża konġunta jistipula li l-entitajiet kontraenti li jifformawha ser ikunu parti minnha għal tal-inqas l-istess perjodu, dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għall-kuntratti mogħtija minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(*a*) impriża konġunta, iffurmata esklużivament minn għadd ta' entitajiet kontraenti bl-għan li jitwettqu attivitajiet skont it-tifsira tar-regolamenti 7 sa 13, lil waħda minn dawk l-entitajiet kontraenti;

(*b*) entità kontraenti lil dik l-impriża konġunta li tifforma parti minnha.

L-Uffiċċju tad-Direttur tal-Kuntratti

Applikabbiltà tar-Reegolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.
L.S. 601.03
Emendat: A.L.46 tal-2019.

33. Id-dispożizzzjonijet tar-regolamenti 10, 11, 12, 14 u 15 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

34. Fir-rigward ta' proċedura ta' akkwist mwettqa mid-Direttur f'isem awtorità kontraenti b'valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 30(1)(*b*), id-Direttur tal-Kuntratti jkollu wkoll il-funzjoni li:

(*a*) jistabbilixxi u japprova l-kundizzjonijiet ġenerali tad-dokumenti tal-akkwist;

(*b*) jawtorizza diverġenzi minn termini u kundizzjonijiet standard skont ir-regolamenti hawn stabbiliti u li jistgħu jiġu inklużi fid-dokumenti ta' akkwist;

(*ċ*) jikkunsidra l-estensjoni jew it-tħassir tal-proċedura tal-akkwist;

(*d*) jordna li l-perjodu tal-akkwist ta' kull sejħa għal offerti imsemmija f'dawn ir-regolamenti jittawwal jekk iqis li dik l-estensjoni hija ġustifikata fiċ-ċirkustanzi tal-każ;

(*e*) jifli u japprova, b'xi tibdil jew mingħajru, dokumenti ta' akkwist, qabel ma dawn jinħarġu u jiġu pubblikati;

(*f*) japprova, meta meħtieġ taħt dawn ir-regolamenti, varjazzjonijiet li jaqbżu l-ammont stabbilit fir-regolament 177(3);

(*g*) japprova talbiet magħmula mill-awtoritajiet kontraenti għal estenzjoni ta' kuntratti jekk huwa jqis li ċ-ċirkustanzi jkunu hekk jitolbu fl-interess pubbliku u

jsiru dispożizzjoniiet speċifiċi dwar dawk l-estensjonijiet fid-dokument tal-akkwist;

(*h*) jidentifika u jimplimenta mezzi adatti biex ikun jista' jissorvelja l-eżekuzzjoni kif suppost ta' kuntratti mogħtija;

(*i*) jagħmel regolamenti dwar l-għoti ta' kuntratti f'isem u għar-rigward tal-awtoritajiet kontraenti koperti minn dawn ir-regolamenti, li jinkludu l-każ ta' assoċjazzjoni ta' awtoritajiet li dik l-awtorità kontraenti tkun membru fihom;

(*j*) jistabbilixxi l-proċedura li taffettwa l-għoti ta' kuntratti regolati b'proċeduri li jiddevjaw minn dawn ir-regolamenti sakemm dawn il-proċeduri jiġu pubblikat b'avviż fil-Gazzetta;

(*k*) jippubblika fil-Gazzetta avviż dwar l-għotjiet kollha ta' kuntratti inklużi l-varjazzjonijiet barra mil-limiti tal-kundizzjonijiet tal-offerta, fi żmien sitt xhur mill-għoti tagħhom;

(*l*) li jaġġudika offerti u jiffirma kuntratti f'isem u għan-nom ta' awtoritajiet kontraenti kif stabbiliti taħt dawn ir-regolamenti;

(*m*) jieħu miżuri xierqa sabiex jiġi żgurat li fit-twettiq ta' kuntratti pubbliċi, l-operaturi ekonomiċi huma konformi mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali, ftehim kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali ambjentali, soċjali u tax-xogħol elenkati fl-Iskeda 14:

Iżda d-Direttur jista' jiddeċiedi li ma jagħtix kuntratt lill-offerent li jissottometti l-aħjar offerta fejn huwa ikunu stabbilixxa li l-offerta ma tikkonformax mal-obbligi applikabbli msemmijin f'dan il-paragrafu; u'

(*n*) jagħmel u jibgħat lill-Ministru, sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, rapport dwar -

(i) l-ħidma tal-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali u tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti matul is-sena finanzjarja li jkun qed isir ir-rapport dwarha. Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jipprovdi dettalji li jirrigwardaw appelli ppreżentati mill-kandidati u l-offerenti u kull min ikollu jew darba kellu xi interess f'li jikseb xi kuntratt pubbliku partikolari skont dawn ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali; u

(ii) ir-riżultat tal-attivitajiet ta' monitoraġġ:

Iżda wara li jkun intbagħat ir-rapport lill-Ministru, id-Direttur għandu jiżgura li dan ir-rapport jiġi pubblikat;

(*o*) jinforma lill-Kummissjoni dwar:

(i) kwalunkwe diffikultà ġenerali, fil-liġi jew fil-fatt, li

jkun ltaqa' magħha u ġiet rapportata mill-impriżi huwa u jiżgura l-għoti ta' kuntratti ta' servizz f'pajjiżi terzi;

(ii) kwalunkwe diffikultà ġenerali, fil-liġi jew fil-fatt, li jkun ltaqa' magħha u ġiet rapportata mill-impriżi u li tirriżulta minn nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet internazzjonali tal-liġi tax-xogħol elenkati fl-Iskeda 14 meta dawk l-impriżi jkunu ppruvaw jiżguraw l-għoti ta' kuntratti f'pajjiżi terzi:

Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafi (i) u (ii) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-impenji tal-Unjoni b'rabta ma' pajjiżi terzi li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali dwar l-akkwist pubbliku, partikolarment fil-qafas tad-WTO.

L-Awtorità Kontraenti

Dmir tal-awtorità kontraenti.
Emendat: A.L. 46 tal-2019.

35. Għandu jkun id-dmir ta' kull awtorità kontraenti li:

(*a*) josservaw u jirrispettaw dawn ir-regolamenti;

(*b*) jamministraw l-akkwist tagħhom stess meta il-valur stmat ta' dak l-akkwist jaqa' taħt il-limitu stabbilit fir-regolament 30(1)(*a*);

(*ċ*) ifasslu dokumenti ta' akkwist u d-okumentazzjoni relevanti kollha ta' sostenn:

Iżda meta awtorità kontraenti jkollha bżonn tippubblika proċess tal-akkwist b'valur stmat li jaqa' taħt il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(1)(*b*), l-awtorità kontraenti għandha tibgħat id-dokument ta' akkwist u d-dokumentazzjoni relevanti kollha ta' sostenn lid-Direttur sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu miflija, ippubblikatu u amministrati mid-Direttur;

(*d*) jiżguraw li kull referenza għan-nomenklaturi fil-kuntest tal-akkwist pubbliku għandha ssir billi jintuża l-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi;

(*e*) jippubblikaw is-sejħiet kollha għal offerti u kwotazzjonijiet, permazz ta' pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern, sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mid-Direttur bil-miktub;

(f) jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-proċess tal-akkwist;

(*g*) jieħdu miżuri xierqa sabiex b'mod effettiv, jipprevjenu, jidentifikaw u jirrimedjaw konflitti ta' interess li jirriżultaw fit-twettiq ta' proċeduri tal-akkwist sabiex jiġi evitat kwalunkwe tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u jiġi żgurat trattament ugwali għall-operaturi ekonomiċi kollha;

(*h*) jindikaw fid-dokumenti tagħhom ta' akkwist li l-għoti ta' kuntratt huwa soġġett għal proċedura ta' reviżjoni kif stabbilit b'dawn ir-regolamenti u għandhom jinkludu estratt tal-parti rilevanti tal-proċess ta' appell

fl-imsemmija dokumenti sabiex jiġu gwidati l-operaturi ekonomiċi;

(*i*) li jamministraw u jimplimentaw il-kuntratti kollha iffirmati minnhom jew għan-nom tagħhom u li jiddefendu quddiem qorti jew tribunal kull tilwima li tista' tqum fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt;

(*j*) li jagħmlu l-pagamenti kollha li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt;

(*k*) jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li, matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali, ftehim kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali ambjentali, soċjali u tax-xogħol elenkati fl-Iskeda 14:

Iżda awtorità jew entitajiet kontraenti tista' tiddeċiedi li ma tagħtix kuntratt lill-offerent li jissottometti l-aħjar offerta fejn hija tkun stabbilixxiet li l-offerta ma tikkonformax mal-obbligi applikabbli msemmija f'dan il-paragrafu.

(*l*) jinnotifikaw lill-Kummissjoni, jekk il-Kummissjoni titlob hekk, l-informazzjoni li ġejja rigward l-applikazzjoni tar-regolament 31(1) u (6) u r-regolament 32:

(i) l-ismijiet tal-impriżi jew l-impriżi konġunti konċernati;

(ii) in-natura u l-valur tal-kuntratti involuti;

(iii) provi meqjusa bħala meħtieġa mill-Kummissjoni li juru li r-relazzjoni bejn l-impriża jew l-impriża konġunta li ngħataw il-kuntratti u l-entità kontraenti tikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolament 31 jew 32.

Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni

36. (1) Meta jiġi maħtur Kumitat ta' Evalwazzjoni minn awtorità kontraenti jew entità kontraenti regolat b'dawn ir-regolamenti, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni għandu jfassal rapport ta' evalwazzjoni u jikkomunika r-rapport tiegħu kif ġej:

(*a*) jekk il-valur stmat tal-offerta jaqa' taħt il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(1)(*a*), ir-rapport individwali għandu jiġi indirizzat lill-Kumitat tal-Kuntratti Dipartimentali u għandu jiġi imfassal skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III;

(*b*) jekk il-valur stmat tal-offerta jaqa' taħt il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(1)(b), ir-rapport individwali għandu jkun indirizzat lid-Direttur u għandu jiġi imfassal skont ir-regolament 172.

Pieni.

37. Għal offerti b'valur stmat li jaqa' taħt il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(1)(*b*), awtorità kontraenti tista' timponi jew taħfer pieni biss wara li tikseb il-permess tad-Direttur.

Attivitajiet ta' Xiri Ċentralizzati u Akkwist Konġunt

Korpi ta' xiri ċentralizzat.

38. (1) Awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 4 huma awtorizzati wkoll biex jaġixxu bħala korp ċentrali ta' xiri.

(2) Il-korpi ta' xiri ċentrali għandhom id-dmir li perjodikament jinnotifikaw lil Kapijiet ta' Dipartimenti bil-prezzijiet u l-kundizzjonijiet applikabbli għal, u il-proċedura li għandha tiġi segwita fi, l-akkwist ta' tagħmir, provvista, xogħlijiet jew servizzi.

Attivitajiet ta' xiri ċentralizzati u korp ċentrali ta' xiri.

39. (1) L-entità kontraenti tista' tikseb, provvisti u jew servizzi minn korp ċentrali ta' xiri maħsuba għal entitajiet kontraenti.

(2) L-entitajiet kontraenti jistgħu jakkwistaw xogħlijiet, provvisti u servizzi billi jużaw kuntratti mogħtija minn korp ċentrali ta' xiri, bl-użu ta' sistemi dinamiċi tax-xiri operati minn korp ċentrali ta' xiri jew bl-użu ta' ftehim qafas konkluż minn korp ċentrali ta' xiri li joffri l-attività ċentralizzata tal-akkwisti msemmija fil-paragrafu (b) tat-tifsira "attivitajiet ta' xiri ċentralizzat" fir-regolament 2. Fejn sistema dinamika ta' xiri li tkun operata minn korp ċentrali ta' xiri tista' tintuża minn entitajiet kontraenti oħrajn, dan għandu jiġi indikat fis-sejħa għal kompetizzjoni li tistabbilixxi dik is-sistema dinamika ta' xiri.

Obbligi.

40. (1) Meta entità kontraenti twettaq l-akkwist tagħha taħt ir-regolament 39, dan għandu jitqies li ssodisfat l-obbligi tagħha taħt dawn ir-regolamenti.

(2) L-entità kontraenti wkoll tissodisfa l-obbligi tagħha skont dawn ir-regolamenti fejn takkwista xogħlijiet, provvisti jew servizzi:

(*a*) bl-użu ta' kuntratti mogħtija minn korp ċentrali ta' xiri;

(*b*) bl-użu ta' sistemi dinamiċi ta' xiri operati minn korp ċentrali ta' xiri; jew

(*ċ*) bl-użu ta' ftehim qafas konkluż minn korp ċentrali ta' xiri li joffri l-attività ċentralizzata tal-akkwisti msemmija fil-paragrafu (*b*) tat-tifsira "attivitajiet ta' xiri ċentralizzati" fir- regolament 2.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), l-entità kontraenti konċernata għandha tkun responsabbli li tissodisfa l-obbligi tagħha skont dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-partijiet li tmexxi hija stess, bħal:

(*a*) l-għoti ta' kuntratt taħt sistema dinamika ta' xiri, li tkun operata minn korp ċentrali ta' xiri;

(*b*) it-twettiq tal-ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni taħt ftehim qafas li jkun ġie konkluż minn korp ċentrali ta' xiri.

(4) Il-proċeduri kollha ta' akkwist immexxija minn korp ċentrali ta' xiri għandhom jitwettqu bl-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni, skont il-ħtiġijiet stipulati fir-regolament 70.

(5) L-entitajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratt ta' servizz għall-provvista ta' attivitajiet ta' xiri ċentralizzati lil korp ċentrali ta' xiri

mingħajr l-applikazzjoni tal-proċeduri previsti f'dawn ir-regolamenti.

(6) Il-Kuntratti ta' servizz pubbliku identifikati taħt is-subregolment (5) jistgħu jinkludu wkoll il-forniment ta' attivitajiet ta' xiri anċillari.

Akkwisti konġunti okkażjonali.

41. (1) Żewġ entitajiet kontraenti jew aktar jistgħu jaqblu li jwettqu ċerti akkwisti speċifiċi b'mod konġunt wara li jiksbu l-approvazzjoni tad-Direttur u soġġett għal kundizzjonjiet li d-Direttur jista' jimponi,

(2) Meta il-valur stmat tal-akkwist konġunt jaqa' taħt il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(1)(*b*), u sakemm id-Direttur ma jaqbilx mod ieħor, il-proċedura ta' akkwist għandha tiġi amministrata mid-Direttur.

(3) Fejn it-twettiq ta' proċedura tal-akkwisti ssir kollha kemm hi b'mod konġunt f'isem u għan-nom tal-entitajiet kontraenti kkonċernati kollha, huma għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dawn ir-regolamenti. Dan japplika wkoll f'każijiet fejn entità kontraenti waħda tamminstra l-proċedura tal-akkwist, waqt li taġixxi f'isimha stess u f'isem l-entitajiet kontraenti l-oħra kkonċernati.

(4) Fejn it-twettiq ta' proċedura tal-akkwist ma tkunx kollha kemm hi mwettqa f'isem u għan-nom tal-entitajiet kontraenti kkonċernati, huma għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt biss għal dawk il-partijiet imwettqin b'mod konġunt. Kull entità kontraenti għandu jkollha r-responsabbiltà unika li tissodisfa l-obbligi tagħha skont dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-partijiet li hija twettaq f'isimha u għan-nom tagħha stess.

Akkwist li jinvolvi entitajiet kontraenti minn Stati Membri differenti.

42. (1) L-entità kontraenti tista', bl-approvazzjoni tad-Direttur u bla ħsara għall-kundizzjonijiet li d-Direttur jista' jimponi, tipparteċipa f'proċeduri ta' akkwist li jinvolvu awtoritajiet kontraenti minn Stati Membri differenti.

(2) Meta l-valur stmat tal-akkwist konġunt jaqa' taħt il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(1)(*b*), l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għandu jkun mingħajr ħsara għal dak stabbilit taħt ir-regolamenti 25 u 35(*n*).

(3) L-entità kontraenti tista' tagħmel użu minn attivitajiet ta' xiri ċentralizzati offruti minn korpi ta' xiri ċentrali li tkun tinsab fi Stat Membru ieħor:

Iżda entitajiet kontraenti ma għandhomx jużaw il-mezzi previsti f'dan ir-regolament għall-fini li tiġi evitata l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet obbligatorji tad-dritt pubbliku f'konformità mad-dritt tal-Unjoni li huma soġġetti għalih fl-Istat Membru tagħhom.

(4) Il-forniment ta' attivitajiet ta' xiri ċentralizzati minn korp ċentrali ta' xiri li jinsab fi Stat Membru ieħor għandu jitwettaq skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn jinsab il-korp ċentrali ta' xiri.

(5) Id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn jinsab il-korp ċentrali ta' xiri għandhom japplikaw ukoll għal li ġej:

(*a*) l-għoti ta' kuntratt taħt is-sistema dinamika ta' xiri;

(*b*) it-twettiq ta' ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni taħt il-ftehim qafas.

(6) Diversi entitajiet kontraenti minn Stati Membri differenti jistgħu b'mod konġunt jagħtu kuntratt pubbliku, jikkonkludu ftehim qafas jew joperaw sistema dinamika ta' xiri.

(7) Sakemm l-elementi neċessarji ma jkunux regolati bi ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Istati Membri konċernati, entitajiet kontraenti parteċipanti għandhom jikkonkludu ftehim li jistabbilixxi:

(*a*) ir-responsabbiltajiet tal-partijiet u d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli relevanti;

(*b*) l-organizzazzjoni interna tal-proċedura ta' akkwist, inkluż l-immaniġġar tal-proċedura, id-distribuzzjoni tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi akkwistati, u l-konklużjoni ta' kuntratt

(8) L-entità kontraenti parteċipanti tissodisfa l-obbligi tagħha skont dawn ir-regolamenti meta tixtri xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn entità kontraenti responsabbli mill-proċedura ta' akkwist.

(9) Meta jiġu determinati r-responsabbiltajiet u l-liġi nazzjonali applikabbli kif imsemmija fis-subregolament (7)(*a*), l-entitajiet kontraenti parteċipanti jistgħu jallokaw responsabbiltajiet speċifiċi bejniethom u jiddeterminaw id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.

(10) L-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u l-liġi nazzjonali applikabbli għandhom jissemmew fid-dokumenti tal-akkwist għal kuntratti mogħtija b'mod konġunt.

(11) Fejn diversi entitajiet kontraenti minn Stati Membri differenti waqqfu entità legali konġunta, inklużi r-Raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali skont ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' koperazzjoni territorjali jew entitajiet oħra stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni, permezz ta' deċiżjoni tal-korp kompetenti tal-entità konġunta, l-entitajiet kontraenti parteċipanti għandhom jaqblu dwar ir-regoli tal-akkwist nazzjonali applikabbli ta' wieħed mill-Istati Membri li ġejjin:

(*a*) id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-entità konġunta għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha;

(*b*) id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-entità konġunta qed twettaq l-attivitajiet tagħha.

(12) Il-ftehim imsemmi fis-subregolament (11) jista' jew japplika għal perjodu indeterminat, fejn dan ikun stabbilit fl-att kostituttiv tal-entità konġunta, jew jista' jiġi limitat għal ċertu perjodu ta' żmien, għal ċerti tipi ta' kuntratti jew għal għotja ta' kuntratt individwali waħda jew aktar.

Akkwist Imħallat

Akkwist imħallat li jkopri l-istess attività.

43. (1) Il-kuntratti li għandhom bħala s-suġġett tagħhom żewġ tipi jew aktar ta' akkwist, kemm xogħlijiet, servizzi jew provvisti, li kollha huma koperti minn dawn ir-regolamenti, għandhom jingħataw f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għat-tip ta' akkwist li jikkaratterizza s-suġġett ewlieni tal-kuntratt inkwistjoni.

(2) Fil-każ ta' kuntratti mħallta li bħala suġġett għandhom tipi differenti tal-akkwist, li kollha huma koperti minn dawn ir-regolamenti, jikkonsistu parzjalment f'servizzi fis-sens tar-regolamenti 134 sa 139 u parzjalment f'servizzi oħra jew f'kuntratti mħallta li jikkonsistu parzjalment f'servizzi u parzjalment fi provvisti, is-suġġett prinċipali għandu jkun determinat skont liema mill-valuri stmati tas-servizzi jew il-provvisti rispettivi jkun l-ogħla.

(3) Fil-każijiet ta' kuntratti mħallta li bħala suġġett għandhom l-akkwist kopert minn dawn ir-regolamenti u l-akkwist kopert minn reġimi legali oħra u fejn il-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari jkunu oġġettivament separabbli, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(*a*) awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għall-partijiet separati jew jagħtu kuntratt uniku. Fejn l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratti separati lil partijiet separati, id-deċiżjoni dwar liema reġim legali għandu japplika għal kwalunkwe wieħed minn dawn il-kuntratti separati, għandha tittieħed fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-parti separata kkonċernata;

(*b*) fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt uniku, dawn ir-regolamenti għandhom, dment li mhuwiex previst mod ieħor fir-regolament 23, tapplika għall-kuntratt imħallat li jirriżulta, irrispettivament mill-valur tal-partijiet li kieku jaqgħu taħt reġim legali differenti u irrispettivament mil-liema reġim legali li dawn il-partijiet kienu jkunu soġġetti għalihom mod ieħor;

(*ċ*) fil-każ ta' kuntratti mħallta li jkun fihom elementi ta' kuntratti ta' provvista, xogħlijiet u servizzi u ta' konċessjonijiet, il-kuntratt imħallat għandu jingħata f'konformità ma' dawn ir-regolamenti, dment li l-valur stmat tal-parti tal-kuntratt li tikkostitwixxi kuntratt kopert dawn ir-regolamenti, ikkalkulat skont ir-regolamenti 42 sa 55, huwa daqs jew akbar mil-limitu massimu rilevanti stabbilit fl-Iskeda 5.

(4) Meta l-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari huma oġġettivament mhux separabbli, ir-reġim legali applikabbli għandu jkun iddeterminat abbażi tas-suġġett ewlieni ta' dak il-kuntratt.

Akkwist li jkopri diversi attivitajiet.

44. (1) Fil-każ ta' kuntratti maħsubin biex ikopru diversi attivitajiet, l-entitajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għall-finijiet ta' kull attività separata jew li jagħtu kuntratt waħdieni.

(2) Fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratti separati, id-deċiżjoni dwar liema regoli għandhom japplikaw għal kwalunkwe wieħed minn dawn il-kuntratti separati, għandha tittieħed fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-attività separata kkonċernata.

(3) L-għażla bejn l-għoti ta' kuntratt waħdieni jew l-għoti ta' għadd ta' kuntratti separati ma għandhiex, madanakollu, tittieħed bil-għan li jiġi eskluż il-kuntratt jew kuntratti mill-kamp ta' applikazzjoni jew ta' dawn ir-regolamenti jew, fejn applikabbli ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, jew ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti ta' Konċessjoni.

L.S. 601.03
L.S. 601.09

(4) Kuntratt li huwa maħsub li jkorpi numru ta' attivitajiet għandu jkun soġġett għar-regoli applikabbli għall-attività li għaliha dan kien maħsub prinċipalment.

(5) Fil-każ ta' kuntratti li għalihom ikun oġġettivament impossibbli li jiġi ddeterminat għal liema attività huwa jkun maħsub prinċipalment, ir-regoli applikabbli għandhom jiġu ddeterminati kif ġej:

(*a*) il-kuntratt għandu jingħata f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, jekk waħda mill-attivitajiet li għaliha hu maħsub il-kuntratt tkun soġġetta għal dawn ir-regolamenti u l-oħra għar-Regolamenti dwar il-Kuntratti ta' Konċessjoni;

L.S. 601.03
L.S. 601.09

(*b*) il-kuntratt għandu jingħata f'konformità ma' dawn ir-regolamenti, jekk waħda mill-attivitajiet li għaliha huwa maħsub il-kuntratt hija soġġetta għal dawn ir-regolamenti u l-oħra Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għal għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni;

L.S. 601.03

(*ċ*) il-kuntratt għandu jingħata f'konformità ma' dawn ir-regolamenti, jekk waħda mill-attivitajiet li għaliha huwa maħsub il-kuntratt hija soġġetta għal dawn ir-regolamenti u l-oħra mhijiex soġġetta għal dawn ir-regolamenti, ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, jew ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti ta' Konċessjoni;

L.S. 601.03
L.S. 601.09

(*d*) minkejja d-dispożizzjonijet tar-regolament 43, fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt waħdieni, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament;

(e) fejn waħda mill-attivitajiet konċernati koperti bl-Artikolu 346 tat-TFUE jew bir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, għandu japplika r-regolament 46.

L.S. 601.07

Akkwist imħallat li jkopri l-istess attività u li jinvolvi aspetti ta' difiża jew sigurtà.
L.S. 601.07.

45. (1) Fil-każ ta' kuntratti mħallta li jkopru l-istess attività li għandhom bħala s-suġġett tagħhom akkwist kopert minn dawn ir-regolamenti u akkwist jew elementi oħra koperti mill-Artikolu 346 tat-TFUE jew bir-regolamenti li jirregolaw ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, għandu japplika dan ir-regolament.

(2) Fejn partijiet differenti ta' kuntratt partikolari huma oġġettivament separabbli, l-entitajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għal partijiet separati jew jagħtu kuntratt uniku.

(3) Fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratti separati lil partijiet separati, id-deċiżjoni dwar liema sistema legali għandha

tapplika għal kwalunkwe wieħed minn dawn il-kuntratti separati, għandha tittieħed fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-parti separata kkonċernata.

(4) Fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt uniku, il-kriterji li ġejjin għandhom japplikaw biex jiddeterminaw ir-reġim legali applikabbli:

(*a*) fejn parti minn kuntratt partikolari hija koperta mill-Artikolu 346 tat-TFUE, il-kuntratt jista' jingħata mingħajr ma jiġu applikati dawn ir-regolamenti, dment li l-għoti ta' kuntratt uniku huwa ġustifikat b'raġunijiet oġġettivi;

(*b*) fejn parti minn kuntratt partikolari hija koperta mir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, il-kuntratt jista' jingħata f'konformità ma' dawk ir-regolamenti, dment li l-għoti ta' kuntratt uniku jkun ġustifikat b'raġunijiet oġġettivi: L.S. 601.07

Iżda l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għal-limiti massimi u l-esklużjonijiet previsti mir-regolamenti hawn fuq identifikati.

(5) Id-deċiżjoni li jingħata kuntratt waħdieni ma għandiex, madankollu, tittieħed bl-għan li l-kuntratti jiġu esklużi mill-applikazzjoni jew dawn ir-regolamenti jew ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà. L.S. 601.07

(6) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (4)(*a*) għandhom japplikaw għal kuntratti mħallta li għalihom kieku japplikaw kemm il-paragrafi (*a*) u (*b*) tas-subregolament (4).

(7) Fejn il-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari mhumiex separabbli oġġettivament, il-kuntratt jista' jingħata mingħajr l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti meta l-kuntratt jinkludi elementi li għalihom japplika l-Artikolu 346 tat-TFUE; fejn dan mhux il-każ jista' jingħata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà. L.S. 601.07

46. (1) Fil-każ ta' kuntratti maħsubin biex ikopru diversi attivitajiet, l-entitajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għall-finijiet ta' kull attività separata jew li jagħtu kuntratt waħdieni. Fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratti separati lil partijiet separati, id-deċiżjoni dwar liema sistema legali għandha tapplika għal kwalunkwe wieħed minn dawn il-kuntratti separati, għandha tittieħed fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-attività separata kkonċernata. Akkwist li jkopri diversi attivitajiet u li jinvolvi aspetti ta' difiża jew sigurtà.

(2) Fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt waħdieni, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3). L-għażla bejn l-għoti ta' kuntratt waħdieni u l-għoti ta' għadd ta' kuntratti separati ma għandhiex issir bl-għan li kuntratt jew il-kuntratti jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew tar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad- L.S. 601.07

Difiża u s-Sigurtà.

(3) Fil-każ ta' kuntratti maħsubin biex ikopru attività li hija soġġetta għal dawn ir-regolamenti u oħra li hija soġġetta għar-
L.S. 601.07 Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, il-kuntratt jista' jingħata f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament huwa mingħajr ħsara għal-limiti u l-esklużjonijiet previsti fir-
L.S. 601.07 Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà.

(4) Fil-każ ta' kuntratti maħsubin biex ikopru attività li hija soġġetta għal dawn ir-regolamenti u oħra koperta bl-Artikolu 346 tat-TFUE il-kuntratt għandu jingħata mingħajr ma jiġu applikati dawn ir-regolamenti.

(5) Kuntratti stabbiliti taħt is-subregolament (3), li barra minn hekk jinkludu akkwist jew elementi oħra li huma koperti mill-Artikolu 346 tat-TFUE, jistgħu jingħataw mingħajr ma jiġu applikati dawn ir-regolamenti.

(6) Is-subregolamenti (3), (4) u (5) japplikaw bil-kundizzjoni li l-għoti ta' kuntratt waħdieni jkun iġġustifikat b'raġunijiet oġġettivi u d-deċiżjoni li jingħata kuntratt waħdieni ma titteħidx bl-għan li kuntratt jiġi eskluż mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Valur tal-Kuntratt

Metodi għall-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt.

47. (1) Il-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt għandu jkun ibbażat fuq l-ammont totali pagabbli, mingħajr il-VAT, kif stmat mill-entità kontraenti. Dan il-kalkolu jikkunsidra l-ammont totali stmat, inkluż kull forma ta' għażla u kull tiġdid ta' kuntratti.

(2) Meta l-entità kontraenti tipprevedi għotjiet jew pagamenti lil kandidati jew offerenti, għandha tikkunsidrhom meta tikkalkula l-valur stmat tal-kuntratt.

(3) Meta l-entità kontraenti tkun magħmula minn unitajiet operazzjonali separati, għandu jittieħed kont tal-valur totali stmat għal kull unità operazzjonali individwali:

Iżda fejn unità operazzjonali separata hija indipendentament responsabbli mill-akkwist tagħha jew ċerti kategoriji tagħha, il-valuri jistgħu jkunu stmati fil-livell tal-unità inkwistjoni.

(4) L-għażla tal-metodu użat għall-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt ma għandhiex issir bl-intenzjoni li tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Kuntratt ma għandux ikun subdiviż bl-effett li ma jitħalliex jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, sakemm dan ma jkunx ġustifikat b'raġunijiet oġġettivi.

(6) Dak il-valur stmat għandu jkun validu fil-mument li fih tintbagħat is-sejħa għal kompetizzjoni, jew, fil-każijiet fejn mhijiex prevista sejħa għal kompetizzjoni bħal din, fil-mument li fih l-awtorità kontraenti tiftaħ il-proċedura ta' akkwist, pereżempju, fejn adatt, billi

jiġu kkuntattjati l-operaturi ekonomiċi b'rabta mal-akkwist.

Valur stmat ta' ftehim qafas u sistemi dinamiċi ta' xiri.

48. Fir-rigward ta' ftehim qafas u sistemi dinamiċi ta' xiri, il-valur li għandu jiġi kkunsidrat għandu jkun il-valur massimu stmat nett tal-VAT tal-kuntratti kollha previsti għat-terminu totali tal-ftehim jew is-sistema.

Valura ta' sħubija għall-innovazzjoni.

49. Fil-każ ta' sħubijiet tal-innovazzjoni, il-valur li għandu jiġi kkunsidrat għandu jkun il-valur massimu stmat nett tal-VAT tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li għandhom isiru matul l-istadji kollha tas-sħubija prevista kif ukoll tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li għandhom jiġu żviluppati u akkwistati fl-aħħar tas-sħubija prevista.

Valur ta' xogħlijiet pubbbliċi.

50. (1) Fil-valur stmat ta' kuntratt ta' xogħol, l-entitajiet kontraenti għandhom jinkludu kemm l-ispiża tax-xogħlijiet kif ukoll il-valur totali stmat ta' kwalunkwe provvista jew servizz li l-entitajiet kontraenti jqegħdu għad-dispożizzjoni tal-kuntrattur, dejjem jekk dawn ikunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet.

(2) Meta xogħol propost jew il-forniment propost ta' servizzi jista' jirriżulta fl-għoti ta' kuntratti fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jitqies il-valur totali stmat ta' dawn il-lottijiet kollha.

(3) Meta l-valur aggregat tal-lottijiet huwa daqs jew aktar mil-limitu stabbilit fl-Iskeda 5, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-għoti ta' kull lott.

Provvisti simili.

51. (1) Meta proposta għall-akkwist ta' provvisti simili tista' tirriżulta f'kuntratti mogħtija fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jiġi kkunsidrat il-valur totali stmat tal-lottijiet kollha.

(2) Meta l-valur aggregat tal-lottijiet huwa daqs jew aktar mil-limitu stabbilit fl-Iskeda 5, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-għoti ta' kull lott.

(3) Għall-finjijiet ta' din it-Taqsima, "provvisti simili" tfisser prodotti li huma maħsuba għal użi identiċi jew simili.

Eżenzjoni mill-applikazzjoni tar-regolament 50(2) u (3).

52. Minkejja d-dispożizzzjonijet tar-regolament 50(2) u (3), entitajiet kontraenti jistgħu jeżentaw din l-applikazzjoni fir-rigward ta' lottijiet li l-valur stmat tagħhom, mingħajr il-VAT, ikun inqas minn €80,000 għal provvisti jew servizzi jew €1,000,000 f'xogħljiet, iżda l-l-valur aggregat ta' dawk il-lottijiet ma jaqbiżx għoxrin fil-mija tal-valur aggregat tal-lottijiet bħala ħaġa waħda.

Tiġdid tal-kuntratti ta' servizz u tal-provvista.

53. Fil-każ ta' kuntratti ta' servizz u provvista li huma ta' natura regolari jew li hemm il-ħsieb li jiġġeddu f'perjodu partikolari, il-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jiġi bbażat fuq dan li ġej:

(*a*) kemm il-valur totali attwali tal-kuntratti suċċessivi tal-istess tip mogħtija matul it-tnax-il xahar preċedenti jew is-sena finanzjarja aġġustata, fejn possibbli, biex jitqiesu t-tibdiliet fil-kwantità jew il-valur li jistgħu jseħħu matul it-tnax-il xahar ta' wara l-kuntratt inizjali; jew

(*b*) il-valur totali stmat tal-kuntratti suċċessivi mogħtija matul it-tnax-il xahar wara l-ewwel kunsinna, jew matul is-sena finanzjarja jekk din tkun itwal minn

tnax-il xahar.

Valur ta' prodotti ta' *leasing*, kiri jew xiri bin-nifs.

54. F'dak li jirrigwarda kuntratti ta' provvista li għandhom x'jaqsmu ma' *leasing*, il-kiri jew *hire purchase* ta' prodotti, il-valur li għandu jitqies bħala bażi sabiex jiġi kkalkolat il-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun kif ġej:

(*a*) fil-każ ta' kuntratti fuq terminu fiss, jekk dak it-terminu jkun inqas minn jew daqs tnax-il xahar, il-valur totali stmat għat-terminu tal-kuntratt;

(*b*) fil-każ ta' kuntratti fuq terminu fiss, jekk dak t-terminu tal-kuntratt huwa aktar minn tnax-il xahar, il-valur totali inkluż il-valur residwu stmat;

(*ċ*) fil-każ ta' kuntratti mingħajr terminu fiss jew li t-terminu tagħhom ma jistax jiġi definit, il-valur ta' kull xahar immultiplikat bi 48.

Kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt tal-kuntratti ta' servizz.

55. (1) F'dak li jirrigwarda kuntratti ta' servizz, il-bażi sabiex jiġi kkalkolat il-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun kif ġej:

(*a*) servizzi ta' assigurazzjoni: il-primjum pagabbli, u forom oħra ta' rimunerazzjoni;

(*b*) servizzi bankarji u finanzjarji oħra: il-miżati, il-kummissjonijiet dovuti, l-imgħax u forom oħra ta' rimunerazzjoni;

(*ċ*) kuntratti ta' disinn: il-miżati, il-kummissjonijiet pagabbli u forom oħra ta' rimunerazzjoni.

(2) F'dak li jirrigwarda kuntratti ta' servizz li ma jindikawx prezz totali, il-valur li jrid jintuża bħala l-bażi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun kif ġej:

(*a*) fil-każ ta' kuntratti fuq terminu fiss, jekk dak it-terminu huwa inqas minn jew ugwali għal tmienja u erbgħin xahar: il-valur totali għat-terminu sħiħ tagħhom;

(*b*) fil-każ ta' kuntratti mingħajr terminu fiss jew b'terminu itwal minn tmienja u erbgħin xahar: il-valur ta' kull xahar immultiplikat bi 48.

Kuntratti f'lottijiet

Tqassim ta' kuntratti f'lottijiet.

56. L-entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jagħtu kuntratt fil-forma ta' lottijiet separati u jistgħu jiddeterminaw id-daqs u s-suġġett ta' dawn il-lottijiet.

Informazzjoni dwar jekk offerti jistgħux jiġu sottomessi għal lot wieħed jew aktar.

57. Fl-avviż ta' kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess, jew, fejn il-mezzi għas-sejħa għal kompetizzjoni hija avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifiki, fl-istedina għall-offerti jew għan-negozjar, l-entitajiet kontraenti għandhom jindikaw jekk l-offerti jistgħux jiġu ppreżentati biss għal lott wieħed, għal diversi lottijiet jew għal-lottijiet kollha.

Dritt sabiex jiġu llimitati n-numru ta' lottijiet mogħtija lil offerent wieħed.

58. L-entitajiet kontraenti jistgħu, anke fejn jistgħu jiġu ppreżentati offerti għal diversi lottijiet jew għal-lottijiet kollha, jillimitaw in-numru ta' lottijiet li jistgħu jingħataw lil offerent wieħed, sakemm in-numru massimu ta' lottijiet għal kull offerent ikun iddikjarat fl-avviż tal-kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess, għal offerta jew għal negozjar. Fid-dokumenti tal-akkwist, l-entitajiet kontraenti għandhom jindikaw l-objettiv u l-kriterji jew ir-regoli mhux diskriminatorji li huma beħsiebhom japplikaw biex jiddeterminaw liema lottijiet ser jingħataw fejn l-applikazzjoni tal-kriterji tal-għoti tirriżulta fl-għoti lil offerent wieħed ta' aktar lottijiet min-numru massimu.

Kuntratti ta' għotja li jikkumbinaw diversi lottijiet jew il-lottijiet kollha.

59. Fejn jista' jingħata aktar minn lott wieħed lill-istess offerent, l-entitajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratt li jikkombina diversi lottijiet jew il-lottijiet kollha fejn ikunu speċifikaw fl-avviż tal-kuntratt jew fl-istendina għall-konferma tal-interess, għal offerta jew għal negozjar li huma jirriservaw il-possibbiltà li jagħmlu dan u jindikaw kif il-lottijiet jew il-gruppi jistgħu jiġu kkombinati.

Prinċipji li jirreferu għall-Proċess tal-Akkwist

Ċarezza tad-dokumenti ta' akkwist.

60. (1) Id-dokument ta' akkwist għandu jinkiteb b'termini ċari u ambigwi sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jifhmu sew it-termini u l-kundizzjonijiet tal-proċess.

(2) Sakemm ma jkunx ġie mitlub kmieni biżżejjed, l-entitajiet kontraenti għandhom jipprovdu informazzjoni addizzjonali relatata mal-ispeċifikazzjonijiet u xi dokumenti ta' sostenn lill-offerenti kollha parteċpanti fil-proċedura ta' akkwist mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel il-limitu ta' żmien iffissat għar-riċevuta tal-offerti.

(3) Fil-każ ta' proċedura miftuħa aċċelerata kif imsemmi fr-regolament 91(3), il-perjodu msemmi fis-subregolament (2) għandu jkun ta' erbat ijiem

Trattament ugwali, trasparenza u proporzjonalità.

61. (1) L-entitajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi bl-istess mod u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonat.

(2) It-disinn tal-akkwist ma għandux isir bil-ħsieb li l-akkwist jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew biex b'mod artifiċjali jnaqqas il-kompetizzjoni. Il-kompetizzjoni għandha titqies bħala artifiċjalment imnaqqsa meta d-disinn tal-akkwist isir bl-intenzjoni li jagħti vantaġġ jew żvantaġġ mhux mistħoqq lil ċerti operaturi ekonomiċi.

(3) Sa fejn huma koperti mill-Annessi 3, 4, u 5 u n-Noti Ġenerali għall-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea għall-FAP u minn ftehim internazzjonali oħrajn li l-Unjoni Ewropea hija marbuta bihom, l-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu trattament lix-xogħlijiet, il-provvisti, s-servizzi u l-operaturi ekonomiċi tal-firmatarji għal dawk il-ftehim li ma jkunx inqas favorevoli mit-trattament mogħti lix-xogħlijiet, il-provvisti, is-servizzi u l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni.

Kunfidenzjalità.

62. (1) Bla ħsara għall-obbligi stabbiliti taħt dawn ir-regolamenti jew xi liġi oħra li tobbliga lid-Direttur jew l-entità kontraenti sabiex jiżvelew informazzjoni, l-entità kontraenti u, jew id-Direttur ma għandhomx jiżvelaw informazzjoni li tkun mgħoddija lilhom minn operaturi ekonomiċi li huma ikunu indikaw

bħala kunfidenzjali, inklużi, iżda mhux limitati għal, sigrieti tekniċi jew kummerċjali u l-aspetti kunfidenzjali tal-offerti.

(2) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-informazzjoni li ġejja ma għandhiex tiġi kunsidrata bħala kunfidenzjali:

(*a*) l-isem tal-offerenti u l-ismijiet individwali tal-membri ta' grupp ta' operaturi ekonomiċi li jkunu ssottomettew offerta partikolari;

(*b*) l-isem tas-subkuntratturi;

(*ċ*) id-dokumentazzjoni sottomessa minn operaturi ekonomiċi li tiċċertifika li dawn jikkonformaw mal-kriterji tal-għażla;

(*d*) informazzjoni teknika li diġà tkun pubblika.

(3) L-entitajiet kontraenti jistgħu jimponu rekwiżiti fuq l-operaturi ekonomiċi bil-għan li tiġi mħarsa n-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni li l-entitajiet kontraenti jqiegħdu għad-dispożizzjoni matul il-proċedura tal-akkwist, inkluża l-informazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni b'rabta mal-operazzjoni ta' sistema ta' kwalifiki, kemm jekk din kienet soġġetta għal notifika jew le dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifiki użata bħala mezz sabiex issejjaħ għal kompetizzjoni.

Pubblikazzjoni

Avviżi perjodiċi indikattivi. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

63. (1) L-entitajiet kontraenti jistgħu jħabbru l-intenzjonijiet tagħhom ta' akkwisti ppjanati permezz ta' pubblikazzjoni ta' avviż perjodiku indikattiv. Dawk l-avviżi għandu jkun fihom l-informazzjoni stabbilita fl-Iskeda 8, Taqsima A, Sezzjoni I. Għandhom jiġu ppubblikati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew mill-entitajiet kontraenti fuq il-profili ta' xerrej tagħhom f'konformità mar-regolament 2(*b*) tal-Iskeda 10. Fejn l-avviż perjodiku indikattiv jiġi ppubblikat mill-entitajiet kontraenti fuq il-profil tax-xerrej tagħhom, huma għandhom jibagħtu avviż tal-pubblikazzjoni tal-avviż perjodiku indikattiv fuq profil ta' xerrej lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-regolament 3 tal-Iskeda 10. Dawk l-avviżi għandu jkun fihom l-informazzjoni stipulata fl-Iskeda 8, Taqsima B.

Miżjud: A.L. 26 tal-2018.

(2) Meta sejħa għal kompetizzjoni ssir permezz ta' avviż perjodiku indikattiv fir-rigward ta' proċeduri ristretti u proċeduri nnegozjati b'sejħa għal kompetizzjoni minn qabel, l-avviż għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(*a*) għandu jirreferi b'mod speċifiku għall-provvisti, ix-xogħlijiet jew is-servizzi li ser ikunu s-suġġett tal-kuntratt li għandu jingħata

(*b*) għandu jindika li l-kuntratt ser jingħata permezz ta' proċedura ristretta jew innegozjata mingħajr pubblikazzjoni ulterjuri ta' sejħa għal kompetizzjoni u għandu jistieden lill-operaturi ekonomiċi interessati sabiex jesprimu l-interess tagħhom;

(*ċ*) għandu jkun fih, minbarra l-informazzjoni stabbilita

fis-sezzjoni I tat-Taqsima A tal-Iskeda 8, l-informazzjoni stabbilita fis-sezzjoni II tat-Taqsima A tal-Iskeda 8;

(*d*) għandu jkun intbagħat għall-pubblikazzjoni mhux aktar minn ħamsa u tletin jum u tnax-il xahar qabel id-data li fiha ntbagħtet l-istedina għall-konferma tal-interess.

Miżjud: A.L. 26 tal-2018.

(3) Dawn l-avviżi ma għandhomx jiġu ppubblikati fuq profil ta' xerrej; madankollu, il-pubblikazzjoni addizzjonali fil-livell nazzjonali skont ir-regolament 67, jekk ikun hemm, tista' ssir fuq profil ta' xerrej.

Miżjud: A.L. 26 tal-2018.

(4) Il-perjodu kopert mill-avviż perjodiku indikattiv għandu bħala massimu jkun ta' tnax-il xahar mid-data li fiha l-avviż ikun intbagħat għall-pubblikazzjoni; madankollu, fil-każ ta' kuntratti għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra, l-avviż perjodiku indikattiv imsemmi fir-regolament 135(1)(*a*)(ii) jista' jkopri perjodu li jkun itwal minn tnax-il xahar.

Avviżi dwar kuntratti.

64. (1) Avviżi dwar kuntratti jistgħu jintużaw bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni fir-rigward tal-proċeduri kollha.

(2) Avviżi dwar kuntratti għandu jkun fihom l-informazzjoni stipulata fil-parti relevanti tal-Iskeda 11 u għandhom jiġu pubblikati skont ir-regolament 66.

Avviżi dwar l-għoti tal-kuntratt. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

65. (1) Mhux aktar tard minn 30 jum wara l-konklużjoni ta' kuntratt jew ta' ftehim qafas wara d-deċiżjoni dwar l-għoti jew il-konklużjoni tiegħu, l-entitajiet kontraenti għandhom jibagħtu avviż dwar kuntratt bir-riżultati tal-proċedura tal-akkwist.

(2) Dan l-avviż għandu jkun fih l-informazzjoni stabbilita fl-fl-Iskeda 12 u għandu jiġi ppubblikat f'konformità mar-regolament 66.

(3) Fil-każ ta' ftehim qafas konklużi f'konformità mar-regolamenti 143 sa 146, l-entitajiet kontraenti ma għandhomx ikunu marbutin li jibagħtu avviż bir-riżultati tal-proċedura tal-akkwist għal kull kuntratt ibbażat fuq dak il-ftehim.

Iżda entitajiet kontraenti għandhom jiġbru l-avviżi tar-riżultati tal-proċedura tal-akkwist għal kuntratti bbażati fuq il-ftehim qafas fuq bażi trimestrali. F'dak il-każ, l-entitajiet kontraenti għandhom jibagħtu l-avviżi raggruppati fi żmien tletin jum minn tmiem kull trimestru.

(4) L-entitajiet kontraenti għandhom jibagħtu avviż dwar għoti ta' kuntratt fi żmien tletin jum mill-għoti ta' kull kuntratt fuq il-bażi ta' sistema dinamika ta' xiri. Madankollu huma jistgħu jiġbru dawn l-avviżi fi gruppi fuq bażi trimestrali. F'dak il-każ, għandhom jibagħtu l-avviżi raggruppati fi żmien tletin jum minn tmiem kull trimestru.

(5) L-informazzjoni pprovduta skont l-Iskeda 19 u intenzjonata għall-pubblikazzjoni għandha tiġi ppubblikata skont l-Iskeda 10. Ċerta informazzjoni dwar l-għoti tal-kuntratt jew il-konklużjoni tal-ftehim qafas tista' ma titħallhiex tiġi ppubblikata fejn il-pubblikazzjoni tkun ta' xkiel għall-infurzar tal-liġi jew inkella tmur kontra l-interess pubbliku jew tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' operatur ekonomiku partikolari, pubbliku jew privat, jew fejn din tista'

tippreġudika l-kompetizzjoni leali bejn l-operaturi ekonomiċi.

(6) Fil-każ ta' kuntratti għal servizzi ta' riċerka u żvilupp ("servizzi R&Ż"), l-informazzjoni li tikkonċerna n-natura u l-kwantità tas-servizzi tista' rispettivament tkun limitata għal:

(*a*) l-indikazzjoni "servizzi R&Ż" fejn il-kuntratt ingħata permezz ta' proċedura negozjata mingħajr sejħa għal kompetizzjoni f'konformità mar-regolamenti 125(*b*), 126(*b*) u 127(*b*);

(b) l-informazzjoni li tal-inqas hija dettaljata hekk kif kien indikat fl-avviż li ntuża bħala mezz għal sejħa għal kompetizzjoni.

(7) L-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-Iskeda 12 u mmarkata bħala mhux maħsuba għall-pubblikazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'forma simplifikata biss u f'konformità mal-Iskeda 10 għal skopijiet statistiċi.

Miżjud: A.L. 26 tal-2018.

(8) Fejn is-sejħa għal kompetizzjoni għall-kuntratt ikkonċernat tkun saret fil-forma ta' avviż perjodiku indikattiv u l-entità kontraenti tkun iddeċidiet li mhijiex ser tagħti kuntratti ulterjuri matul il-perjodu kopert mill-avviż perjodiku indikattiv, l-avviż dwar l-għoti ta' kuntratt għandu jkun fih indikazzjoni għal dak l-effett.

Forma u manjiera ta' pubblikazzjoni tal-avviżi.

66. (1) L-avviżi msemmija fir-regolamenti 63 sa 65 huma obbligatorji biss fir-rigward ta' offerti b'valur stmat li ma jaqbiżx il-limitu stabbilit fl-Iskeda 5 u għandhom jinkludu l-informazzjoni stabbilita fl-Iskedi 8 Taqsima A u Taqsima B, 11 u 12 u fil-format ta' formoli standard, inklużi formoli standard għal *corrigenda*.

(2) L-avviżi msemmija fir-regolamenti 63 sa 65 għandhom jitfasslu, u jiġu trażmessi b'mezzi elettroniċi lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u pubblikati skont l-Iskeda 10.

(3) L-entitajiet kontraenti għandhom ikunu jistgħu jipprovdu provi tad-dati li fihom jintbagħtu l-avviżi.

(4) Il-konferma tar-riċevuta tal-avviż u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni mibgħuta mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandha tikkostitwixxi prova tal-pubblikazzjoni.

(5) L-avviżi msemmija fir-regolamenti 63 sa 65 għandhom jiġu ppubblikati sħaħ fil-lingwa/i uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea magħżula mill-entità kontraenti. Dik il-verżjoni lingwistika jew dawk il-verżjonijiet lingwistiċi għandhom jikkostitwixxu l-uniku test awtentiku/l-uniċi testi awtentiċi.

(6) L-entitajiet kontraenti jistgħu jippubblikaw avviżi dwar kuntratti għal xogħlijiet, provvisti jew servizz li mhumiex soġġetti għar-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni stabbiliti f'dawn ir-regolamenti dejjem jekk dawk l-avviżi jintbagħtu lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea b'mezzi elettroniċi skont il-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati fl-fl-Iskeda 10.

Pubblikazzjoni f'livell nazzjonali.

67. (1) Sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mid-Direttur, offerti maħruġa b'valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 30(1)(*b*) għandhom jiġu pubblikati permez ta' pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern:

Iżda jekk l-awtorità kontraenti ma tagħmilx użu mill-pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern, hija għandha tirreklama l-offerta fil-Gazzetta.

(2) L-avviżi msemmija fir-regolamenti 63 sa 65 u l-informazzjoni li jinsabu fihom ma għandhomx jiġu pubblikati fuq livell nazzjonali qabel il-pubblikazzjoni skont ir-regolament 66:

Iżda, l-pubblikazzjoni tista' ssir f'kull każ fuq livell nazzjonali meta l-entitajiet kontraenti ma jkunux ġew notifikati bil-pubblikazzjoni fi żmien tmienja u erbgħin siegħa wara l-konferma tal-irċevuta skont ir-regolament 66.

(3) Avviżi u reklami pubblikati lokalment ma għandux ikollhom informazzjoni għajr dak il-kontenut fl-avviżi mibgħuta lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew ippubblikati fuq il-profil ta' xerrej, iżda għandhom jindikaw id-data li ntbagħat l-avviż lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew il-pubblikazzjoni tiegħu fuq il-profil ta' xerrej.

(4) Avviżi indikattivi perjodiċi ma għandhomx jiġu pubblikati fuq profil ta' xerrej qabel ma jintbagħat avviż tal-pubblikazzjoni tagħhom f'dik il-forma lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Għandhom jindikaw id-data li ntbagħtu.

Avviż ta' kompetizzjoni.

68. (1) L-entitajiet kontraenti li beħsiebhom jorganizzaw kompetizzjoni ta' disinn b'valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Iskeda 5 għandhom isejħu għal kompetizzjoni permezz ta' avviż ta' kompetizzjoni.

(2) Meta entitajiet kontraenti ikunu beħsiebhom jagħtu kuntratt ta' servizz sussegwenti skont ir-regolament 126(*g*), dan għandu jiġi indikat fl-avviż ta' kompetizzjoni ta' disinn.

(3) L-entitajiet kontraenti li organizzaw kompetizzjoni ta' disinn għandhom iħabbru r-riżultati permezz ta' avviż.

(4) Is-sejħa għal kompetizzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Iskeda 18 u l-avviż tar-riżultati ta' kompetizzjoni għandu jinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Iskeda 19 fil-format ta' formuli standard.

(5) L-avviż tar-riżultati tal-kompetizzjoni ta' disinn għandu jiġi mgħoddi lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fi żmien tletin ġurnata mill-għeluq tal-kompetizzjoni ta' disinn.

(6) Fejn il-ħruġ ta' informazzjoni dwar ir-riżultat tal-kompetizzjoni jkun ta' xkiel għall-infurzar tal-liġi jew inkella jmur kontra l-interess pubbliku jew ikun jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' operatur ekonomiku partikolari, kemm pubbliku jew privat, jew ikun jista' jippreġudika l-kompetizzjoni leali bejn operaturi ekonomiċi, din l-informazzjoni tista' ma titħalliex tiġi ppubblikata.

(7) Id-dispożizzjonijet tar-regolament 66 għandhom japplikaw

ukoll għal avviżi li għandhom x'jaqsmu mal- kompetizzjonijiet ta' disinn.

Konslutazzjonijiet preliminari tas-suq.

69. (1) Qabel ma jniedu proċedura ta' akkwist, l-entitajiet kontraenti jistgħu jorganizzaw konslutazzjonijiet mas-suq bil-ħsieb tat-tħejjija tal-akkwist u biex jgħarrfu lill-operaturi ekonomiċi bil-pjanijiet u r-rekwiżiti ta' akkwist tagħhom.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, entitajiet kontraenti jistgħu, pereżempju, jfittxu jew jaċċettaw parir minn esperti jew awtoritajiet indipendenti jew minn parteċipanti tas-suq. Dak il-parir jista' jintuża fl-ippjanar u t-twettiq tal-proċedura tal-akkwist, sakemm dan il-parir ma jkollux l-effett ta' tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u ma jirriżultax fi ksur tal-prinċipji ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni u ta' trasparenza.

Komunikazzjonijiet

Regoli applikabbli għal komunikazzjoni.

70. (1) Il-komunikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni kollha taħt dawn ir-regolamenti, b'mod partikolari l-preżentazzjoni elettronika, jitwettqu bl-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-regolament.

(2) L-għodod u l-apparat li għandhom jintużaw għall-komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi, kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi tagħhom, ma għandhomx ikunu diskriminatorji, iridu jkunu ġeneralment disponibbli u interoperabbli mal-prodotti tal-ICT fl-użu ġenerali u ma għandhomx jillimitaw l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi għall-proċedura tal-akkwist.

(3) Minkejja id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2), l-entitajiet kontraenti m'għandhomx ikunu obbligati jitolbu mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni fil-proċess ta' sottomissjoni fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(*a*) minħabba n-natura speċjalizzata tal-akkwist, l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi jitlob għodod, mezzi jew formati ta' fajl speċifiċi li ġeneralment mhumiex disponibbli jew aċċettati minn applikazzjonijiet li jkunu ġeneralment disponibbli;

(*b*) l-applikazzjonijiet li jaċċettaw il-formati ta' fajl li huma adatti għad-deskrizzjoni tal-offerti jużaw formati ta' fajl li ma jistgħux jinqraw minn ebda applikazzjoni oħra miftuħa jew ġeneralment disponibbli jew li huma taħt skema ta' liċenzjar proprjetarju u ma jistgħux isiru disponibbli għat-tniżżil jew għall-użu mill-bogħod mill-entità kontraenti;

(*ċ*) l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettronika tkun titlob tagħmir ta' uffiċċju speċjalizzat li ma jkunx ġeneralment disponibbli għall-entitajiet kontraenti;

(*d*) id-dokumenti tal-akkwist jirrikjedu s-sottomissjoni ta' mudelli fiżiċi jew fuq skala li ma jkunux jistgħu jintbagħtu bl-użu ta' mezzi elettroniċi.

(4) Fir-rigward ta' komunikazzjonijiet li għalihom ma jintużawx mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni skont is-subregolament (3), il-komunikazzjoni għandha ssir permezz tal-posta jew b'mezz ta' ġarr

adatt ieħor jew b'taħlita ta' posta jew mezz ta' ġarr adatt ieħor u mezzi elettroniċi.

(5) L-entitajiet kontraenti mhumiex obbligati li jesiġu mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni fil-proċess ta' sottomissjoni elettronika sa fejn l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni li mhumiex elettroniċi jkun meħtieġ minħabba ksur ta' sigurtà ta' dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni jew għall-protezzjoni ta' informazzjoni ta' natura partikolarment sensittiva li titlob livell għoli ta' protezzjoni li ma jistax ikun żgurat kif suppost bl-użu ta' għodod u apparat elettroniċi li jkunu ġeneralment disponibbli għall-operaturi ekonomiċi jew li jistgħu jsiru disponibbli għalihom permezz ta' mezzi alternattivi ta' aċċess fis-sens subregolamenti (10) u (11).

(6) Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-entitajiet kontraenti li titlob, f'konformità mas-subregolament (3), mezzi ta' komunikazzjoni li mhumiex mezzi elettroniċi fil-proċess ta' sottomissjoni biex tindika fir-rapporti individwali msemmija fir-regolament 172 ir-raġunijiet għal dan ir-rekwiżit. Fejn applikabbli, l-entitajiet kontraenti għandhom jindikaw fir-rapport individwali r-raġunijiet għaliex l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni li mhumiex elettroniċi ġew ikkunsidrati neċessarji fl-applikazzjoni tas-subregolament (5).

(7) Il-komunikazzjoni orali tista' tintuża fir-rigward ta' komunikazzjonijiet oħra li ma jikkonċernawx l-elementi essenzjali ta' proċedura tal-akkwist, dment li l-kontenut tal-komunikazzjoni orali jkun dokumentat fi grad suffiċjenti. Għal dan il-għan l-elementi essenzjali tal-proċedura tal-akkwist jinkludu dokumenti tal-akkwist, talbiet għall-parteċipazzjoni u konfermi ta' interess u ta' offerti. B'mod partikolari, komunikazzjonijiet orali mal-offerenti li jista' jkollhom impatt sostanzjali fuq il-kontenut u l-evalwazzjoni tal-offerti għandhom ikunu ddokumentati fi grad suffiċjenti u b'mezzi adatti, bħal reġistrazzjonijiet bil-miktub jew bl-awdjo jew sommarji tal-elementi prinċipali tal-komunikazzjoni.

(8) F'kull komunikazzjoni, skambju u ħżin ta' informazzjoni, l-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li jkunu preservati l-integrità tad-data u l-kunfidenzjalità tal-offerti u t-talbiet għal parteċipazzjoni. Għandhom jeżaminaw il-kuntest tal-offerti u t-talbiet għal parteċipazzjoni biss meta l-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tagħhom ikun skada.

(9) Għal kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi u kompetizzjonijiet ta' disinn, l-entitajiet kontraenti jistgħu jirrikjedu l-użu ta' għodod elettroniċi speċifiċi, bħal għodod ta' mmudellar elettroniku ta' informazzjoni jew oħrajn simili. F'dawn il-każijiet l-awtoritajiet kontraenti għandhom joffru mezzi alternattivi ta' aċċess kif previst fis-subregolamenti (10) u (11) sa meta dawn l-għodod isiru ġeneralment disponibbli fis-sens tas-subregolament (2).

(10) L-entitajiet kontraenti jistgħu, fejn meħtieġ, jirrikjedu l-użu ta' għodod u apparat li mhumiex disponibbli b'mod ġenerali, dment li l-entitajiet kontraenti joffru mezzi alternattivi ta' aċċess.

(11) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jitqiesu li joffru mezzi alternattivi adatti ta' aċċess fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin, meta huma:

(*a*) joffru aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett

mingħajr ħlas b'mezzi elettroniċi għal dawk l-għodod u l-apparat mid-data ta' pubblikazzjoni tal-avviż skont l-Iskeda 10 jew mid-data li fiha tintbagħat l-istedina għall-konferma tal-interess. It-test tal-avviż jew tal-istedina għall-konferma tal-interess għandu jispeċifika l-indirizz elettroniku li fuqu dawk l-għodod u l-apparat huma aċċessibbli;

(*b*) jiżguraw li l-offerenti li ma jkollhomx aċċess għall-għodod u l-mezzi kkonċernati, jew ma jkollhom l-ebda possibbiltà li jiksbuhom fil-limiti ta' żmien rilevanti, sakemm in-nuqqas ta' aċċess ma jkunx attribwibbli għall-offerent ikkonċernat, ikollhom aċċess għall-proċedura tal-akkwist permezz tal-użu ta' tokens proviżorji li jkunu disponibbli mingħajr ħlas *online*; jew

(*ċ*) jappoġġaw kanal alternattiv għall-preżentazzjoni elettronika tal-offerti.

(12) Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskeda, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin għal għodod u mezzi għat-trasmissjoni elettronika u r-riċevuta ta' offerti u għar-riċevuta b'mezzi elettroniċi ta' talbiet għal parteċipazzjoni:

(*a*) informazzjoni dwar speċifikazzjonijiet għas-sottomissjoni elettronika tal-offerti u t-talbiet għal parteċipazzjoni, inklużi l-qlib ta' data f'kodiċi u l-istampar tal-ħin, għandha tkun għad-dispożizzjoni ta' partijiet interessati;

(*b*) l-entitajiet kontraenti għandhom jispeċifikaw il-livell ta' sigurtà meħtieġ għall-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni li għandhom jintużaw fid-diversi stadji tal-proċedura tal-akkwist speċifika; il-livell għandu jkun proporzjonat għar-riskji involuti:

Iżda r-rekwiżiti stabbiliti taħt dan il-paragrafu għandhom jitqiesu sodisfaċenti meta mezzi elettroniċi ta' komunikazzjonijiet isiru permezz ta' pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern;

(*ċ*) l-entitajiet kontraenti li jaġixxu f'qafas ġenerali jikkonkludu li l-livell tar-riskji, ivvalutat taħt il-paragrafu (*b*), ikun tali li jkunu meħtieġa Firem Elettroniċi avvanzati kif definiti mid-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-entitajiet kontraenti għandhom jaċċettaw firem elettroniċi avvanzati appoġġati minn ċertifikat elettroniku kwalifikat, filwaqt li jieħdu kont ta' jekk dawk iċ-ċertifikati humiex ipprovduti minn fornitur ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni li jinsab f'lista ta' fiduċja kif previst fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/767/KE, maħluqa jew le bi strument ta' ħolqien ta' firma sigura, soġġetti għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-entitajiet kontraeti għandhom jistabbilixxu l-format tal-firma avvanzata meħtieġa fuq il-bażi tal-formati stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/130/UE u għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex dawk il-formati jkunu jistgħu jiġu pproċessati b'mod tekniku; fil-każ fejn ikun intuża

format differenti tal-firma elettronika, il-fima elettronika jew it-trasportatur tad-dokument elettroniku għandu jinkludi informazzjoni dwar possibbiltajiet ta' validazzjoni eżistenti. Il-possibbiltajiet ta' validazzjoni għandhom jippermettu lill-entità kontraenti li tivvalida *online*, mingħajr ħlas u b'mod li jinftiehem minn dawk b'lingwa materna differenti l-firem elettroniċi li jkunu rċevew bħala firma elettronika avvanzata bl-appoġġ ta' ċertifikat kwalifikat;

(ii) fejn offerta tkun iffirmata bl-appoġġ ta' ċertifikat kwalifikat li huwa inkluż f'lista ta' fiduċja, l-entitajiet kontraenti ma għandhomx japplikaw rekwiżiti addizzjonali li jistgħu jxekklu l-użu ta' dawk il-firem mill-offerenti.

(13) Rigward dokumenti li jintużaw fi proċedura ta' akkwist li jkunu ffirmati minn awtorità kompetenti jew entità emittenti oħra, l-awtorità jew entità emittenti kompetenti tista' tistabbilixxi l-format avvanzat dwar il-firma rikjest skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2011/130/UE.

(14) Għall-finijiet tas-subregolament (13), awtorità jew entità kompetenti għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jipproċessaw dak il-format teknikament billi jinkludu l-informazzjoni meħtieġa għall-fini tal-ipproċessar tal-firma fid-dokument ikkonċernat. Dawn id-dokumenti għandu jkun fihom, fil-firma elettronika jew fid-dokument elettroniku, informazzjoni tat-trasportatur dwar possibbiltajiet ta' validazzjoni eżistenti li jippermettu l-validazzjoni online tal-firma elettronika rċevuta, mingħajr ħlas u b'mod li jinftiehem minn dawk b'lingwa materna differenti.

Komunikazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

71. (1) Fuq talba tal-operaturi ekonomiċi interessati li jiksbu kuntratt, l-entitajiet kontraenti għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija regolarment fil-kuntratti tagħhom ta' provvista, xogħlijiet jew servizzi jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li biħsiebhom japplikaw għal kuntratti li s-sejħa għal kompetizzjoni tagħhom hija avviż perjodiku indikattiv. Dawk l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni b'mezzi elettroniċi permezz ta' aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ, dirett u mingħajr ħlas.

(2) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu trasmessi permezz ta' mezzi oħra li mhux mezzi elettroniċi fejn aċċess mingħajr restrizzjonijiet sħiħ, dirett u mingħajr ħlas b'mezzi elettroniċi għal ċerti dokumenti tal-akkwist ma jistax jiġi offrut għal waħda mir-raġunijiet imniżżla fir-regolament 70(1) sa (6) jew fejn l-aċċess mhux ristrett, sħiħ, dirett u mingħajr ħlas b'mezzi elettroniċi għal ċerti dokumenti tal-akkwist ma jistx jiġi offrut minħabba li l-entitajiet kontraenti beħsiebhom japplikaw ir-regolament 62(3).

(3) Fejn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu bbażati fuq dokumenti disponibbli għall-operaturi ekonomiċi b'mezzi elettroniċi permezz ta' aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ, dirett u mingħajr ħlas, l-inklużjoni ta' referenza għal dawk id-dokumenti għandha tkun biżżejjed.

Disponibbiltà elettronika tad-dokumenti tal-akkwist. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

72. (1) L-entitajiet kontraenti b'mezzi elettroniċi, joffru aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u mingħajr ħlas għad-dokumenti tal-akkwist, b'valur stat li jaqa' taħt l-Iskeda 5, mid-data ta' pubblikazzjoni tal-avviż skont ir-regolament 66 jew mid-data li fiha tkun intbgħatet stedina għall-konferma tal-interess.

(2) Fejn ma jistax jiġu offrut l-aċċess dirett mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u mingħajr ħlas b'mezzi elettroniċi għal ċerti dokumenti tal-akkwist b'valur stmat li jaqa' taħt l-Iskeda 5, minħabba waħda mir-raġunijiet stiplulati fir-regolament 70(3), l-entitajiet kontraenti jistgħu jindikaw fl-avviż jew fl-istedina għall-konferma ta' interess li d-dokumenti tal-akkwist ikkonċernati ser jintbagħtu b'mezzi oħra mhux mezzi elettroniċi.

(3) Fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (2), il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-offerti għandu jiġi mtawwal b'ħamest ijiem, għajr fil-każijiet ta' urġenza debitament sostanzjata msemmija fir-regolament 91(3).

(4) Fir-rigward ta' offerti li l-valur stmat taghom jaqa' taħt l-Iskeda 5, fejn ma jistax jiġi offrut l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u mingħajr ħlas b'mezzi elettroniċi għad-dokument tal-akkwist minħabba l-fatt li l-entitajiet kontraenti għandhom l-intenzjoni li japplika d-dispozizzjoinijiet tar-regolament 62(3), huma għandhom jindikaw fl-avviż jew fl-istedina għall-konferma tal-interess jew, fein il-mezz li ssir sejħa għal kompetizzjoni hu avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika, fid-dokumenti tal-akkwist, liema miżuri maħsuba għall-protezzjoni tan-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni huma jesiġu u kif għandu jinkiseb l-aċċess ghad-dokumenti kkoncernati.

(5) Fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (4), il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-offerti għandu jiġi mtawwal b'ħamest ijiem, għajr fil-każijiet ta' urġenza debitament sostanzjata msemmija fir-regolament 91(3).

Miżjud: A.L. 26 tal-2018.

(6) Fejn il-mezzi għas-sejħa għal kompetizzjoni jkunu avviż tal-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika, dan l-aċċess għandu jiġi offrut malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn meta tintbagħat l-istedina għall-offerti jew għan-negozjar. It-test tal-avviż jew ta' dawk l-istediniet għandu jispeċifika l-indirizz fuq l-internet li fih ikunu aċċessibbli d-dokumenti tal-offerta.

Stediniet lill-kandidati. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

73. (1) Fi proċeduri ristretti, proċeduri ta' djalogi kompetittivi, sħubijiet għall-innovazzjoni u proċeduri negozjati b'sejħiet għal kompetizzjoni minn qabel, b'mod simultanju u bil-miktub, l-entitajiet kontraenti għandhom jistiednu lill-kandidati magħżula sabiex jippreżentaw l-offerti tagħhom, jieħdu sehem fid-djalogu jew jinnegozjaw.

(2) L-istediniet imsemmija fis-subregolament (1) għandhom jinkludu referenza għall-indirizz elettroniku li fih id-dokumenti tal-akkwist tqiegħdu għad-dispożizzjoni diretta b'mezzi elettroniċi. L-istediniet għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti tal-akkwist, fejn dawk id-dokumenti ma jkunux is-suġġett ta' aċċess dirett mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u mingħajr ħlas, għar-raġunijiet stipulati fir-regolament 72(2) u (3) jew 72(4) u (5) u ma jkunux saru disponibbli

b'xi mod ieħor. Barra minn hekk, l-istediniet imsemmijin fis-subregolament (1) għandhom jinkludu l-informazzjoni stipulata fl-Iskeda 13.

Miżjud: A.L. 26 tal-2018.

(3) Fejn jintuża avviż perjodiku indikattiv bħala sejħa għal kompetizzjoni skont ir-regolament 89(2)(*a*), b'mod simultanju u bil-miktub, l-entitajiet kontraenti għandhom jistiednu lill-operaturi ekonomiċi li jkunu wrew l-interess tagħhom sabiex jikkonfermaw l-interess kontinwat tagħhom.

Katalogi elettroniċi. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

74. (1) Fejn ikun meħtieġ l-użu ta' mezzi elettroniċi ta' kumunikazzjoni, l-entitajiet kontraenti jistgħu jesiġu li l-offerti jiġu ppreżentati fil-format ta' katalogu elettroniku jew jinkludu katalogu elettroniku.

(2) L-offerti ppreżentati fil-forma ta' katalogu elettroniku jistgħu jkunu akkumpanjati minn dokumenti oħra, li jikkompletaw l-offerta.

(3) Il-katalogi elettroniċi għandhom jiġu stabbiliti mill-kandidati jew mill-offerenti bil-ħsieb li jipparteċipaw fi proċedura tal-akkwist partikolari skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-format stabbiliti mill-entità kontraenti.

(4) Il-katalogi elettroniċi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-għodod ta' komunikazzjoni elettronika kif ukoll ma' kwalunkwe rekwiżit addizzjonali stabbilit mill-entità kontraenti f'konformità mar-regolament 70.

(5) Fejn il-preżentazzjoni ta' offerti fil-forma ta' katalogi elettroniċi hija aċċettata jew meħtieġa, l-entitajiet kontraenti għandhom:

Sostitwit: A.L. 26 tal-2018

(*a*) jiddikjaraw dan fl-avviż ta' kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess, jew, fejn il-mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni jkun avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifiki, fl-istedina għall-offerti jew għan-negozjar;

(*b*) jindikaw fid-dokumenti tal-akkwist l-informazzjoni kollha meħtieġa f'konformità mar-regolament 70(12) rigward il-format, it-tagħmir elettroniku użat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet ta' konnessjonijiet tekniċi għall-katalogu.

(6) Fejn ġie konkluż ftehim qafas ma' aktar minn operatur ekonomiku wieħed wara l-preżentazzjoni ta' offerti fil-forma ta' katalogi elettroniċi, l-entitajiet kontraenti jistgħu jipprovdu li l-ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni għal kuntratti speċifiċi jseħħ fuq il-bażi ta' katalogi aġġornati. F'dak il-każ, l-entitajiet kontraenti għandhom jużaw wieħed mill-metodi li ġejjin:

(*a*) jistiednu lill-offerenti sabiex jippreżentaw mill-ġdid il-katalogi elettroniċi tagħhom, adattati għar-rekwiżiti tal-kuntratt inkwistjoni; jew

(*b*) jinnotifikaw lill-offerenti li għandhom il-ħsieb li jiġbru mill-katalogi elettroniċi li diġà ġew ppreżentati l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu kostitwiti offerti adattati għar-rekwiżiti tal-kuntratt speċifiku inkwistjoni, dejjem jekk l-użu ta' dan il-metodu jkun ġie mħabbar fid-dokumenti tal-akkwist tal-ftehim qafas.

(7) Fejn l-entitajiet kontraenti jiftħu mill-ġdid kompetizzjoni għal kuntratti speċifiċi skont is-subregolament (6)(*b*), dawn għandhom jinnotifikaw lill-offerenti bid-data u l-ħin li fihom għandhom il-ħsieb li jiġbru l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu kostitwiti offerti adattati għar-rekwiżiti tal-kuntratt speċifiku inkwistjoni u għandhom jagħtu lill-offerenti l-possibilità li jiċħdu tali ġbir ta' informazzjoni.

(8) L-entitajiet kontraenti għandhom jipprovdu perjodu adegwat bejn in-notifika u l-istess ġbir tal-informazzjoni.

(9) Qabel ma jagħtu l-kuntratt, l-entitajiet kontraenti għandhom jippreżentaw l-informazzjoni miġbura lill-offerent ikkonċernat, sabiex b'hekk jagħtuh l-opportunità li jikkontesta jew jikkonferma li l-offerta hekk ikkostitwita ma fiha l-ebda żball materjali.

(10) L-entitajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratti fuq il-bażi ta' sistema dinamika ta' xiri billi jesiġu li offerti għal kuntratt speċifiku għandhom jiġu ppreżentati fil-format ta' katalogu elettroniku.

(11) L-entitajiet kontraenti jistgħu wkoll jagħtu kuntratti bbażati fuq sistema dinamika ta' xiri skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (6)(*b*) u subregolamenti (7), (8) u (9) dejjem jekk it-talba għal parteċipazzjoni fis-sistema dinamika ta' xiri tkun akkumpanjata minn katalogu elettroniku skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-format stabbiliti mill-entità kontraenti.

(12) Għall-finijiet tas-subregolament (11), il-katalogu għandu jimtela' mill-kandidati, meta dawn ikunu ġew mgħarrfa bl-intenzjoni tal-entità kontraenti li tikkostitwixxi l-offerti permezz tal-proċedura stabbilita fis-subregolament (6)(*b*).

Limitu ta' Żmien u Speċifikazzjonijiet Tekniċi

Determinazzjoni tal-limiti taż-żmien.

75. (1) Meta jiffissaw il-limiti ta' żmien għat-talbiet għal parteċipazzjoni u r-riċevuta ta' offerti, l-entitajiet kontraenti għandhom jieħdu kont partikolari tal-kumplessità tal-kuntratt u ż-żmien meħtieġ għat-tfassil tal-offerti, mingħajr preġudizzju għal-limiti ta' żmien minimi stabbiliti fir-regolamenti 90 sa 123.

(2) Fejn l-offerti jistgħu jsiru biss wara żjara fuq il-post jew wara spezzjoni fuq il-post tad-dokumenti li jappoġġaw id-dokumenti tal-akkwist, il-limiti ta' żmien għar-riċevuta ta' offerti, li għandhom ikunu itwal mil-limiti ta' żmien minimi stabbiliti fir-regolamenti 90 sa 123, għandhom jiġu ffissati sabiex l-operaturi ekonomiċi kkonċernati kollha jkunu jistgħu jsiru jafu dwar l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jinħolqu l-offerti.

(3) L-entitajiet kontraenti għandhom jestendu l-limiti taż-żmien għar-riċevuta ta' offerti sabiex l-operaturi ekonomiċi kollha kkonċernati jkunu jistgħu jsiru jafu dwar l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jinħolqu l-offerti fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) fejn, għal kwalunkwe raġuni, l-informazzjoni addizzjonali, għalkemm mitluba mill-operatur ekonomiku fi żmien adegwat, ma tiġix ipprovduta tal-anqas sitt ijiem qabel l-iskadenza ffissata għar-riċevuta tal-offerti. Fil-każ ta' proċedura miftuħa aċċelerata kif imsemmi fir-regolament 91(3), dak il-perjodu għandu jkun ta' erbat ijiem;

(*b*) fejn isiru bidliet sinifikanti lid-dokumenti tal-akkwist.

(4) It-tul tal-estensjoni għandu jkun proporzjonat mal-importanza tal-informazzjoni jew tal-bidla.

(5) Fejn l-informazzjoni addizzjonali ma ġietx mitluba fi żmien adegwat jew l-importanza tagħha mhix sinifikanti fid-dawl tat-tħejjija ta' offerti reattivi, l-awtoritajiet kontraenti m'għandhomx ikunu meħtieġa li jestendu l-limiti ta' żmien.

(6) Offerti sottomessi tard jiġu skwalifikati mill-proċess.

Speċifikazzjonijiet tekniċi.

76. (1) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif definiti ir-regolament 2 għandhom jiġu stabbiliti fid-dokumenti tal-akkwist. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jistabbilixxu l-karatteristiċi meħtieġa ta' xogħlijiet, servizz jew provvista.

(2) Dawk il-karatteristiċi jistgħu jirreferu wkoll għall-proċess jew metodu speċifiku tal-produzzjoni jew il-provvista tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi mitluba jew għall-proċess speċifiku għal stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu wkoll fejn dawn il-fatturi ma jiffurmawx parti mis-sustanza materjali tagħhom, dment li huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u proporzjonali għall-valur u l-objettivi tiegħu.

(3) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jistgħu jispeċifikaw ukoll jekk hux ser ikun meħtieġ it-trasferiment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

(4) Għall-akkwisti kollha li huma maħsubin għall-użu minn persuni fiżiċi, kemm jekk il-pubbliku ġenerali kif ukoll jekk il-persunal tal-entità kontraenti, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, minbarra f'każijiet debitament ġustifikati, għandhom jitfasslu b'mod li jieħdu kont tal-kriterji ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà jew ta' disinn għall-utenti kollha.

(5) Fejn ir-rekwiżiti obbligatorji ta' aċċessibbiltà huma adottati permezz ta' att legali tal-Unjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom, sa fejn ikunu kkonċernati l-kriterji ta' aċċessibilità għal persuni b'diżabbiltà jew ta' disinn għall-utenti kollha, jiġu definiti b'referenza għalihom.

(6) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom joffru aċċess ugwali lill-operaturi ekonomiċi għall-proċedura tal-akkwist u ma għandux ikollhom l-effett li joħolqu xkiel mingħajr ġustifikazzjoni għall-ftuħ tal-akkwist pubbliku għal kompetizzjoni.

(7) Mingħajr preġudizzju għar-regoli tekniċi nazzjonali obbligatorji, sa fejn ikunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu formulati b'wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

(*a*) f'termini tar-rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali, inklużi l-karatteristiċi ambjentali, dejjem jekk il-parametri jkunu preċiżi biżżejjed sabiex jippermettu lill-offerenti jiddeterminaw is-suġġett tal-kuntratt u l-entitajiet kontraenti jitħallew jagħtu l-kuntratt;

(*b*) permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u, fl-ordni ta' preferenza, għall-istandards nazzjonali li jittrasponu l-istandards Ewropej, il-Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni, l-

istandards internazzjonali, sistemi ta' referenzi tekniċi oħrajn stabbiliti mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej jew - fejn xi waħda minn dawk ma teżistix - l-istandards nazzjonali, l-approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali relatati mad-disinn, il-kalkolu u t-twettiq ta' xogħlijiet u l-użu tal-provvisti; kull referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem "jew ekwivalenti";

(*ċ*) f'termini ta' rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali msemmija fil-paragrafu (*a*), b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-paragrafu (*b*) bħala mezz ta' suppożizzjoni ta' konformità ma' tali rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali;

(*d*) permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-paragrafu (*b*) għal ċerti karatteristiċi, u permezz ta' referenza għar-rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali msemmija fil-paragrafu (*a*) għal karatteristiċi oħrajn.

(8) Sakemm dan ma jkunx ġustifikat mis-suġġett tal-kuntratt, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma għandhomx jirreferu għal isem ta' ditta jew provenjenza speċifika, jew proċess partikolari li jikkaratterizza l-prodotti jew servizzi fornuti minn operatur ekonomiku speċifiku, jew għal marki kummerċjali, privattivi, tipi jew oriġini jew produzzjoni speċifika bl-effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti impriżi jew ċerti prodotti. Din ir-referenza għandha tkun permessa, fuq bażi eċċezzjonali, fejn ma tkunx possibbli deskrizzjoni preċiża u intelliġibbli biżżejjed tas-suġġett tal-kuntratt skont is-subregolament (7). Din ir-referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem "jew ekwivalenti".

(9) Fejn entità kontraenti tuża l-għażla li tirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fis-subregolament (7)(b), ma għandhiex tiċħad offerta minħabba r-raġuni li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi li għalihom ġiet ippreżentata l-offerta ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li hi rreferiet għalihom, ladarba l-offerent jagħti prova fl-offerta tiegħu bi kwalunkwe mezz adatt, inkluż il-mezz ta' prova msemmi fir-regolament 78 li s-soluzzjonijiet proposti jissodisfaw ir-rekwiżiti definiti mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi b'mod ekwivalenti.

(10) Fejn entità kontraenti tuża l-għażla prevista fis-subregolament (7)(*a*) li tifformula speċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali, ma għandhiex tiċħad offerta għal provvisti, servizzi jew xogħlijiet li jikkonformaw ma' standard nazzjonali li jittrasponi standard Ewropew, ma' approvazzjoni teknika Ewropea, speċifikazzjoni teknika komuni, standard internazzjonali jew sistema ta' referenza teknika stabbilita minn korp ta' standardizzazzjoni Ewropew, fejn dawk l-ispeċifikazzjonijiet jindirizzaw ir-rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali li hi tkun stabbilixxiet.

(11) Fl-offerta tiegħu, l-offerent għandu juri bi kwalunkwe mezz adatt, inklużi dawk imsemmija fir-regolament 78, li l-provvisti, is-servizz jew ix-xogħol konformi mal-istandard jilħqu r-rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali tal-entità kontraenti.

Tikketti.

77. (1) Fejn entitajiet kontraenti jkollhom l-intenzjoni jixtru xogħlijiet, provvisti jew servizzi b'karatteristiċi speċifiċi ambjentali, soċjali jew oħrajn huma jistgħu, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-kriterji tal-għoti tal-kuntratt jew fil-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt, jitolbu tikketta speċifika bħala mezz ta' prova li x-xogħlijiet, is-servizzi jew il-provvisti jikkorrispondu għall-karatteristiċi meħtieġa, dment li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu sodisfatti:

(*a*) ir-rekwiżiti tat-tikketta jikkonċernaw biss kriterji li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt u huma adegwati sabiex jiddefinixxu l-karatteristiċi tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt;

(*b*) ir-rekwiżiti tat-tikketta huma bbażati fuq kriterji oġġettivi verifikabbli u mhux diskriminatorji;

(*ċ*) it-tikketti huma stabbiliti fi proċedura miftuħa u trasparenti li fiha jistgħu jipparteċipaw il-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-korpi pubbliċi, il-konsumaturi, is-sħab soċjali, il-manifatturi, id-distributuri u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

(*d*) it-tikketti huma aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha;

(*e*) ir-rekwiżiti tat-tikketta huma stipulati minn parti terza li fuqha l-operatur ekonomiku li jkun qed japplika għat-tikketta ma jistax jeżerċita influwenza deċiżiva.

(2) Fejn l-entitajiet kontraenti ma jeħtiġux li x-xogħlijiet, provvisti jew servizzi jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tat-tikketta, huma għandhom jindikaw ir-rekwiżiti tat-tikketta li qed issir referenza għalihom.

(3) L-entitajiet kontraenti li jirrikjedu tikketta speċifika għandhom jaċċettaw it-tikketti kollha li jikkonfermaw li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi jissodisfaw rekwiżiti tat-tikketta ekwivalenti.

(4) Fejn operatur ekonomiku jkun wera li ma għandux il-possibbiltà li jikseb it-tikketta speċifika indikata mill-entità kontraenti jew tikketta ekwivalenti fil-limiti taż-żmien rilevanti għal raġunijiet li mhumiex attribwibbli lil dak l-operatur ekonomiku, l-entità kontraenti għandha taċċetta mezzi adatti oħrajn ta' prova, li jistgħu jinkludu dossier tekniku mill-manifattur, dment li l-operatur ekonomiku konċernat jagħti prova li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi li huwa għandu jipprovdi jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tikketta speċifika jew ir-rekwiżiti speċifiċi indikati mill-entità kontraenti.

(5) Fejn tikketta tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fis-subregolament (1)(*b*), (*ċ*), (*d*) u (*e*) iżda tistabbilixxi wkoll rekwiżiti mhux marbutin mas-suġġett tal-kuntratt, l-entitajiet kontraenti ma għandhomx jesiġu t-tikketta bħala tali iżda jistgħu jiddefinixxu l-ispeċifikazzjoni teknika b'referenza għal dawk tal-ispeċifikazzjonijiet dettaljati ta' dik it-tikketta, jew inkella, fejn dan ikun neċessarju, partijiet minnha li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt u li jkunu adatti sabiex jiddefinixxu l-karatteristiċi ta' dan is-suġġett.

Rapporti tat-test, ċertifikazzjoni u mezzi oħra ta' prova.

78. (1) L-entitajiet kontraenti jistgħu jesiġu li l-operaturi ekonomiċi jipprovdu rapport tat-test minn korp għall-valutazzjoni tal-konformità jew ċertifikat maħruġ minn tali korp bħala mezz ta' prova ta' konformità mar-rekwiżiti jew kriterji stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet

tekniċi, fil-kriterji tal-għoti jew fil-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt.

(2) Fejn l-entitajiet kontraenti jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' ċertifikati mfasslin minn korp għall-valutazzjoni tal-konformità speċifiku, l-entitajiet kontraenti għandhom jaċċettaw ukoll ċertifikati minn korpi għall-valutazzjoni tal-konformità ekwivalenti oħrajn.

(3) L-entitajiet kontraenti għandhom jaċċettaw mezzi adatti oħra ta' prova li huma differenti minn dawk imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2), bħal dossier tekniku tal-manifattur, fejn l-operatur ekonomiku konċernat ma kellux aċċess għaċ-ċertifikati jew għar-rapporti dwar l-ittestjar imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2), jew l-ebda possibilità li jiksibhom fil-limiti taż-żmien rilevanti, sakemm in-nuqqas ta' aċċess mhuwiex attribwibbli lill-operatur ekonomiku konċernat u sakemm l-operatur ekonomiku konċernat jagħti prova li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi jissodisfaw ir-rekwiżiti jew il-kriterji stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-kriterji tal-għoti jew fil-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt.

L-Offerent

Tipi ta' offerenti.

79. Offerent jista' jkun persuna fiżika jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' persuna bħal dawn u, jew entitajiet.

Operaturi ekonomiċi stabbiliti f'Stat Membru ieħor.

80. L-operaturi ekonomiċi li, skont il-liġi tal-Istat Membru li huma stabbiliti fih, huma intitolati li jipprovdu s-servizz rilevanti, ma għandhomx jiġu rrifjutati unikament minħabba r-raġuni li, skont il-liġi ta' Malta li fih jingħata l-kuntratt, dawn meħtieġa jkunu jew persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi:

Iżda fil-każ ta' kuntratti ta' servizzi u xogħlijiet kif ukoll kuntratti ta' provvista li jkopru servizzi addizzjonali jew operazzjonijiet ta' bini u installazzjoni, il-persuni ġuridiċi jistgħu jkunu meħtieġa jindikaw, fl-offerta jew fit-talba għal parteċipazzjoni, l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali rilevanti tal-persunal responsabbli mit-twettiq tal-kuntratt inkwistjoni.

Gruppi ta' operaturi ekonomiċi.

81. (1) Gruppi ta' operaturi ekonomiċi, inklużi assoċjazzjonijiet temporanji, jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri tal-akkwist. Huma m'għandhomx jintalbu ikollhom forma legali speċifika mill-entitajiet kontraenti sabiex jippreżentaw offerta jew talba ta' parteċipazzjoni.

(2) Fejn meħtieġ, l-entitajiet kontraenti jistgħu jiċċaraw fid-dokumenti tal-akkwist kif il-gruppi ta' operaturi ekonomiċi għandhom jilħqu l-kriterji u r-rekwiżiti għas-selezzjoni kwalitattiva u kwantitattiva msemmija fir-regolamenti 164 sa 169 dment li dan ikun ġustifikat b' raġunijiet oġġettivi u proporzjonat.

(3) Kwalunkwe kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt minn tali gruppi ta' operaturi ekonomiċi, li huma differenti minn dawk imposti fuq parteċipanti individwali, għandhom ukoll ikunu ġġustifikati b'raġunijiet oġġettivi u għandhom ikunu proporzjonati.

(4) L-entitatjiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li l-gruppi ta' operaturi ekonomiċi jassumu forma ġuridika speċifika ladarba jkunu ngħataw il-kuntratt, sa fejn tali bidla tkun meħtieġa għat-twettiq sodisfaċenti tal-

kuntratt.

Involviment minn qabel ta' kandidati jew offerenti.

82. (1) Fejn kandidat jew offerent jew impriża relatata ma' kandidat jew offerent ta parir lill-entità kontraenti, sew jekk fil-kuntest tar-regolament 69 u sew jekk le, jew kien involut b'xi mod ieħor fit-tħejjija tal-proċedura tal-akkwist, l-entità kontraenti għandha tieħu l-miżuri adatti sabiex tiżgura li l-kompetizzjoni ma tiġix mgħawġa mill-parteċipazzjoni ta' dak il-kandidat jew l-offerent.

(2) Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-komunikazzjoni lill-kandidati u l-offerenti l-oħra ta' informazzjoni rilevanti skambjata fil-kuntest ta' jew li tirriżulta mill-involviment tal-kandidat jew l-offerent fit-tħejjija tal-proċedura tal-akkwist u l-iffissar ta' limiti ta' żmien adegwati għar-riċevuta ta' offerti. Il-kandidat jew l-offerent ikkonċernat għandu jiġi eskluż biss minn dik il-proċedura fejn ma hemm l-ebda mod ieħor sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dmir ta' osservazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

(3) Qabel kull esklużjoni bħal din, il-kandidati jew l-offerenti għandhom jingħataw l-opportuntià li juru li l-involviment tagħhom fit-tħejjija tal-proċedura tal-akkwist ma jistax jgħawweġ il-kompetizzjoni. Il-miżuri meħuda għandhom jiġu dokumentati fir-rapport individwali meħtieġ mit-Taqsima III jew mir-regolament 172, skont il-każ.

Sottokuntrattar.

83. (1) Fid-dokumenti tal-akkwist, l-entità kontraenti tista' titlob lill-offerent sabiex fl-offerta tiegħu jindika kwalunkwe sehem mill-kuntratt li huwa jista' jkollu l-ħsieb li jagħti bħala sottokuntratt lil partijiet terzi u jindika wkoll kwalunkwe sottokuntratturi proposti.

(2) L-offerent bħala kuntrattur ewlieni huwa responsabbli għal kull atti jew ommissjoni mwettqa mis-sottokuntratturi tiegħu.

(3) Fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet u fir-rigward ta' servizzi li għandhom jiġu provduti fil-faċilità taħt is-superviżjoni diretta tal-entità kontraenti, wara l-għoti tal-kuntratt u mhux aktar tard minn meta jibda t-twettiq tal-kuntratt, l-entità kontraenti għandha tesiġi lill-kuntrattur ewlieni jindika lill-entità kontraenti l-isem, id-dettalji ta' kuntatt u r-rappreżentanti legali tas-sottokuntratturi tagħha, li huma involuti f' tali xogħlijiet jew servizzi, kif magħrufa f'dan il-punt ta' żmien. L-entità kontraenti għandha tesiġi lill-kuntrattur ewlieni javża lill-entità kontraenti bi kwalunkwe tibdil f'din l-informazzjoni waqt il-perjodu tal-kuntratt kif ukoll bl-informazzjoni meħtieġa dwar kwalunkwe sottokuntrattur ġdid li jinvolvi sussegwentement f' tali xogħlijiet jew servizzi:

Iżda dan is-subregolament ma japplikax għal forniturі.

(4) Fejn ikun neċessarju l-informazzjoni meħtieġa għandha tkun akkumpanjata mill-awtodikjarazzjonijiet tas-sottokuntratturi kif imsemmi fir-regolament 71(4).

(5) L-entitajiet kontraenti jistgħu jestendu l-obbligi previsti fis-subregolament (3), għal:

(*a*) kuntratti ta' provvista, għall-kuntratti ta' servizzi (minbarra dawk li jikkonċernaw servizzi li jiġu provduti fil-faċilitajiet taħt is-superviżjoni diretta tal-entità kontraenti) jew għall-fornituri involuti f'kuntratti ta' xogħlijiet jew servizzi;

(*b*) sottokuntratturi tas-sottokuntratturi tal-kuntrattur ewlieni jew aktar 'l isfel fil-katina tas-sottokuntrattar.

(6) Is-sottokuntratturi għandhom josservaw l-obbligi stabbiliti taħt ir-regolament 34(*m*) matul l-esekuzzjoni tal-kuntratti.

(7) L-awtorità kontraent għandha d-dritt li tissospendi l-ħlasijiet u, jew tagħżel li tħoll il-kuntratt jekk il-kuntrattur ewlieni jonqos jirrispetta l-obbligi tiegħu taħt dan ir-regolament.

L-Offerta Magħżula

Regoli applikabbli għall-għażla ta' parteċipanti. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

84. (1) Għall-finijiet tal-għażla ta' parteċipanti fil-proċeduri tal-akkwist tagħhom, għandhom japplikaw ir-regoli kollha ġejjin:

(*a*) l-entitajiet kontraenti jkunu pprovdew ir-regoli u l-kriterji ta' esklużjoni tal-offerti jew tal-kandidati f'konformità mar-regolament 164 jew regolament 165(1) għandhom jeskludu operaturi ekonomiċi identifikati skont dawn ir-regoli u li jissodisfaw dawn il-kriterji;

(*b*) għandhom jagħżlu offerenti u kandidati skont ir-regoli u l-kriterji oġġettivi stabbiliti f'konformità mar-regolamenti 164 u 165;

(*ċ*) fi proċeduri ristretti, fi proċeduri negozjati b'sejħa għal kompetizzjoni, fi djalogi kompetittivi u fi sħubijiet għall-innovazzjoni, b'valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 30(*b*), għandhom fejn xieraq inaqqsu, skont ir-regolament 165(2), in-numru ta' kandidati magħżula skont il-paragrafi (*a*) u (*b*).

(2) Meta jagħżlu l-parteċipanti għal proċedura ristretta jew negozjata, għal djalogu kompetittiv jew għal sħubija għall-innovazzjoni, fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom dwar il-kwalifika jew meta l-kriterji jew ir-regoli jkunu qed jiġu aġġornati, l-entitajiet kontraenti ma għandhomx:

(*a*) jimponu kundizzjonijiet amministrattivi, tekniċi jew finanzjarji fuq ċerti operaturi ekonomiċi li ma għandhomx jiġu impost fuq oħrajn;

(*b*) jesiġu testijiet jew evidenza li jkunu jiddupplikaw l-evidenza oġġettiva diġà disponibbli.

Miżjud: A.L. 26 tal-2018.

(3) Fejn sejħa għal kompetizzjoni ssir permezz ta' avviż tal-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika u għall-fini li jintgħażlu parteċipanti fil-proċeduri ta' akkwist għall-kuntratti speċifiċi li huma s-suġġett tas-sejħa għal kompetizzjoni, l-entitajiet kontraenti għandhom:

(*a*) jikkwalifikaw operaturi ekonomiċi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolament 169;

(*b*) japplikaw, għal dawn l-operaturi ekonomiċi kkwalifikati, dawk id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) li huma rilevanti għal proċeduri ristretti jew innegozjati, għal djalogi kompetittivi jew għal sħubijiet għall-innovazzjoni.

L-offerta valida.

85. (1) Bla ħsara għat-Taqsima VI u r-regolament 168(6), l-awtorità kontraenti għandha tiżgura li operatur ekonomiku għandu

ab initio ikun eliġibbli li jikkwalifika għal offerta u għandu konsegwentement ikollu fil-pussess tiegħu l-ħtiġiet stipulati fid-dokumenti ta' akkwist sad-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tiegħu.

(2) Fejn l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni li għandha tiġi sottomessa mill-operaturi ekonomiċi tkun jew tidher li tkun mhux kompleta jew żbaljata, jew fejn dokumenti speċifiċi ikunu nieqsa, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu, lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati li jissottomettu, jissupplementaw, jikkjarifikaw jew jimlew l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni rilevanti f'limitu ta' żmien:

Iżda dawn it-talbiet għandhom isiru b'konformità sħiħa mal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' trasparenza.

(3) L-offerta finanzjarja ma tistax tinbidel bl-eċċezzjoni għal korrezzjoni ta' żbalji aritmetiċi evidenti kif permess fid-dokument ta' akkwist.

(4) L-entitajiet kontraenti għandhom jivverifikaw li l-offerti ppreżentati mill-offerenti magħżula jikkonformaw mar-regoli u r-rekwiżiti applikabbli għall-offerti u jagħtu l-kuntratt fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 170 u 174, b'kont meħud tar-regolament 175.

Taqsima II
Bordijiet, Kumitati u Tribunali

86. Ir-regolamenti 64 sa 99 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

Applikabbiltà tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. L.S. 601.03

Taqsima III
Regoli li japplikaw għal Offerti Dipartimentali

87. (1) Ir-regolamenti 100 u 102 sa 113 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

Applikabbiltà tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. L.S. 601.03

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-proċeduri nnegozjati b'pubblikazzjoni minn qabel ma għandhomx ikunu disponibbli wkoll għal offerti dipartimentali.

88. Meta l-valur stmat jilħaq jew jaqbeż għaxart elef euro (€10,000) iżda ma jaqbiżx il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(1)(*a*), it-tagħmir, provvista, xogħlijiet jew servizzi jistgħu jiġu akkwistati wara sejħa għal offerti dipartimentali.

Sejħa għal offerti dipartimentali.

Taqsima IV
Tipi ta' Proċeduri ta' Akkwist

89. (1) Kuntratti jistgħu jingħataw bl-użu tal-proċedura miftuħa, il-proċedura ristretta, il-proċedura negozjata b'sejħa għall-kompetizzjoni minn qabel, djalogu kompetittiv, il-proċedura negozjata mingħajr sejħa għall-kompetizzjoni u kompetizzjonijiet ta' disinn.

Metodi varji ta' akkwist. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

(2) Is-sejħa għal kompetizzjoni tista' ssir b'wieħed mill-mezzi li ġejjin:

Miżjud: A.L. 26 tal-2018.

(*a*) avviż perjodiku indikattiv skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 63 fejn il-kuntratt jingħata permezz ta' proċedura ristretta jew innegozjata;

(*b*) avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifiki skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 169 fejn il-kuntratt jingħata permezz ta' proċedura ristretta jew innegozjata jew permezz ta' djalogu kompetittiv jew ta' sħubija għall-innovazzjoni;

(*ċ*) permezz ta' avviż ta' kuntratt skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 64.

Miżjud: A.L. 26 tal-2018.

(3) Fil-każ imsemmi fis-subregolament (2)(*a*), l-operaturi ekonomiċi li esprimew l-interess tagħhom wara l-pubblikazzjoni tal-avviż perjodiku indikattiv għandhom sussegwentement jiġu mistiedna sabiex jikkonfermaw l-interess tagħhom bil-miktub permezz ta' stedina għall-konferma tal-interess f'konformità mar-regolament 73.

Proċedura Miftuħa.

90. Kull operatur ekonomiku jista', f'proċeduri miftuħa, jista' jissottometti offerta bi tweġiba għal sejħa għal kompetizzjoni.

Limitu ta' żmien għar-riċevuta ta' offerti għal sejħa għal kompetizzjoni. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

91. (1) (a) Sejħa għal kompetizzjoni b'valur stmat li jaqa' taħt il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(b) għandu jkollha limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta ta' offerti li għandu jkun ta' ħamsa u tletin jum mid-data tal-pubblikazzjoni.

(*b*) Meta l-valur stmat ta' sejħa għal offerta jilħaqjew jaqbeż il-valur imsemmi fl-Iskeda 5, din is-sejħa għandha ssir permezz ta' avviż ta' kuntratt u l-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu (a) għandu jibda' jiddekorri mid-data ta' meta l-avviż ta' kuntratt ikun intbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

(*ċ*) L-offerta għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni għall-għażla kwalitattiva li tkun mitluba mill-entità kontraenti.

(2) Meta l-entitajiet kontraenti jkunu ppubblikaw avviż perjodiku indikattiv, il-limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta ta' offerti, kif stabbilit fis-subregolament (1)(a), jista' jitqassar għal ħmistax-il ġurnata, sakemm il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu sodisfatti:

Sostitwit: A.L. 26 tal-2018.

(*a*) l-avviż perjodiku indikattiv inkluda, minbarra l-informazzjoni meħtiega mis-sezzjoni I tat-Taqsima A tal-Iskeda 8, l-informazzjoni kollha meħtieġa mis-sezzjoni II tat-Taqsima A tal-Iskeda 8, sa fejn din l-informazzjoni msemmija l-aħħar kienet disponibbli fiż-żmien meta ġie ppubblikat l-avviż perjodiku indikattiv;

Sostitwit: A.L. 26 tal-2018.

(*b*) l-avviż perjodiku indikattiv intbagħat għall-pubblikazzjoni bejn ħamsa u tletin jum u tnax-il xahar qabel id-data li fiha ntbagħat l-avviż ta' kuntratt.

(*ċ*) l-offerta għandha tkun akkumpanjata mill- informazzjoni għall-għażla kwalitattiva li tkun mitluba mill-entità kontraenti.

(3) Fejn stat ta' urġenza ssostanzjat debitament mill-entità kontraenti jrendi bħala imprattikabbli l-limitu ta' żmien stabbilit fis-subregolament (1)(*a*), din tista', bl-approvazzjoni tad-Direttur, tistabbilixxi limitu ta' żmien li ma għandux ikun inqas minn ħmistax-il jum mid-data li fiha ntbagħat l-avviż ta' kuntratt lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

(4) L-entità kontraenti tista' tnaqqas b'ħamest ijiem il-limitu ta' żmien għar-riċevuta ta' offerti stabbiliti fis-subregolament (1)(*a*) meta hi taċċetta li l-offerti jistgħu jiġu ppreżentati b'mezzi elettroniċi skont ir-regolament 70(9) sa (14).

(5) Fil-każ ta' kuntratt b'valur stmat li jkun anqas mil-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(1)(*a*), il-limitu minimu ta' żmien għar-riċevuta ta' offerti għandu jkun ta' għoxrin ġurnata mid-data li fiha ġiet ippubblikata l-offerta:

Iżda dan il-limitu ta' żmien jista' jitnaqqas għal ħmistax-il ġurnata f'każijiet ta' urġenza estrema bl-approvazzjoni minn qabel tal-kap tal-entità kontraenti.

Eżami ta' offerti f'proċeduri miftuħa.

92. Fi proċeduri miftuħa, l-entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jeżaminaw l-offerti qabel ma jivverifikaw l-adattabbiltà tal-offerti, sakemm jiġu osservati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolamenti 84, 85, 164 sa 171 u 174, inkluża r-regola li l-kuntratt ma għandux jingħata lil offerent li kellu jiġi eskluż skont ir-regolament 164 jew li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-kriterji tal-għażla stabbiliti mill-entità kontraenti f'konformità mar-regolamenti 165(1) u 164.

Proċedura Ristretta

Talba għal parteċipazzjoni fi proċeduri ristretti.

93. Fi proċeduri ristretti, kull operatur ekonomiku jista' jippreżenta talba sabiex jipparteċipa bħala tweġiba għal sejħa għal kompetizzjoni billi jipprovdi l- informazzjoni għall-għażla kwalitattiva li ġiet rikjesta mill-entità kontraenti.

Limitu ta' żmien għar-riċevuta ta' talbiet.

94. (1) Bħala regola ġenerali, il-limitu minimu ta' żmien għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni għandu jiġi ffissat għal mhux inqas minn tletin jum mid-data li fiha ntbagħatet l-istedina għall-konferma tal-interess u fl-ebda eventwalità ma jista' jkun inqas minn ħmistax-il ġurnata skont il-każ.

(2) Meta l-valur stmat tal-proċedura ristretta tilħaq jew taqbeż il-valuri stabbiliti fl-Iskeda 5, il-limitu ta' żmien stabbilit fis-subregolament (1) għandu jibda jiddekori mid-data li fiha nbagħat l-avviż ta' kuntratt lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Operaturi ekonomiċi eliġibbli.

95. Huma biss dawk l-operaturi ekonomiċi mistiedna li jagħmlu dan mill-entità kontraenti wara l-evalwazzjoni tagħha tal- informazzjoni pprovduta li jistgħu jippreżentaw offerta. L-entitajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati adatti li għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-proċedura skont ir-regolament 165(2).

Limitu ta' żmien għar-riċevuta tal-offerti.

96. Il-limitu minimu ta' żmien għar-riċevuta tal-offerti għandu jkun tal-inqas għaxart ijiem mid-data li fiha l-istedina għall-offerta tkun intbagħtet.

Proċedura negozjata b'sejħa għall-kompetizzjoni minn qabel.

97. (1) Meta l-valur stmat ta' sejħa għal kompetizzjoni tilħaq jew taqbeż il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 30(1)(*b*), l-awtorità kontraenti tista', wara li tikseb minn qabel l-approvazzjoni tad-Direttur, toħroġ proċedura negozjata b'seħja minn qabel għal kompetizzjoni.

(2) Id-Direttur jista', meta jagħti l-approvazzjoni tiegħu, jimponi xi kundizzjoni li huwa jqies xierqa li jimponi.

Sottomissjoni mill-offerent.

98. Kull operatur ekonomiku jista', f'proċeduri negozjati b'sejħa minn qabel għal kompetizzjoni, jissottometti talba għal parteċipazzjoni bi tweġiba għal sejħa għall-kompetizzjoni billi jipprovdi l-informazzjoni dwar is-selezzjoni kwalitattiva li tkun mitluba mill-entità kontraenti.

Limiti ta' żmien fuq it-talbiet għal parteċipazzjoni. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

99. Bħala regola ġenerali, il-limitu minimu ta' żmien għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni għandu jiġi ffissat għal mhux inqas minn tletin jum mid-data li fiha ntbagħat l-avviż ta' kuntratt fil-każ ta' offerti b'valur stmat li jilħaq jew li jaqbeż il-valuri fl-Iskeda 5, jew minn meta ġiet ippubblikata s-sejħa għal kompetizzjoni jew, fejn jintuża avviż perjodiku indikattiv bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni, l-istedina għall-konferma tal-interess intbagħtet u għandu jkun f'kull każ mhux inqas minn ħmistax-il ġurnata.

Parteċipazzjoni.

100. Huma biss dawk l-operaturi ekonomiċi mistiedna li jagħmlu dan mill-entità kontraenti wara l-evalwazzjoni tagħha tal-informazzjoni pprovduta li jistgħu jippreżentaw offerta. L-entitajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati adatti li għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-proċedura f'konformità mar-regolament 165(2).

Limiti ta' żmien għal sejħa ta' offerti.

101. Il-limitu ta' żmien għas-sejħa ta' offerti għandu jkun għall-inqas għaxart ijiem mid-data li fiha intbagħatet l-istedina għall-offerta.

Sħubija għall-innovazzjoni.

102. (1) Id-Direttur jista', wara li jiġi mitlub mill-entità kontraenti, bla ħsara għal xi kundizzjonijiet li huwa jqis xierqa li jimponi, japprova bil-miktub l-użu tal-proċedura għas-sħubija għall-innovazzjoni. Id-Direttur jista' jimponi xi kundizzjoni li huwa jqis neċessarja għall-eżekuzzjoni korretta ta' din il-proċedura.

(2) Il-talba msemmija għandha tiġi sostnuta b'dokumenti li juru li l-bżonn tal-entità kontraenti ma tistax tintlaħaq bix-xiri ta' prodotti, servizzi jew xogħlijiet disponibbli fuq is-suq.

Talba għal parteċipazzjoni.

103. Fi proċedura ta' sħubija għall-innovazzjoni, kull operatur ekonomiku jista' jissottometti talba sabiex jipparteċipa, bi tweġiba għal avviż ta' kuntratt għal offerti b'valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-valur skont l-Iskeda 5 jew sejħa għal kompetizzjoni, skont il-każ, billi jipprovdi informazzjoni dwar l-għażla kwalitattiva li tiġi mitluba mill-entità kontraenti.

Kontenut tad-dokument ta' akkwist.

104. Fid-dokumenti tal-akkwist, l-entità kontraenti għandha tidentifika l-ħtieġa għal prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi li ma tistax tintlaħaq bix-xiri ta' prodotti, servizzi jew xogħlijiet li huma diġà disponibbli fis-suq. Hija għandha tindika liema elementi ta' din id-deskrizzjoni jiddefinixxu r-rekwiżiti minimimi li għandhom jintlaħqu mill-offerenti kollha. L-indikazzjonijiet għandhom ikunu preċiżi biżżejjed sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jidentifikaw in-natura u l-ambitu tas-soluzzjoni meħtieġa u jiddeċiedu jekk jitolbux li jipparteċipaw fil-proċedura.

Numru ta' imsieħba.

105. L-entità kontraenti tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi sħubija għall-innovazzjoni ma' sieħeb wieħed jew ma' diversi sħab li jwettqu attivitajiet separati ta' riċerka u żvilupp.

Limitu ta' żmien għar-riċevuta ta' talbiet.

106. (1) Bħala regola ġenerali, il-limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun tletin ġurnata mill-pubblikazzjoni tas-sejħa għal kompetizzjoni. Huma biss dawk l-operaturi ekonomiċi mistiedna mill-entità kontraenti wara l-evalwazzjoni tal-informazzjoni mogħtija li jistgħu jipparteċipaw fil-proċedura. L-entitajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati adatti li għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-proċedura skont ir-regolament 165(2). Il-kuntratt għandu jingħata fuq il-bażi unika tal-kriterju tal-għoti tal-offerta li tippreżenta l-aqwa bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità skont ir-regolament 170(2) u (3).

(2) Meta l-valur stmat tal-isħubija għall-innovazzjoni jilħaq jew jaqbeż il-valuri stabbilit fl-Iskeda 5 il-limitu ta' żmien stabbilit fis-subregolament (1) jibda jiddekorri mid-data li fiha l-avviż tal-kuntratt ikun inbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Għan.

107. Is-sħubija għall-innovazzjoni għandu jkollha l-għan li tiżviluppa prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi u x-xiri sussegwenti tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li jirriżultaw, sakemm huma jikkorrispondu għal-livelli ta' prestazzjoni u l-ispejjeż massimi maqbula bejn l-entitajiet kontraenti u l-parteċipanti.

Stuttura.

108. Is-sħubija għall-innovazzjoni għandha tiġi strutturata f'fażijiet suċċessivi li jsegwu s-sekwenza ta' passi fil-proċess ta' riċerka u innovazzjoni, li tista' tinkludi l-manifattura tal-provvista, il-forniment tas-servizzi jew it-tlestija tax-xogħlijiet. Is-sħubija għall-innovazzjoni għandha tistabbilixxi miri intermedji li għandhom jinkisbu mis-sħab u tipprovdi għall-ħlas tar-remunerazzjoni f'pagamenti parzjali adatti.

Tmiem.

109. Abbażi ta' dawk il-miri, l-entità kontraenti tista' tiddeċiedi wara kull fażi li ttemm is-sħubija għall-innovazzjoni jew, f'każ ta' sħubija għall-innovazzjoni b'diversi sħab, li tnaqqas in-numru ta' sħab billi ttemm kuntratti individwali, dment li l-entità kontraenti tkun indikat fid-dokumenti tal-akkwist dawk il-possibiltajiet u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom.

Negozjar.

110. (1) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-regolament, l-entitajiet kontraenti għandhom jinnegozjaw mal-offerenti dawk l-offerti inizjali u dawk kollha sussegwenti sottomessi minnhom, għajr l-offerta finali, sabiex jittejjeb il-kontenut tagħhom.

(2) Ir-rekwiżiti minimi u l-kriterji tal-għoti ma għandhomx ikunu soġġetti għal negozjati.

(3) Matul in-negozjati, l-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw it-trattament ugwali tal-offerenti kollha. Għal dak il-għan, ma għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li jista' jagħti vantaġġ lil xi offerenti fuq oħrajn. Huma għandhom jinfurmaw lill-offerenti kollha, li l-offerti tagħhom ma jkunux ġew eliminati skont is-subregolament (5), bil-miktub dwar kwalunkwe bidla fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew dokumenti oħra tal-akkwist minbarra dawk li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi. Wara dawk il-bidliet, l-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu biżżejjed ħin lill-offerenti biex jimmodifikaw u jerġgħu jippreżentaw l-offerti emendati, kif adatt.

(4) F'konformità mar-regolament 62, l-entitajiet kontraenti ma għandhomx jiżvelaw lill-parteċipanti l-oħra informazzjoni kunfidenzjali kkomunikata minn kandidat jew offerent li jkun qed jieħu sehem fin-negozjati mingħajr il-qbil tiegħu. Qbil bħal dan ma għandux jieħu l-forma ta' eżenzjoni ġenerali iżda għandu jsir b'referenza għall-komunikazzjoni intenzjonata ta' informazzjoni speċifika.

(5) In-negozjati matul il-proċeduri tas-sħubija għall-innovazzjoni jistgħu jsiru fi stadji suċċessivi sabiex jonqos in-numru ta' offerti li għandhom jiġu negozjati billi jiġu applikati l-kriterji tal-għoti speċifikati fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess jew fid-dokumenti tal-akkwist. Fl-avviż dwar il-kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess jew fid-dokumenti tal-akkwist, l-entità kontraenti għandha tindika jekk hix ser tuża dik l-alternattiva.

Għażla.

111. (1) Fl-għażla tal-kandidati, l-entitajiet kontraenti għandhom b'mod partikolari japplikaw il-kriterji li jikkonċernaw il-kapaċità tal-kandidati fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi.

(2) Huma biss dawk l-operaturi ekonomiċi mistiedna mill-entità kontraenti wara l-evalwazzjoni tagħha tal-informazzjoni mitluba li jistgħu jissottomettu proġetti ta' riċerka u innovazzjoni bil-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati mill-entità kontraenti li ma jistgħux jiġu sodisfatti bis-soluzzjonijiet eżistenti.

Drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

112. Fid-dokumenti tal-akkwist, l-entità kontraenti għandha tiddefinixxi l-arranġamenti applikabbli għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Fil-każ ta' sħubija għall-innovazzjoni ma' diversi sħab, l-entità kontraenti ma għandhiex, f'konformità mar-regolament 62, tiżvela lill-isħab l-oħra s-soluzzjonijiet proposti jew informazzjoni kunfidenzjali oħra kkomunikata minn sieħeb fil-qafas tas-sħubija mingħajr il-qbil ta' dak is-sieħeb. Qbil bħal dan ma għandux jieħu l-forma ta' eżenzjoni ġenerali iżda għandu jsir b'referenza għall-komunikazzjoni intenzjonata ta' informazzjoni speċifika.

Eżekuzzjoni.

113. L-entità kontraenti għandha tiżgura li l-istruttura tas-sħubija u, b'mod partikolari, id-durata u l-valur tal-fażijiet differenti jirreflettu l-livell ta' innovazzjoni tas-soluzzjoni proposta u s-sekwenza tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni meħtieġa għall-iżvilupp ta' soluzzjoni innovattiva li għadha mhix disponibbli fis-suq. Il-valur stmat ta' provvisti, servizzi jew xogħlijiet mixtrija ma għandux ikun

sproporzjonat meta mqabbel mal-investiment għall-iżvilupp tagħhom.

Djalogu kompetittiv.

114. Id-Direttur jista', wara li jiġi mitlub mill-awtorità kontraenti, bla ħsara għal xi kundizzjonijiet li huwa jqis xierqa li jimponi, japprova bil-miktub l-użu tad-djalogu kompetittiv

Talba għal parteċipazzjoni.

115. Kull operatur ekonomiku jista' jossottometti talba sabiex jipparteċipa bi tweġiba kemm għal avviż ta' kuntratt fir-rigward ta' offerti b'valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limitu fl-Iskeda 5, jew għal sejħa għal kompetizzjoni, skont il-każ, billi jipprovdi l-informazzjoni dwar l-għażla kwalitattiva mitluba mill-entità kontraenti.

Limitu ta' żmien.

116. Il-limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun tletin ġurnata mid-data li fiha l-avviż ta' kuntratt intbagħat jew minn meta ġiet ippubblikata s-sejħa għal kompetizzjoni jew, fejn jintuża avviż perjodiku indikattiv bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni, l-istedina għall-konferma tal-interess intbagħtet u fl-ebda eventwalità ma jista' jkun ta' inqas minn ħmistax-il jum skont il-każ.

Parteċipazzjoni.

117. Huma biss dawk l-operaturi ekonomiċi mistiedna mill-entità kontraenti wara l-evalwazzjoni tal-informazzjoni mogħtija li jistgħu jipparteċipaw fid-djalogu. L-entitajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati adatti li għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-proċedura f'konformità mar-regolament 165(2). Il-kuntratt għandu jingħata fuq il-bażi unika tal-kriterju tal-għoti tal-offerta li tippreżenta l-aqwa bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità skont ir-regolament 170(2).

Ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti.

118. L-entitajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tagħhom fl-avviż ta' kuntratt, u għandhom jiddefinixxu dawk il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti f'dak l-avviż u, jew f'dokument deskrittiv. Fl-istess ħin u fl-istess dokumenti, huma għandhom jistabbilixxu u jiddefinixxu l-kriterji tal-għoti magħżula wkoll u jistabbilixxu perjodu ta' żmien indikattiv.

Djalogu.

119. (1) Flimkien mal-parteċipanti magħżulin skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolamenti 84, 85, 92 u 164 sa 169, l-entitajiet kontraenti għandhom jiftħu djalogu li l-għan tiegħu jkun li jiġu identifikati u definiti l-aktar mezzi xierqa sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tagħhom. Huma jistgħu jiddiskutu l-aspetti kollha tal-akkwist mal-parteċipanti magħżulin matul dan id-djalogu.

(2) Matul id-djalogu, l-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw ugwaljanza tat-trattament fost il-parteċipanti kollha. Għal dak il-għan, ma għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li tista' tagħti vantaġġ lil xi parteċipanti fuq oħrajn.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijet tar-regolament 62, l-entitajiet kontraenti ma għandhomx jiżvelaw lill-parteċipanti l-oħra soluzzjonijiet proposti jew informazzjoni kunfidenzjali oħra kkomunikata minn kandidat jew offerent li qed jipparteċipa fid-djalogu mingħajr il-qbil tiegħu. Qbil bħal dan ma għandux jieħu l-forma ta' eżenzjoni ġenerali iżda għandu jsir b'referenza għall-komunikazzjoni intenzjonata ta' informazzjoni speċifika.

(4) Id-djalogi kompetittivi jistgħu jseħħu fi stadji suċċessivi sabiex

jonqos in-numru ta' soluzzjonijiet li jridu jiġu diskussi matul l-istadju ta' djalogu billi jiġu applikati l-kriterji tal-għoti stipulati fl-avviż ta' kuntratt jew fid-dokument deskrittiv. Fl-avviż ta' kuntratt jew fid-dokument deskrittiv, l-entità kontraenti għandha tindika jekk hijiex ser tuża dik l-għażla.

(5) L-entità kontraenti għandha tkompli bid-djalogu sakemm tkun tista' tidentifika s-soluzzjoni jew is-soluzzjonijiet li huma kapaċi jilħqu l-ħtiġijiet tagħha

(6) Wara li jiddikjaraw li d-djalogu huwa konkluż u wara li jgħarrfu lill-parteċipanti li jifdal dwar dan, l-entitajiet kontraenti għandhom jitolbuhom jippreżentaw l-offerti finali tagħhom fuq il-bażi tas-soluzzjoni jew is-soluzzjonijiet ppreżentati u speċifikati matul id-djalogu. Dawk l-offerti għandu jkun fihom l-elementi kollha meħtieġa u neċessarji għat-twettiq tal-proġett.

Kjarifika, preċiżazzjoni, eċċ.

120. Fuq talba tal-entità kontraenti, dawk l-offerti jistgħu jkunu ċċarati, ippreċiżati u pperfezzjonati. Madankollu, din il-kjarifika, preċiżazzjoni u perfezzjonament jew informazzjoni addizzjonali ma tistax tinvolvi bidliet fl-aspetti essenzjali tal-offerta jew tal-akkwist, inkluż il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti stipulati fl-avviż ta' kuntratt jew fid-dokument deskrittiv, fejn varjazzjonijiet għal dawk l-aspetti, ħtiġijiet u rekwiżiti x'aktarx joħolqu tgħawwiġ tal-kompetizzjoni jew ikollhom effett diskriminatorju.

Evalwazzjoni.

121. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jivvalutaw l-offerti rċevuti fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti stabbiliti fis-sejħa għal kompetizzjoni jew fid-dokument deskrittiv.

Negozjati.

122. Fuq talba tal-entità kontraenti, in-negozjati mal-offerent identifikat bħala dak li ssottometta l-offerta li tippreżenta l-aqwa bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità skont ir-regolament 170(2) jistgħu jsiru biex jiġu kkonfermati impenji finanzjarji jew termini oħra li jkunu fl-offerta billi jiġu ffinalizzati t-termini tal-kuntratt dment li tali negozjati ma jkollhomx l-effett li materjalment jimmodifikaw l-aspetti essenzjali tal-offerta jew tal-akkwist pubbliku, inklużi l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fl-avviż ta' kuntratt jew fid-dokument deskrittiv u ma jirriskjax li jgħawweġ il-kompetizzjoni jew li jikkawża diskriminazzjoni.

Premji jew ħlasijiet.

123. L-entitajiet kontraenti jistgħu jispeċifikaw premji jew ħlasijiet għall-parteċipanti fid-djalogu.

Proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel

Użu tal-proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel.

124. (1) Id-Direttur jista', wara li jiġi mitlub mill-entità kontraenti, bla ħsara għal xi kundizzjonijiet li huwa jqis xierqa li jimponi, japprova bil-miktub l-użu tal-proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel, kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, Kuntratti għal provvisti pubbliċi u Kuntratti ta' servizz pubbliku kif speċifikat fir-regolamenti li ġejjin.

(2) It-talba magħmula mill-awtorità kontraenti għandha debitament tissostanzja l-ħtiega ta' proċedura negozjata.

(3) Id-Direttur ma għandux jippremetti l-użu ta' din il-proċedura f'xi każijiet oħra għajr dawk imsemmija f'din it-

Taqsima.

Kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi.

125. Il-proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel tista' tintuża għal kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) fejn l-ebda offerta jew l-ebda offerta xierqa jew l-ebda talba għal parteċipazzjoni jew l-ebda talba adatta għall-parteċipazzjoni ma ġiet sottomessa bi tweġiba għal proċedura b'sejħa għal kompetizzjoni minn qabel, dejjem jekk il-kundizzjonijiet inizjali tal-kuntratt mhumiex sostanzjalment modifikati;

(*b*) meta kuntratt ikun purament għall-fini ta' riċerka, esperiment, studju jew żvilupp, u mhux għall-fini li jiġi assigurat profitt jew bl-iskop ta' rkupru tal-ispejjeż ta' riċerka u żvilupp, u sa fejn l-għoti ta' tali kuntratt ma jippreġudikax l-għoti b'mod kompetittiv ta' kuntratti sussegwenti li, b'mod partikolari, ikollhom dawk l-iskopijiet;

(*ċ*) fejn ix-xogħlijiet jistgħu jiġu forniti biss minn operatur ekonomiku partikolari minħabba waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) l-għan tal-akkwist huwa l-ħolqien jew l-akkwist ta' xogħol artistiku uniku jew ta' rappreżentazzjoni artistika unika;

(ii) hemm nuqqas ta' kompetizzjoni minħabba raġunijiet tekniċi;

(iii) il-protezzjoni ta' drittijiet esklużivi, inkluż drittijiet ta' proprjetà intellettwali:

Iżda l-eċċezzjonijiet stipulati fis-subparagrafi (ii) u (iii) għandhom japplikaw biss meta ma teżistix alternattiva jew sostitut raġonevoli u n-nuqqas ta' kompetizzjoni mhijiex ir-riżultat ta' limitazzjonijiet artifiċjali fil-parametri tal-akkwist;

(*d*) sa fejn huwa strettament neċessarju fejn, għal raġunijiet ta' urġenza estrema kkawżata minn avvenimenti mhux prevedibbli mill-entità kontraenti, ma jistax ikun hemm konformità mal-limiti ta' żmien stabbiliti għal proċeduri miftuħa, proċeduri ristretti u proċeduri negozjati b'sejħa għal kompetizzjoni minn qabel. Iċ-ċirkustanzi invokati sabiex jiġġustifikaw l-urġenza kbira qatt ma għandhom ikunu attribwibbli lill-entità kontraenti;

(*e*) għal xogħlijiet ġodda li jikkonsistu mir-repetizzjoni ta' xogħlijiet simili assenjati lill-kuntrattur li l-istess entitajiet kontraenti tawh kuntratt preċedenti, dejjem jekk dawn ix-xogħlijiet jew servizzi jikkonformaw ma' proġett bażiku li għalih ingħata l-ewwel kuntratt skont proċedura b'mod provdut taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda l-proġett bażiku għandu jindika sa liema punt jistgħu jaslu x-xogħlijiet jew is-servizzi addizzjonali possibbli u l-kundizzjonijiet li fihom ser jingħataw. Hekk kif l-ewwel proġett jinħareġ għall-offerti, l-użu possibbli ta' din il-proċedura għandu jiġi divulgat u l-entitajiet

kontraenti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-istima tal-ispiża totali tax-xogħlijiet jew is-servizzi sussegwenti meta japplikaw r-regolamenti 30, 42 u l-Iskeda 5;

Kuntratti ta' servizz pubbliku.

126. Il-proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel tista' tintuża għal kuntratti ta' servizz pubbliku fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) fejn l-ebda offerta jew l-ebda offerta xierqa jew l-ebda talba għal parteċipazzjoni jew l-ebda talba adatta għall-parteċipazzjoni ma ġiet sottomessa bi tweġiba għal proċedura b'sejħa għal kompetizzjoni minn qabel, dejjem jekk il-kundizzjonijiet inizjali tal-kuntratt mhumiex sostanzjalment modifikati;

(*b*) meta kuntratt ikun purament għall-fini ta' riċerka, esperiment, studju jew żvilupp, u mhux għall-fini li jiġi assigurat profitt jew bl-iskop ta' rkupru tal-ispejjeż ta' riċerka u żvilupp, u sa fejn l-għoti ta' dak il-kuntratt ma jippreġudikax l-għoti b'mod kompetittiv ta' kuntratti sussegwenti li, b'mod partikolari, ikollhom dawk l-iskopijiet;

(*ċ*) fejn is-servizzi jistgħu jiġu forniti biss minn operatur ekonomiku partikolari minħabba waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) l-għan tal-akkwist huwa l-ħolqien jew l-akkwist ta' xogħol artistiku uniku jew ta' rappreżentazzjoni artistika unika;

(ii) hemm nuqqas ta' kompetizzjoni minħabba raġunijiet tekniċi;

(iii) il-protezzjoni ta' drittijiet esklużivi, inkluż drittijiet ta' proprjetà intellettwali:

Iżda l-eċċezzjonijiet stipulati fis-subparagrafi (ii) u (iii) għandhom japplikaw biss meta ma teżistix alternattiva jew sostitut raġonevoli u n-nuqqas ta' kompetizzjoni mhijiex ir-riżultat ta' limitazzjonijiet artifiċjali fil-parametri tal-akkwist;

(*d*) sa fejn huwa strettament neċessarju fejn, għal raġunijiet ta' urġenza estrema kkawżata minn avvenimenti mhux prevedibbli mill-entità kontraenti, ma jistax ikun hemm konformità mal-limiti ta' żmien stabbiliti għal proċeduri miftuħa, proċeduri ristretti u proċeduri negozjati b'sejħa għal kompetizzjoni minn qabel. Iċ-ċirkustanzi invokati sabiex jiġġustifikaw l-urġenza kbira qatt ma għandhom ikunu attribwibbli lill-entità kontraenti;

(*e*) għal servizzi ġodda li jikkonsistu mir-repetizzjoni ta' servizzi assenjati lill-kuntrattur li l-istess entitajiet kontraenti tawh kuntratt preċedenti, dejjem jekk dawn ix-xogħlijiet jew is-servizzi jikkonformaw ma' proġett bażiku li għalih ingħata l-ewwel kuntratt skont proċedura b'mod provdut taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda l-proġett bażiku għandu jindika sa liema punt jistgħu

jaslu x-xogħlijiet jew is-servizzi addizzjonali possibbli u l-kundizzjonijiet li fihom ser jingħataw. Hekk kif l-ewwel proġett jinħareġ għall-offerti, l-użu possibbli ta' din il-proċedura għandu jiġi divulgat u l-entitajiet kontraenti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-istima tal-ispiża totali tax-xogħlijiet jew is-servizzi sussegwenti meta japplikaw r-regolamenti 30, 42 u l-Iskeda 5;

(*f*) għal xiri ta' servizzi b'kundizzjonijiet partikolarment vantaġġużi, jew mingħand fornitur li qed jagħmel stralċ definittiv tal-attivitajiet ta' negozju tiegħu jew mil-likwidatur fi proċedura ta' insolvenza, arranġament mal-krediturі jew proċedura simili taħt il-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali;

(*g*) fejn il-kuntratt ta' servizz ikkonċernat jiġi wara kompetizzjoni ta' disinn organizzata skont dawn ir-regolamenti u ser tingħata, skont ir-regoli provduti fil-kompetizzjoni ta' disinn, lir-rebbieħ jew lil wieħed mir-rebbieħa ta' dik il-kompetizzjoni; fil-każ imsemmi l-aħħar, ir-rebbieħa kollha għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fin-negozjati.

Kuntratti għal provvisti pubbliċi.

127. Il-proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel tista' tintuża għal kuntratti għal provvisti pubbliċi fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) fejn l-ebda offerta jew l-ebda offerta xierqa jew l-ebda talba għal parteċipazzjoni jew l-ebda talba adatta għall-parteċipazzjoni ma ġiet sottomessa bi tweġiba għal proċedura b'sejħa għal kompetizzjoni minn qabel, dejjem jekk il-kundizzjonijiet inizjali tal-kuntratt mhumiex sostanzjalment modifikati;

(*b*) meta kuntratt ikun purament għall-fini ta' riċerka, esperiment, studju jew żvilupp, u mhux għall-fini li jiġi assigurat profitt jew bl-iskop ta' rkupru tal-ispejjeż ta' riċerka u żvilupp, u sa fejn l-għoti ta' tali kuntratt ma jippreġudikax l-għoti b'mod kompetittiv ta' kuntratti sussegwenti li, b'mod partikolari, ikollhom dawk l-iskopijiet;

(*ċ*) fejn il-provvisti jistgħu jiġu forniti biss minn operatur ekonomiku partikolari minħabba waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) l-għan tal-akkwist huwa l-ħolqien jew l-akkwist ta' xogħol artistiku uniku jew ta' rappreżentazzjoni artistika unika;

(ii) hemm nuqqas ta' kompetizzjoni minħabba raġunijiet tekniċi;

(iii) il-protezzjoni ta' drittijiet esklużivi, inkluż drittijiet ta' proprjetà intellettwali:

Iżda l-eċċezzjonijiet stipulati fis-subparagrafi (ii) u (iii) għandhom japplikaw biss meta ma teżistix alternattiva jew sostitut raġonevoli u n-nuqqas ta' kompetizzjoni mhijiex ir-riżultat ta' limitazzjonijiet

artifiċjali fil-parametri tal-akkwist;

(*d*) sa fejn huwa strettament neċessarju fejn, għal raġunijiet ta' urġenza estrema kkawżata minn avvenimenti mhux prevedibbli mill-entità kontraenti, ma jistax ikun hemm konformità mal-limiti ta' żmien stabbiliti għal proċeduri miftuħa, proċeduri ristretti u proċeduri negozjati b'sejħa għal kompetizzjoni minn qabel. Iċ-ċirkustanzi invokati sabiex jiġġustifikaw l-urġenza kbira qatt ma għandhom ikunu attribwibbli lill-entità kontraenti;

(*e*) fil-każ ta' kuntratti ta' provvista għal konsenji addizzjonali mill-fornitur oriġinali li huma maħsuba jew bħala sostituzzjoni parzjali tal-provvisti jew installazzjonijiet jew inkella bħala l-estensjoni ta' provvisti jew installazzjonijiet eżistenti, fejn bidla fil-fornitur tkun tobbliga lill-entità kontraenti sabiex tikseb provvisti li għandhom karatteristiċi tekniċi differenti li jirriżultaw f'inkompatibbiltà jew diffikultajiet tekniċi sproporzjonati fit-tħaddim u l-manutenzjoni;

(*f*) għal provvisti kkwotati u mixtrija f'suq tal-prodotti bażiċi;

(*g*) għal xiri bl-irħis, fejn ikun possibbli li jiġu akkwistati provvisti billi jittieħed vantaġġ minn opportunità partikolarment vantaġġuża disponibbli għal żmien qasir ħafna bi prezz konsiderevolment aktar baxx mill-prezzijiet normali tas-suq;

(*h*) għal xiri ta' provvisti b'kundizzjonijiet partikolarment vantaġġużi, jew mingħand fornitur li qed jagħmel stralċ definittiv tal-attivitajiet ta' negozju tiegħu jew mil-likwidatur fi proċedura ta' insolvenza, arranġament mal-krediturі jew proċedura simili taħt il-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali.

Offerti meqjusa mhumiex adatti.

128. Għall-finjiet ta' din it-Taqsima, offerta għandha tkun meqjusa bħala mhux adatta meta hija irrilevanti għall-kuntratt, minħabba li b'mod ċar mhijiex kapaċi, mingħajr bidliet sostanzjali, li tissodisfa l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-entità kontraenti kif speċifikat fid-dokumenti tal-akkwist. Talba għall-parteċipazzjoni għandha tiġi meqjusa mhux adatta meta l-operatur ekonomiku kkonċernat għandu jew jista' jkun eskluż f'konformità mar-regolamenti 165(1) jew 164, jew ma jissodisfax il-kriterji tal-għażla stipulati mill-entità kontraenti f'konformità mar-regolamenti 164, 166 jew 165.

Kompetizzjoni ta' Disinn

Applikabbiltà.

129. Din it-Taqsima tapplika għal kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati bħala parti minn proċedura ta' akkwist għal kuntratt ta' servizz.

Regoli dwar l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet ta' disinn u l-għażla tal-parteċipanti.

130. (1) Meta jorganizzaw kompetizzjonijiet ta' disinn, l-entitajiet kontraenti għandhom japplikaw proċeduri li huma adattati għar-regolamenti 2 sa 32, 34, 35, 43 sa 55, 61, 62, 68, 70, 80, 81, 129 sa 133, u t-Taqsima IX.

(2) L-ammissjoni ta' parteċipanti għal kompetizzjonijiet ta' disinn

ma għandhiex tkun limitata:

(*a*) minħabba r-referenza għat-territorju jew parti mit-territorju ta' Stat Membru;

(*b*) minħabba r-raġunijiet li, dawn ikunu meħtieġa minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

(3) Fejn il-kompetizzjonijiet ta' disinn ikunu limitati għal għadd ta' parteċipanti, l-entitajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu kriterji ta' għażla ċari u mhux diskriminatorji. Madanakollu, f'kull każ, l-għadd ta' kandidati mistiedna għandu jkun biżżejjed sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġenwina.

L-għamla tal-ġurija.

131. Il-ġurija għandha tkun komposta esklużivament minn persuni fiżiċi li huma indipendenti mill-parteċipanti fil-kompetizzjoni. Fejn tkun meħtieġa kwalifika professjonali partikolari mill-parteċipanti f'kompetizzjoni, tal-inqas terz mill-membri tal-ġurija għandu jkollhom dik il-kwalifika jew kwalifika ekwivalenti.

Deċiżjonijiet tal-ġurija.

132. (1) Il-ġurija għandha tkun awtonoma fid-deċiżjonijiet jew l-opinjoniet tagħha.

(2) Il-ġurija għandha teżamina l-pjanijiet u l-proġetti ppreżentati mill-kandidati b'mod anonimu u fuq il-bażi unika tal-kriterji indikati fl-avviż ta' kompetizzjoni.

(3) Il-ġurija għandha tirreġistra l-klassifikazzjoni tal-proġetti f'rapport, iffirmat mill-membri tagħha, magħmula skont il-merti ta' kull proġett, flimkien mal-kummenti tagħha u kwalunkwe punti li jeħtieġ li jiġu ċċarati.

(4) L-anonimità għandha tiġi osservata sakemm il-ġurija tasal għal opinjoni jew deċiżjoni.

(5) Jekk ikun jeħtieġ, il-kandidati jistgħu jiġu mistiedna jwieġbu mistoqsijiet li l-ġurija rreġistrat fil-minuti sabiex jiċċaraw kwalunkwe aspett mill-proġetti.

(6) Għandhom jinżammu minuti sħaħ tad-djalogu bejn il-membri tal-ġurija u l-kandidati.

Kuntratti riżervati u Kuntratti għal Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn

Kuntratti riżervati.

133. (1) L-entitajiet kontraenti jistgħu jirriżervaw id-dritt li jipparteċipaw fi proċeduri tal-akkwist għal *workshops* protetti jew operaturi ekonomiċi li l-għan prinċipali tagħhom huwa l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni li għandhom diżabbiltà jew li huma żvantaġġati jew jistgħu jipprovdu sabiex dawn il-kuntratti jitwettqu fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti, dment li tal-inqas 30% tal-impjegati ta' dawk il-*workshops*, l-operaturi ekonomiċi jew il-programmi ekonomiċi huma persuni b'diżabbiltà jew ħaddiema żvantaġġati.

(2) Is-sejħa għal kompetizzjoni għandha tagħmel referenza għal dan ir-regolament.

Kuntratti għal Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn.

134. Kuntratti għal Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn elenkati fl-Iskeda 16 għandhom jingħataw skont din it-Taqsima.

Pubblikazzjoni ta' avviżi.
Emendat: A.L. 26 tal-2018.

135. (1) L-entitajiet kontraenti li beħsiebhom jagħtu kuntratt għas-servizzi msemmija fir-regolament 134 għandhom iħabbru l-intenzjoni tagħhom permezz ta' wieħed minn dawn il-modi:

(a) għal kuntratti pubbliċi b'valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limitu stabbilit taħt il-paragrafu (*ċ*) tal-Iskeda 5:

(i) permezz ta' avviż ta' kuntratt; jew

(ii) permezz ta' avviż perjodiku indikattiv, li għandu jiġi ppubblikat kontinwament. L-avviż perjodiku indikattiv għandu jirreferi b'mod speċifiku għat-tipi ta' servizzi li ser ikunu s-suġġett tal-kuntratti li għandhom jingħataw. Huwa għandu jindika li l-kuntratti ser jingħataw mingħajr aktar pubblikazzjoni u jistieden lil operaturi ekonomiċi interessati biex jesprimu l-interess tagħhom bil-miktub; jew

Miżjud: A.L. 26 tal-2018

(iii) permezz ta' avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika, li għandu jiġi ppubblikat kontinwament; jew

(*b*) għal kuntratti pubbliċi b'valur stmat li jkun inqas mil-limitu imsemmi fil-paragrafu (ċ) tal-Iskeda 5 billi jiġi pubblikat fis-sistema tal-akkwist elettroniku tal-gvern:

Iżda dan il-paragrafu ma għandux japplika meta proċedura nnegozata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel setgħet ġiet użata għall-għotja ta' kuntratt għal servizz pubbliku f'konformità mar-regolament 126.

Avviż dwar għoti ta' kuntratt.

136. Fir-rigward ta' kuntratti pubbliċi b'valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limitu stabbilit taħt il-paragrafu (ċ) tal-Iskeda 5, l-entitajiet kontraenti li taw kuntratt għas-servizzi imsemmija fir-regolament 134 għandhom iħabbru r-riżultati permezz ta' avviż ta' għoti ta' kuntratt. Madankollu huma jistgħu jiġbru dawn l-avviżi fi gruppi fuq bażi trimestrali. F'dak il-każ, għandhom jibgħatu l-avviżi raggruppati fi żmien tletin ġurnata minn tmiem kull trimestru.

Kompetizzjonjiet u pubblikazzjoni ta' avviżi.

137. (1) L-avviżi imsemmija f'din it-Taqsima għandu jkollhom l-informazzjoni imsemmija fl-Iskeda 17, rispettivament fit-Taqsimiet A, B, Ċ jew D, skont l-avviżi tal-mudell standard. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formoli standard permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

(2) L-avviżi imsemmija f'din it-Taqsima għandhom jiġu ppubblikati f'konformità mar-regolament 66.

Prinċipji tal-għoti ta' kuntratti.

138. (1) L-entitajiet kontraenti għandhom jiddeterminaw fid-dokumenti ta' akkwist rispettivi l-proċeduri li għandhom jiġu applikati b'konnessjoni mal-għoti ta' sejħa għal offerti bla ħsara għal dak li jingħad fir-regolamenti koperti minn din it-Taqsima.

(2) L-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-proċeduri msemmija fis-subregolament (1) jieħdu in konsiderazzjoni adegwatament il-prinċipji ta' trasparenza u trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi.

Rekwiżiti ta' entità kontraenti.

139. (1) L-entitajiet kontraenti jistgħu jieħdu kont il-ħtieġa li jiżguraw il-kwalità, il-kontinwità, l-aċċessibilità, l-aċċessibilità tal-prezz, u d-disponibbiltà, il-komprensività tas-servizzi, il-ħtiġiet speċifiċi ta' kategoriji differenti ta' utenti, inklużi gruppi vulnerabbli u żvantaġġati, l-involviment u s-setgħa tal-utenti u l-innovazzjoni.

(2) L-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-proċeduri identifikati fis-subregolament (1) għandhom ikunu raġonevoli u proporzjonati, b'mod partikolari, il-limiti ta' żmien permessi għall-preżentazzjoni tal-offerti ikunu biżżejjed sabiex jippermettu lill-offerenti jissottomettu offerta.

(3) L-entitajiet kontraenti jistgħu, sabiex jiġu stabbiliti l-proċeduri msemmija f'din it-Taqsima, bla ħsara għal dak imsemmi fir-regolamenti stabbiliti taħt din it-Taqsima, ukoll jiddeċiedu japplikaw ir-regolamenti stabbiliti għal proċeduri oħrajn ta' akkwist

(4) L-entitajiet kontraenti jistgħu jipprovdu wkoll li l-għażla tal-fornitur tas-servizzi għandha ssir abbażi tal-offerta li tirrappreżenta tal-aqwa bilanċ bejn prezz u kwalità, b'kont meħud tal-kriterji tal-kwalità u s-sostenibbiltà għas-servizzi soċjali.

Kuntratti riżervati għal ċerti servizzi.

140. (1) L-entitajiet kontraenti jistgħu jipprovdu li l-entitajiet kontraenti li huma awtoritajiet kontraenti jistgħu jirriżervaw id-dritt għal organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi esklużivament għal dawk is-servizzi ta' saħħa, dawk soċjali u dawk kulturali kif imsemmijin fir-regolament 134, li huma koperti mill-kodiċi CPV 75121000-0, 75122000-7, 75123000-4, 79622000-0, 79624000-4, 79625000-1, 80110000-8, 80300000-7, 80420000-4, 80430000-7, 80511000-9, 80520000-5, 80590000-6, minn 85000000-9 sa 85323000-9, 92500000-6, 92600000-7, 98133000-4, 98133110-8.

(2) Organizzazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) l-objettiv tagħha huwa t-twettiq ta' missjoni ta' servizz pubbliku marbuta mat-twettiq tas-servizzi msemmijin fis-subregolament (1);

(*b*) il-profitti jerġgħu jiġu investiti bil-għan li jinkiseb l-objettiv tal-organizzazzjoni. Fejn il-profitti jkunu mqassma jew jerġgħu jitqassmu, dan għandu jkun ibbażat fuq konsiderazzjonijiet parteċipattivi;

(*ċ*) l-istrutturi tal-ġestjoni jew tas-sjieda tal-organizzazzjoni li qed twettaq il-kuntratt huma bbażati fuq sjieda mill-impjegati jew prinċipji parteċipattivi, jew jeħtieġu l-parteċipazzjoni attiva tal-impjegati, l-utenti jew il-partijiet interessati; u

(*d*) l-organizzazzjoni ma kinitx ingħatat kuntratt għas-servizzi konċernati mill-awtorità kontraenti konċernata skont dan ir-regolament fl-aħħar tliet snin.

Tul tal-kuntratti riżervati.

141. It-tul massimu tal-kuntratt ma għandux ikun aktar minn tliet snin.

Dmir sabiex isir referenza għal din il-Parti.

142. Is-sejħa għal kompetizzjoni maħruġa taħt dan it-titolu għandha tagħmel referenza għar-regolamenti f'din it-Taqsima.

Taqsima V
Aggregazzjoni ta' Akkwist

Ftehim qafas.

143. L-entitajiet kontraenti jistgħu jikkonkludu ftehim qafas, jekk japplikaw il-proċeduri previsti f'dawn ir-regolament

Terminu.

144. It-terminu ta' ftehim qafas ma għandux jaqbeż it-tmien snin, għajr f'każijiet eċċezzjonali debitament iġġustifikati, b'mod partikolari mis-suġġett tal-ftehim qafas.

Għoti abbażi ta' regoli u kriterji oġġettivi.

145. (1) Il-kuntratti bbażati fuq ftehim qafas għandhom jingħataw abbażi ta' regoli u kriterji oġġettivi, li jistgħu jinkludu l-ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni fost dawk l-operaturi ekonomiċi li huma parti mil-ftehim qafas kif konkluż. Dawn ir-regoli u l-kriterji għandhom jiġu stabbiliti fid-dokumenti tal-akkwist għall-ftehim qafas.

(2) Ir-regoli u l-kriterji oġġettivi għandhom jiżguraw trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi li huma partijiet għall-ftehim. Fejn huwa inkluż ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni, l-entitajiet kontraenti għandhom jiffissaw limitu ta' żmien li huwa twil biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jiġu sottomessi offerti għal kull kuntratt speċifiku u l-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu kull kuntratt lill-offerent li ssottometta l-aħjar offerta fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-ftehim qafas.

Użu ta' ftehim qafas.

146. L-entitajiet kontraenti ma għandhomx jużaw il-ftehim qafas b'mod skorrett jew b'tali mod li jipprevjenu, jillimitaw jew jgħawġu l-kompetizzjoni.

Sistemi dinamiċi ta' xiri.

147. (1) Għal xiri użat b'mod komuni, li l-karatteristiċi tiegħu, kif ġeneralment ikunu disponibbli fis-suq, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-entitajiet kontraenti, huma jistgħu jużaw sistema dinamika ta' xiri.

(2) Is-sistema dinamika ta' xiri għandha tiġi operata bħala proċess kompletament elettroniku u għandha tkun miftuħa matul il-perjodu ta' validità tas-sistema tax-xiri għal kull operatur ekonomiku li jissodisfa l-kriterji tal-għażla.

(3) Hija tista' tiġi diviża f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi li huma definiti oġġettivament fuq il-bażi ta' karatteristiċi tal-akkwist li għandhom jitwettqu taħt il-kategorija kkonċernata. Dawn il-karatteristiċi jistgħu jinkludu referenza għad-daqs massimu permissibbli tal-kuntratti speċifiċi sussegwenti jew għal żona ġeografika speċifika li fiha ser jitwettqu kuntratti speċifiċi sussegwenti.

Regoli applikabbli. *A.L. 26 tal-2018.*

148. (1) Sabiex isir akkwist skont sistema dinamika ta' xiri, l-entitajiet kontraenti għandhom isegwu r-regoli tal-proċedura ristretta.

(2) Il-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla għandhom jitħallew jużaw is-sistema, f'konformità ma r-regolament 165(2) in-numru ta' kandidati li għandhom jiġu ammessi għas-sistema ma

għandux ikun limitat. Meta l-entitajiet kontraenti jkunu ddividew is-sistema f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi f'konformità mas-subregolament (1), huma għandhom jispeċifikaw il-kriterji tal-għażla applikabbli għal kull kategorija.

(3) Minkejja d-dispożizzzjonijet tar-regolamenti 93 sa 96, għandhom japplikaw il-limiti ta' żmien li ġejjin:

(*a*) il-limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni għandu jiġi ffissat għal mhux inqas minn tletin ġurnata mid-data li fiha jintbagħat l-avviż ta' kuntratt lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew, fejn tiġi pubblikata sejħa għal kompetizzjoni jew, fejn jintuża avviż perjodiku indikattiv bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni, l-istedina għall-konferma tal-interess intbagħtet u fl-ebda eventwalità ma jista' jkun ta' inqas minn ħmistax-il jum skont il-każ. L-ebda limitu ta' żmien ulterjuri għar-riċevuta ta' talbiet għall-parteċipazzjoni ma għandu japplika ladarba tkun intbagħtet l-istedina għal offerta għall-ewwel akkwist speċifiku skont is-sistema dinamika ta' xiri; *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

(*b*) l-limitu minimu ta' żmien għar-riċevuta tal-offerti għandu jkun tal-inqas għaxart ijiem mid-data li fiha tintbagħat l-istedina għall-offerta. Id-dispożizzzjonijet tar-regolament 96 għandhom japplikaw.

149. Il-komunikazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sistema dinamika ta' xiri għandhom isiru biss b'mezzi elettroniċi f'konformità mar-ir-regolament 70(1) sa (6), (8) u (10) sa (14). Komunikazzjoni.

150. (1) Għall-finijiet tal-għoti ta' kuntratti taħt sistema dinamika ta' xiri, l-entitajiet kontraenti għandhom: Obbligi tal-awtoritajiet kontraenti.

(*a*) jippubblikaw sejħa għal kompetizzjoni billi jagħmluha ċara li hemm sistema dinamika ta' xiri involuta;

(*b*) jindikaw fid-dokumenti ta' akkwist, mill-inqas in-natura u l-kwantità stmata tax-xiri previst, kif ukoll l-informazzjoni kollha meħtieġa li tikkonċerna s-sistema dinamika ta' xiri inklużi kif joperaw is-sistema dinamika ta' xiri, it-tagħmir elettroniku użat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet ta' konnessjonijiet tekniċi;

(*ċ*) jindikaw kwalunkwe diviżjoni f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi u l-karatteristiċi li jiddefinixxuhom;

(*d*) joffru aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, sakemm is-sistema tkun valida, għad-dokumenti tal-akkwist f'konformità mar-regolament 72.

(2) L-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu lil kwalunkwe operatur ekonomiku, matul il-perjodu kollu ta' validità tas-sistema dinamika ta' xiri, il-possibilità li jagħmlu talba sabiex jipparteċipaw fis-sistema taħt il-kundizzjonijiet imsemmija fir-regolament 148.

(3) L-entitajiet kontraenti għandhom jiffinalizzaw l-evalwazzjoni tagħhom ta' talbiet taħt is-subregolment (2) skont il-kriterji tal-għażla fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol wara r-riċevuta tagħhom.

(4) Dik l-iskadenza fis-subregolament (3) tista' tiġi estiża għal ħmistax-il jum ta' xogħol f'każijiet individwali meta jkun iġġustifikat, b'mod partikolari minħabba l-ħtieġa li tiġi eżaminata dokumentazzjoni addizzjonali jew b'xi mod ieħor issir verifika dwar jekk il-kriterji tal-għażla ġewx issodisfati.

(5) Minkejja s-subregolamenti (2), (3) u (4), sakemm ma tkunx intbagħatet l-istedina għall-offerti għall-ewwel akkwist speċifiku taħt is-sistema dinamika ta' xiri, l-entitajiet kontraenti jistgħu jestendu l-perjodu ta' evalwazzjoni sakemm ma tkun ħarġet l-ebda stedina għall-offerti matul il-perjodu estiż ta' evalwazzjoni. L-entitajiet kontraenti għandhom jindikaw fid-dokumenti tal-akkwist it-tul tal-perjodu estiż li huma bi ħsiebhom japplikaw.

(6) L-entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu lill-operatur ekonomiku kkonċernat malajr kemm jista' jkun dwar jekk ġiex ammess fis-sistema dinamika ta' xiri jew le.

(7) L-entitajiet kontraenti għandhom jistiednu lill-parteċipanti ammessi kollha sabiex jippreżentaw offerta għal kull akkwist speċifiku taħt is-sistema dinamika ta' xiri, f'konformità mar-ir-regolament 73. Fejn is-sistema dinamika ta' xiri tkun ġiet diviża f'kategoriji ta' xogħlijiet, prodotti jew servizzi, l-entitajiet kontraenti għandhom jistiednu lill-parteċipanti kollha li jkunu ġew ammessi fil-kategorija li tikkorrispondi għall-akkwist speċifiku kkonċernat sabiex jippreżentaw offerta.

(8) Huma jagħtu l-kuntratt lill-offerent li ppreżenta l-aqwa offerta fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti stabbiliti fl-avviż ta' kuntratt għas-sistema dinamika ta' xiri jew, fejn il-mezz għas-sejħa għal kompetizzjoni huwa avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifiki, fl-istedina għall-offerti. Fejn adatt, dawn il-kriterji jistgħu jiġu fformulati bi preċiżjoni akbar fl-istedina għall-offerti.

Awtodikjarazzjoni aġġornata.

151. (1) L-entitajiet kontraenti li, f'konformità mar-regolament 164 japplikaw raġunijiet għal esklużjoni u kriterji tal-għażla previsti fir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku, jistgħu, fi kwalunkwe mument matul il-perjodu ta' validità tas-sistema dinamika ta' xiri, jirrikjedu lill-parteċipanti ammessi jippreżentaw awtodikjarazzjoni mġedda u aġġornata kif previst fir-regolament 225 ta' dawk ir-regolamenti, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data li fiha tintbagħat dik it-talba.

L.S. 601.03

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 228 u 229 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għandhom japplikaw matul il-perjodu kollu ta' validità tas-sistema dinamika ta' xiri.

perjodu ta' validità.

152. L-entitajiet kontraenti għandhom jindikaw il-perjodu ta' validità tas-sistema dinamika ta' xiri fis-sejħa għal kompetizzjoni. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla fil-perjodu ta' validità, billi jużaw il-formoli standard li ġejjin:

(*a*) fejn il-perjodu ta' validità jinbidel mingħajr ma tiġi mwaqqfa s-sistema, il-formola użata iniżjalment għas-sejħa għal kompetizzjoni għas-sistema dinamika ta' xiri;

(*b*) fejn is-sistema tiġi tterminata, avviż dwar għoti ta' kuntratt imsemmi fir-regolament 65.

Tariffi.

153. Ma tista' tiġi imposta l-ebda tariffa qabel jew waqt il-perjodu ta' validità tas-sistema dinamika ta' xiri fuq l-operaturi ekonomiċi interessati fis-sistema dinamika ta' xiri jew li jkun parti għaliha.

Ikanti elettroniċi.

154. L-entitajiet kontraenti jistgħu jużaw irkantijiet elettroniċi li fihom jiġu ppreżentati prezzijiet ġodda, riveduti 'l isfel, u, jew valuri ġodda li jikkonċernaw ċerti elementi tal-offerti.

Struttura.

155. (1) Għal dan il-fini, l-entitajiet kontraenti għandhom jistrutturaw l-irkant elettroniku bħala proċess elettroniku ripetittiv, li jseħħ wara evalwazzjoni inizjali sħiħa tal-offerti, li jippermetti li dawn jiġu kklassifikati bl-użu ta' metodi ta' evalwazzjoni awtomatiċi.

(2) Ċerti kuntratti ta' servizzi u ċerti kuntratti ta' xogħlijiet li għandhom prestazzjonijiet intellettwali bħala s-suġġett tagħhom, bħad-disinn ta' xogħlijiet, li ma jistgħux jiġu kklassifikati bl-użu ta' metodi awtomatiċi ta' evalwazzjoni, ma għandhomx ikunu s-suġġett ta' rkanti elettroniċi.

Użu ta' irkant elettroniku f'modi oħra ta 'akkwist.

156. (1) Fi proċeduri miftuħa jew proċeduri ristretti jew negozjati b'valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 30(1)(*b*), l-entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li l-għoti ta' kuntratt għandu jiġi preċedut minn irkant elettroniku meta l-kontenut tad-dokumenti tal-akkwist, b'mod partikolari l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, jistgħu jiġu stabbiliti bi preċiżjoni.

(2) Fl-istess ċirkustanzi, irkant elettroniku jista' jsir fil-ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni fost il-partijiet għal ftehim qafas kif previst fir-regolamenti 145 u 146 u dwar il-ftuħ għal kompetizzjoni ta' kuntratti li għandhom jingħataw taħt is-sistema dinamika ta' xiri.

Bażi ta' irkant elettroniku.

157. L-irkant elettroniku għandu jkun ibbażat fuq wieħed mill-elementi tal-offerti li ġejjin

(*a*) biss fuq prezzijiet fejn il-kuntratt jingħata abbażi tal-prezz biss,

(*b*) fuq prezzijiet u, jew il-valuri l-ġodda tal-karatteristiċi tal-offerti indikati fid-dokumenti tal-akkwist, fejn il-kuntratt jingħata abbażi tal-aħjar relazzjoni bejn il-prezz u l-kwalità jew lill-offerta bl-aktar prezz baxx meta jintuża approċċ tal-kosteffikaċja

Żvelar.
Sostitwit: A.L. 26 tal-2018.

158. Entitajiet kontraenti li jiddeċiedu li jorganizzaw irkant elettroniku għandhom jiddikjaraw dan il-fatt fl-avviż ta' kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess jew, fejn jintuża avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifiki bħala mezz għas-sejħa għal kompetizzjoni, fl-istedina għall-offerti. Id-dokumenti tal-akkwist għandhom jinkludu tal-inqas l-informazzjoni stipulata fl-Iskeda 8.

Evalwazzjoni inizjali,

159. Qabel ma jipproċedu bl-irkant elettroniku, l-entitajiet kontraenti għandhom jagħmlu evalwazzjoni inizjali sħiħa tal-offerti skont il-kriterju jew il-kriterji tal-għoti u skont l-ippeżar stabbilit għalihom.

Ammissibbiltà ta' offerti.

160. (1) Offerta għandha tkun meqjusa ammissibbli meta tkun ġiet sottomessa minn offerent, li ma kienx ġie eskluż skont ir-regolamenti

164(1) jew 165(1) u li jissodisfa l-kriterji tal-għażla stipulati mir-regolamenti 164(1) jew 165(1), u li l-offerta tiegħu tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mingħajr ma tkun irregolari jew mhux aċċettabbli jew mhux adatta.

(2) B'mod partikolari, offerti li ma jikkonformawx mad-dokumenti ta' akkwist, li jkunu waslu tard, meta jkun hemm prova ta' kollużjoni jew korruzzjoni, jew li jkunu nstabu mill-entità kontraenti bħala anormalment baxxi, għandhom jitqiesu irregolari. B'mod partikolari, offerti ppreżentati minn offerenti li ma għandhomx il-kwalifiki mitluba, u offerti li l-prezz tagħhom jeċċedi l-baġit tal-entità kontraenti kif determinat u dokumentat qabel it-tnedija tal-proċedura tal-akkwist għandhom jitqiesu inaċċettabbli.

(3) Offerta għandha tkun meqjusa bħala mhux adatta meta hija irrilevanti għall-kuntratt, minħabba li b'mod ċar mhijiex kapaċi, mingħajr bidliet sostanzjali, li tissodisfa l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-entità kontraenti kif speċifikat fid-dokumenti tal-akkwist. Talba għall-parteċipazzjoni għandha tiġi meqjusa mhux adatta meta l-operatur ekonomiku kkonċernat għandu jew jista' jkun eskluż f'konformità mar-regolamenti 164(1) jew 165(1), jew ma jissodisfax il-kriterji tal-għażla stipulati mill-entità kontraenti.

Stedina għal offerti ammissibbli.

161. (1) L-offerenti kollha li jkunu ppreżentaw offerti ammissibbli għandhom jiġu mistiedna b'mod simultanju b'mezzi elettroniċi sabiex jipparteċipaw fl-irkant elettroniku billi jintużaw, mid-data u l-ħin speċifikati, il-konnessjonijiet skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-istedina. L-irkant elettroniku jista' jseħħ f'għadd ta' fażijiet suċċessivi. L-irkant elettroniku ma għandux jibda qabel jumejn ta' xogħol wara d-data li fiha ntbagħtu l-istediniet.

(2) L-istedina għandha tkun akkumpanjata mir-riżultat tal-evalwazzjoni sħiħa tal-offerta rilevanti, imwettqa skont l-ippeżar speċifikat fir-regolament 170(7), (8), (9).

(3) L-istedina għandha tiddikjara wkoll l-istat tal-formula matematika li għandha tintuża fl-irkant elettroniku sabiex jiġu determinati l-klassifikazzjonijiet awtomatiċi l-ġodda fuq il-bażi tal-prezzijiet il-ġodda u, jew il-valuri l-ġodda sottomessi. Ħlief fejn tiġi identifikata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża abbażi tal-prezz biss, dik il-formula għandha tinkorpora l-ippeżar tal-kriterji kollha stabbiliti sabiex tiġi determinata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, kif indikat fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni jew fid-dokumenti tal-akkiwst l-oħra. Madanakollu, għal dak il-fini, kwalunkwe medda għandha titnaqqas minn qabel għal valur speċifikat.

(4) Fejn huma awtorizzati varjanti, għandha tingħata formula separata għal kull varjant.

Komunikazzjoni.

162. Matul kull fażi ta' rkant elettroniku l-entitajiet kontraenti għandhom jikkomunikaw minnufih lill-offerenti kollha biżżejjed informazzjoni sabiex ikunu jistgħu jaċċertaw ruħhom mill-klassifikazzjonijiet relattivi f'kull mument. Jistgħu jikkomunikaw ukoll informazzjoni oħra rigward prezzijiet jew valuri oħra ppreżentati, dejjem jekk dan ikun iddikjarat fl-ispeċifikazzjonijiet. Fi kwalunkwe

mument, dawn jistgħu jħabbru wkoll in-numru ta' parteċipanti f'dik il-fażi tal-irkant. Madanakollu, fl-ebda każ ma jistgħu jiddivulgaw l-identitajiet tal-offerenti matul kwalunkwe fażi tal-irkant elettroniku.

Għeluq.

163. (1) L-entitajiet kontraenti għandhom jagħlqu irkant elettroniku b'wieħed jew aktar mill-modi li ġejjin:

(*a*) fid-data u l-ħin indikati preċedentement;

(*b*) meta ma jirċevux aktar prezzijiet jew valuri ġodda li jilħqu r-rekwiżiti rigward id-differenzi minimi, jekk qabel dawn iddikjaraw iż-żmien li huma jħallu li jgħaddi wara li jirċievu l-aħħar preżentazzjoni qabel ma jagħlqu l-irkant elettroniku; jew

(*ċ*) meta jkun tlesta n-numru ta' fażijiet tal-irkant identifikati preċedentement.

(2) Meta l-entitajiet kontraenti ikollhom l-intenzjoni li jagħlqu irkant elettroniku skont is-subregolament (1)(*ċ*), possibbilment flimkien mal-arranġamenti stabbiliti fil-punt (*b*) tiegħu, l-istedina għal parteċipazzjoni fl-irkant għandha tindika l-iskeda ta' żmien għal kull fażi tal-irkant.

(3) Wara li jagħlqu irkant elettroniku, l-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu l-kuntratt f'konformità mar-regolament 170 fuq il-bażi tar-riżultati tal-irkant elettroniku.

Taqsima VI
Esklużjoni u *Black Listing* ta' Operaturi Ekonomiċi

Applikabbiltà tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. L.S. 601.03

164. It-Taqsima VI tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

Taqsima VII
Għażla ta' Parteċipanti u Għoti ta' Kuntratti

Kriterji tal-Għażla

Kriterji għal għażla kwalitattiva.

165. (1) L-entitajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu regoli u kriterji oġġettivi ta' esklużjoni u l-għażla ta' offerenti jew kandidati; dawk ir-regoli jew il-kriterji għandhom ikunu disponibbli għall-operaturi ekonomiċi interessati.

(2) Fejn l-entitajiet kontraenti jeħtieġu li jiżguraw bilanċ adatt bejn il-karatteristiċi partikolari tal-proċedura ta' akkwist u r-riżorsi meħtieġa għat-twettiq tagħha, dawn jistgħu, fi proċeduri ristretti jew negozjati, fi djalogi kompetittivi jew fi sħubijiet għall-innovazzjoni, jistabbilixxu regoli u kriterji oġġettivi li jirreflettu din il-ħtieġa u li jippermettu lill-entità kontraenti tnaqqas l-għadd ta' kandidati li ser jiġu mistiedna għall-offerti jew għan-negozjar. Madanakollu, l-għadd ta' kandidati magħżula għandu jieħu kont tal-ħtieġa li tiġi żgurata kompetizzjoni adegwata.

Applikabbiltà tar-regolamenti 217 sa 213 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. L.S. 601.03

166. Ir-regolamenti 217 sa 233 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

Standards ta' garanzija tal-kwalità u tal-ġestjoni ambjentali.

167. (1) L-entitajiet kontraenti għandhom, fejn jesiġu li jiġu pprovduti ċertifikati maħruġin minn korpi indipendenti li jikkonfermaw li l-operatur ekonomiku jikkonforma ma' ċerti standards ta' garanzija tal-kwalità, anke dwar l-aċċessibilità għal persuni b'diżabbiltà, jirreferu għas-sistemi ta' garanzija tal-kwalità bbażati fuq is-sensiela ta' standards Ewropej relevanti ċċertifikati minn korpi akkreditati. Huma għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn. Għandhom ukoll jaċċettaw evidenza oħra ta' miżuri ekwivalenti ta' garanzija tal-kwalità fejn l-operatur ekonomiku kkonċernat ma kellux possibbiltà li jikseb tali ċertifikati fil-limiti ta' żmien rilevanti għal raġunijiet li mhumiex attribwibbli lil dak l-operatur ekonomiku dment li l-operatur ekonomiku jagħti prova li l-miżuri ta' garanzija tal-kwalità jikkonformaw mal-istandards ta' garanziji tal-kwalità meħtieġa.

(2) Meta l-entitajiet kontraenti jesiġu l-produzzjoni ta' ċertifikati mfassla minn korpi indipedenti li jikkonfermaw li l-operatur ekonomiku jikkonforma ma' ċerti sistemi jew standards ta' ġestjoni ambjentali, għandhom jirreferu għas-Sistema ta' Ekoġestjoni u Verifika (EMAS) tal-Unjoni jew għal sistemi ta' ġestjoni ambjentali oħrajn kif rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 jew standards ta' ġestjoni ambjentali oħrajn ibbażati fuq l-istandards Ewropej jew internazzjoni rilevanti minn korpi akkreditati. Huma għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn.

(3) Fejn operatur ekonomiku wera li ma kellux aċċess għaċ-ċertifikati imsemmija fis-subregolament (2), jew li ma għandux possibbiltà li jiksibhom fil-limiti ta' żmien rilevanti għal raġunijiet li mhumiex attribwibbli lil dak l-operatur ekonomiku, l-entità kontraenti għandha taċċetta wkoll evidenza oħra ta' miżuri ta' ġestjoni ambjentali, dment li l-operatur ekonomiku kkonċernat jagħti prova li dawn il-miżuri huma ekwivalenti għal dawk meħtieġa skont is-sistema jew standard ta' ġestjoni ambjentali applikabbli.

Dipendenza fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħrajn. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

168. (1) Fejn ir-regoli u l-kriterji oġġettivi ta' esklużjoni u l-għażla ta' operaturi ekonomici li jitolbu l-kwalifika f'sistema ta' kwalifika jinkludu rekwiżiti relatati mal-kapaċità ekonomika u finanzjarja tal-operatur ekonomiku, jew għall-abbiltajiet tekniċi u professjonali tiegħu, l-operatur ekonomiku jista' fejn ikun meħtieġ joqgħod fuq il-kapaċità ta' entitajiet oħra, irrispettivament min-natura legali tar-rabta bejnu u dawk l-entitajiet. Fir-rigward tal-kriterji relatati mal-kwalifiki edukattivi u professjonali tal-fornitur ta' servizz jew tal-kuntrattur jew dawk tal-persunal maniġerjali tal-impriża jew mal-esperjenza professjonali rilevanti, madankollu, l-operaturi ekonomiċi jistgħu joqogħdu fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra meta l-entitajiet l-oħra jkunu ser iwettqu x-xogħlijiet jew is-servizzi li għalihom huma meħtieġa dawn il-kapaċitajiet. Fejn operatur ekonomiku jrid joqgħod fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, huwa għandu jagħti prova lill-entità kontraenti li dawk ir-riżorsi ser ikunu disponibbli lilu matul il-perjodu tal-validità tas-sistema ta' kwalifika, pereżempju billi jipproduċi impenn minn dawk l-entitajiet għal dan il-għan.

(2) L-entitajiet kontraenti għandhom jivverifikaw jekk l-entitajiet l-oħra li l-operatur ekonomiku jkun ser joqgħod fuq il-kapaċitajiet tagħhom jissodisfawx il-kriterji tal-għażla rilevanti jew jekk ikunx hemm raġunijiet għal esklużjoni jew *black listing*, li jkunu rreferew għaliha l-entitajiet kontraenti. L-entità kontraenti tista' tesiġi li titlob li l-operatur ekonomiku jissostitwixxi entità li fir-rigward tagħha ma jissodisfax kriterju rilevanti ta' għażla jew li hu eskluż jew *black-listed* skont it-Taqsima VI tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. L.S. 601.03

(3) Fejn operatur ekonomiku joqgħod fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra fir-rigward ta' kriterji relatati mal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja, l-entità kontraenti tista' tesiġi li l-operatur ekonomiku u dawk l-entitajiet ikunu responsabbli b'mod konġunt għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

(4) Bl-istess kundizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fir-regolamenti 81 jista' joqgħod fuq il-kapaċitjiet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

(5) Fejn ir-regoli u l-kriterji oġġettivi ta' esklużjoni u tal-għażla ta' kandidati u offerenti fi proċeduri miftuħa, ristretti jew innegozjati, fi djalogi kompetittivi jew fi sħubijiet għall-innovazzjoni jinkludu rekwiżiti relatati mal-kapaċità ekonomika u finanzjarja tal-operatur ekonomiku, jew l-abbiltajiet tekniċi u professjonali tiegħu, l-operatur ekonomiku jista', fejn meħtieġ u għal kuntratt partikolari, joqgħod fuq il-kapaċità ta' entitajiet oħra, irrispettivament min-natura legali tar-rabta bejnu u dawk l-entitajiet. Fir-rigward tal-kriterji relatati mal-kwalifiki edukattivi u professjonali tal-fornitur ta' servizz jew tal-kuntrattur jew dawk tal-persunal maniġerjali tal-impriża jew mal-esperjenza professjonali rilevanti, madankollu, l-operaturi ekonomiċi jistgħu joqogħdu fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra fil-każ biss meta l-entitajiet l-oħra jkunu ser iwettqu x-xogħlijiet jew is-servizzi li għalihom huma meħtiega dawn il-kapaċitajiet. Fejn operatur ekonomiku jrid joqgħod fuq il-kapaċitajiet tal-entitajiet l-oħra, huwa għandu jagħti prova lill-entità kontraenti li r-riżorsi meħtieġa ser ikunu disponibbli lilha, pereżempju billi jipproduċi impenn minn dawk l-entitajiet għal dan il-għan. *Miżjud: A.L. 26 tal-2018.*

(6) L-entitajiet kontraenti għandhom jivverifikaw, f'konformità mar-regolament 166, jekk l-entitajiet l-oħra li l-operatur ekonomiku jkun ser joqgħod fuq il-kapaċitajiet tagħhom jissodisfawx il-kriterji tal-għażla rilevanti jew jekk ikunx hemm raġunijiet għal esklużjoni jew *black-listing*. L-entità kontraenti għandha tesiġi li l-operatur ekonomiku jissostitwixxi entità li ma tosservax kriterju tal-għażla rilevanti, jew li fir-rigward tagħha hemm raġunijiet obbligatorji għal esklużjoni li tkun irreferiet għalihom l-entità kontraenti: *Miżjud: A.L. 26 tal-2018.*

Iżda fejn operatur ekonomiku joqgħod fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra fir-rigward ta' kriterji relatati mal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja, l-entità kontraenti tista' tesiġi li l-operatur ekonomiku u dawk l-entitajiet ikunu responsabbli b'mod konġunt għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt:

Iżda wkoll bl-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fir-regolamenti 80 u 81 jista' joqgħod fuq il-kapaċità ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

Enumerat mill-ġdid: A.L. 26 tal-2018.

(7) Fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet, kuntratti ta' servizzi u operazzjonijiet ta' tqegħid fil-post jew ta' installazzjoni fil-kuntest ta' kuntratt ta' provvista, l-entitajiet kontraenti jistgħu jesiġu li ċerti kompiti importanti jitwettqu direttament mill-offerent stess jew, fejn l-offerta ppreżentata minn grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fir-regolament 30(2), minn parteċipant f'dak il-grupp.

Sistema ta' kwalifika tal-operaturi ekonomiċi

Sostitwit: A.L. 26 tal-2018. Emendat: A.L. 46 tal-2019.

169. (1) L-entitajiet kontraenti li hekk jixtiequ, wara li jiksbu l-approvazzjoni bil-miktub tad-Direttur minn qabel, jistgħu jistabbilixxu u jħaddmu sistema ta' kwalifika tal-operaturi ekonomiċi.

(2) L-entitajiet kontraenti li, wara li jkunu kisbu l-approvazzjoni bil-miktub tad-Direttur minn qabel, jistabbilixxu jew iħaddmu sistema ta' kwalifika għandhom jiżguraw li fil-ħin kollu l-operaturi ekonomiċi jistgħu jitolbu kwalifika.

(3) Is-sistema ta' kwalifika tista' tinvolvi stadji ta' kwalifika differenti.

(4) L-entitajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu regoli u kriterji oġġettivi ta' esklużjoni u l-għażla ta' operaturi ekonomiċi li jitolbu kwalifika u kriterji u regoli oġġettivi għat-tħaddim tas-sistema ta' kwalifika, li jkopru suġġetti bħal l-iskrizzjoni fis-sistema, l-aġġornar perjodiku tal-kwalifiki, f'każ li jkun hemm, u t-tul ta' żmien tas-sistema.

(5) Fejn dawk il-kriterji u r-regoli jinkludu speċifikazzjonijiet tekniċi, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 76 sa 78. Il-kriterji u r-regoli jistgħu jiġu aġġornati kif meħtieġ.

(6) Il-kriterji u r-regoli msemmija fis-subregolamenti (3) sa (5) għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-operaturi ekonomiċi fuq talba tagħhom. Dawk il-kriterji u r-regoli aġġornati għandhom jiġu kkomunikati lill-operaturi ekonomiċi interessati.

(7) Fejn entità kontraenti tqis li s-sistema ta' kwalifika ta' ċerti entitajiet jew korpi oħra tissodisfa r-rekwiżiti tagħha, hi għandha tikkomunika lill-operaturi ekonomiċi interessati l-ismijiet ta' dawk l-entitajiet jew korpi oħra.

(8) Meta sejħa għal kompetizzjoni ssir permezz ta' avviż tal-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika, għandhom jingħataw kuntratti speċifiċi għax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi koperti mis-sistema ta' kwalifika permezz ta' proċeduri ristretti jew proċeduri nnegozjati, li fihom l-offerenti u l-parteċipanti kollha jintgħażlu minn fost il-kandidati diġà kkwalifikati skont din is-sistema.

(9) Kwalunkwe spiża li tiġi addebitata b'rabta mat-talbiet għall-kwalfika jew mal-aġġornar jew il-konservazzjoni ta'

kwalifika diġà miksuba skont is-sistema għandha tkun proporzjonata għall- ispejjeż iġġenerati.

(10) Fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jistabbilixxu sistema ta' kwalifiki skont dan ir-regolament, is-sistema għandha tkun issuġġett ta' avviż kif imsemmi fl-Iskeda 20, li jindika l-għan tas-sistema ta' kwalifiki u kif għandu jsir aċċess għar-regoli rigward itthaddim tagħha.

(11) Entitajiet kontraenti għandhom jindikaw il-perjodu ta' validità tas-sistema ta' kwalifiki fl-avviż dwar l-eżistenza tas-sistema. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar kwalunkwe bidla fil-perjodu ta' validità, billi jużaw il-formoli *standard* li ġejjin:

(*a*) fejn il-perjodu ta' validità jinbidel mingħajr ma tiġi tterminata s-sistema, il-formola għall-avviżi dwar l-eżistenza ta' sistemi ta' kwalifiki;

(*b*) fejn is-sistema tiġi tterminata, avviż dwar għoti ta' kuntratt imsemmi fir-regolament 65.

(12) Għandu jinżamm rekord bil-miktub ta' operaturi ekonomiċi kkwalifikati; dan jista' jinqasam f'kategoriji skont it-tip ta' kuntratt li għalih tkun valida l-kwalifika.

Kriterji tal-għoti ta' kuntratt.

170. (1) Mingħajr peġudizzju għad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi nazzjonali dwar il-prezz ta' ċerti provvisti jew ir-remunerazzjoni ta' ċerti servizzi, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti fuq l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża.

(2) Mill-perspettiva tal-entità kontraenti, l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża għandha tiġi identifikata abbażi tal-prezz jew l-ispiża, bl-użu ta' approċċ kosteffettiv, bħall-kalkolu tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja skont ir-regolament 171, u tista' tinkludi l-aħjar relazzjoni bejn il-prezz u l-kwalità, li għandu jiġi vvalutat abbażi ta' kriterji, li jinkludu aspetti kwalitattivi, ambjentali u, jew soċjali marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni. Dawn il-kriterji jistgħu jinkludu, pereżempju:

(*a*) il-kwalità, inklużi l-mertu tekniku, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, l-aċċessibbiltà, id-disinjar għall-utenti kollha, il-karatteristiċi soċjali, ambjentali u dawk innovattivi u l-kummerċ u l-kundizzjonijiet tiegħu;

(*b*) l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat għat-twettiq tal-kuntratt, fejn il-kwalità tal-persunal assenjat jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-livell tal-prestazzjoni tal-kuntratt; jew

(*ċ*) is-servizz ta' wara l-bejgħ u assistenza teknika, kundizzjonijiet tal-konsenja bħad-data ta' konsenja, il-proċess ta' konsenja u l-perjodu ta' konsenja jew il-perjodu ta' twettiq.

(3) L-element ta' spiża jista' jieħu l-forma ta' prezz jew spiża fissa li abbażi tagħha l-operaturi ekonomiċi jikkompetu fuq il-kriterji tal-

kwalità biss.

(4) Il-kriterji tal-għoti għandhom jitqiesu li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku fejn huma relatati max-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi li għandhom jingħataw taħt dak il-kuntratt fi kwalunkwe aspett u fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inklużi l-fatturi involuti fi:

(*a*) il-proċessi speċifiċi tal-produzzjoni, il-provvista jew il-kummerċ ta' dawk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi; jew

(*b*) proċess speċifiku għal stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

(5) Il-kriterji tal-għoti għandhom jitqiesu li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku ukoll fejn il-fatturi stabbiliti fis-subregolament (4) ma jiffurmawx parti mis-sustanza materjal tagħhom.

(6) Il-kriterji tal-għoti ma għandux ikollhom l-effett li jagħtu lill-entità kontraenti libertà mingħajr restrizzjonijiet għall-għażla. Huma għandhom jiżguraw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni effettiva u għandhom jiġu akkumpanjati mill-ispeċifikazzjonijiet li jippermettu li l-informazzjoni mogħtija mill-offerenti tiġi vverifikata b'mod effettiv sabiex jiġi vvalutat li l-offerti jissodisfaw il-kriterji tal-għoti. F'każ ta' dubju, l-entitajiet kontraenti għandhom jivverifikaw b'mod effettiv il-preċiżjoni tal-informazzjoni u l-evidenza mogħtija mill-offerenti.

(7) L-entità kontraenti għandha tispeċifika fid-dokumenti tal-akkwist, il-piż relattiv li hi tagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula sabiex tiddetermina l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża; għajr meta din tkun identifikata abbażi tal-prezz biss.

(8) Dak l-ippeżar jista' jingħata billi tiġi pprovduta medda b'firxa massima adatta.

(9) Fejn għal raġunijiet oġġettivi l-ippeżar mhuwiex possibbli, l-entità kontraenti għandha tindika l-kriterji f'ordni dixxendentali ta' importanza.

(10) L-ippeżar relattiv jew l-ordni ta' importanza għandhom jiġi speċifikati, fejn xieraq, fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni, fl-istedina biex jiġi kkonfermat l-interess, fl-istedina għal offerta jew ta' negozjar, jew fl-ispeċifikazzjonijiet.

Spejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja.

171. (1) L-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja għandhom, sa fejn ikun rilevanti, ikopru l-ispejjeż kollha li ġejjin jew partijiet minnhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott, servizz jew xogħlijiet:

(*a*) spejjeż li jaqgħu fuq l-entità kontraenti jew utenti oħra, bħal:

(i) spejjeż relatati mal-akkwist;

(ii) spejjeż tal-użu, bħal konsum tal-enerġija u riżorsi oħra;

(iii) spejjeż tal-manutenzjoni;

(iv) spejjeż ta' tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja, bħall-ġbir u l-ispejjeż tar-reċiklaġġ;

(*b*) spiża attribwita lil esternalitajiet ambjentali marbuta mal-

prodott, is-servizz jew ix-xogħlijiet matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, dment li l-valur monetarju tagħhom jista' jiġi ddeterminat u vverifikat; tali spejjeż jistgħu jinkludu l-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa oħra u spejjeż oħrajn tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

(2) Meta entitajiet kontraenti jivvalutaw l-ispejjeż permezz ta' approċċ tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja, huma għandhom jindikaw fid-dokumenti tal-akkwist id-data li għandha tingħata mill-offerenti u l-metodu l-entità kontraenti li ser tuża biex tiddetermina l-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja abbażi ta' dik id-dejta.

(3) Il-metodu użat għall-evalwazzjoni tal-ispejjeż attribwiti lil esternalitajiet ambjentali għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) ikun ibbażat fuq kriteriji li jistgħu jiġu vverifikati oġġettivament u mingħajr diskriminazzjoni. B'mod partikolari, fejn ma ġiex stabbilit għal applikazzjoni ripetuta jew kontinwa, ma għandux jiffavorixxi jew jiżvantaġġa mingħajr ġustifikazzjoni lil ċerti operaturi ekonomiċi;

(*b*) ikun aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha;

(*ċ*) id-dejta mitluba tista' tingħata bi sforz raġonevoli minn operaturi ekonomiċi normalment diliġenti, inklużi operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi parti għall-FAP jew għal ftehimiet internazzjonali oħra li l-Unjoni hija marbuta bihom.

(4) Kull meta metodu komuni għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja jkun sar obbligatorju minn att leġislattiv tal-Unjoni, dak il-metodu komuni għandu jiġi applikat għall-evalwazzjoni tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja.

(5) Lista ta' metodi komuni għall-kalkolu imsemmija fis-fis-subregolament (4) hija stabbilita fl-Anness XV tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali.

Rapporti individwali dwar proċeduri għall-għoti ta' kuntratti.

172. (1) Dan ir-regolament għandu japplika għal kull kuntratt jew ftehim qafas koperti b'dawn ir-regolamenti, u għal kull darba li sistema dinamika ta' xiri, meta l-valur stmat ta' dawn il-proċeduri jaqa' taħt is-subregolament 30(1)(*b*).

(2) L-entitajiet kontraenti għandhom iżommu l-informazzjoni adatta dwar kull kuntratt jew ftehim qafas kopert b'dawn ir-regolamenti u kull darba li tiġi stabbilita sistema dinamika ta' xiri. Din l-informazzjoni għandha tkun biżżejjed sabiex tagħtihom il-possibilità li aktar tard jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet meħuda marbutin ma':

(*a*) il-kwalifika u l-għażla tal-operaturi ekonomiċi u l-għoti ta' kuntratti;

(*b*) l-użu ta' proċeduri negozjati mingħajr sejħa għal kompetizzjoni permezz tar-regolamenti 124 sa 128;

(*ċ*) in-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regolamenti 14, 34, 39 sa

42, 56 sa 59, 63 sa 69, 69, 71 sa 78, 82 sa 85, 92, 143 sa 150, 154 sa 171 u 174 sa 180 permezz tad-derogi previsti f'dawn ir-regolamenti;

(*d*) fejn meħtieġ, ir-raġunijiet li għalihom intużaw mezzi oħra ta' komunikazzjoni għajr mezzi elettroniċi għall-preżentazzjoni elettronika.

(3) Sakemm l-avviż ta' għoti ta' kuntratt imfassal f'konfomità mar-regolamenti 65 jew 136 ikun fih l-informazzjoni mitluba f'dan ir-regolament, l-entitajiet kontraenti jistgħu jirreferu għal dak l-avviż.

(4) L-entitajiet kontraenti għandhom jiddokumentaw il-progress tal-proċeduri tal-akkwist kollha, kemm jekk il-proċeduri jsiru b'mezzi elettroniċi kif ukoll jekk ma jsirux hekk. Għal dak il-għan, huma għandhom jiżguraw li jżommu dokumentazzjoni biżżejjed biex jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet meħuda fl-istadji kollha tal-proċedura tal-akkwist, bħad-dokumentazzjoni dwar il-komunikazzjoni ma' operaturi ekonomiċi u deliberazzjonijiet interni, it-tħejjija tad-dokumenti tal-akkwist, id-djalogu jew in-negozjati jekk ikun hemm, l-għażla u l-għoti tal-kuntratt. Id-dokumentazzjoni għandha tinżamm minn tal-inqas għal tliet snin mid-data tal-għoti tal-kuntratt.

(5) Ir-rapport, jew l-elementi ewlenin tiegħu, għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni jew lill-awtoritajiet kompetenti, il-korpi jew l-istrutturi fejn dawn jitolbu li jsir hekk.

L-infurmar lill-applikanti għall-kwalifika, kandidati u offerenti.

173. (1) L-entitajiet kontraenti u jew id-Direttur għandhom, skont il-każ, malajr kemm jista' jkun, jinfurmaw lil kull kandidat u offerent bid-deċiżjonijiet li ħadu rigward il-konklużjoni ta' ftehim qafas, l-għoti ta' kuntratt jew ammissjoni għal sistema dinamika ta' xiri, inklużi r-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni li ma jiġix konkluż ftehim qafas, li ma jingħatax kuntratt li għalih tkun saret sejħa għal kompetizzjoni jew li terġa' tinfetaħ il-proċedura, jew li ma tiġix implimentata sistema dinamika ta' xiri.

(2) Fuq talba minn kwalunkwe kandidat jew offerent ikkonċernat, malajr kemm jista' jkun, u f'kull eventwalità fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tasal talba bil-miktub, l-entitajiet kontraenti għandhom jinfurmaw:

(*a*) lil kull kandidat li ma ġiex aċċettat bir-raġunijiet għaċ-ċaħda tat-talba tiegħu għal parteċipazzjoni;

(*b*) lil kull offerent li ma ġiex aċċettat bir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-offerta tiegħu, inklużi, għall-każijiet imsemmija fir-regolament 76(9), (10) u (11), ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha ta' nuqqas ta' ekwivalenza jew għad-deċiżjoni tagħha li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni jew dawk funzjonali;

(*ċ*) lil kull offerent li għamel offerta ammissibbli bil-karatteritsiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta magħżula, kif ukoll l-isem tal-offerenti jew il-partijiet għall-ftehim qafas li ntagħżlu;

(*d*) lil kull offerent li għamel offerta ammissibbli bit-twettiq u l-progress tan-negozjati u d-djalogu mal-offerenti.

(3) L-entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jżommu ċerta informazzjoni msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) dwar l-għoti ta' kuntratt, il-konklużjoni tal-ftehim qafas jew dwar l-ammissjoni għal sistema dinamika ta' xiri għandha tiġi miżmuma fejn ir-rilaxx tagħha ixxekkel l-infurzar tal-liġi jew inkella tmur kontra l-interess pubbliku jew tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' operatur ekonomiku partikolari, pubbliku jew privat, jew li tkun tista' tippreġudika l-kompetizzjoni leali bejn l-operaturi ekonomiċi.

Offerti Baxxi b'mod Anormali u Soluzzjonijiet Varjanti

Offerti Baxxi b'mod anormali. *Emendat: A.L. 196 tal-2020.*

174. (1) L-entitajiet kontraenti għandhom jitolbu lill-operaturi ekonomiċi sabiex jispjegaw il-prezz jew l-ispejjeż proposti fl-offerti, meta jidher li l-offerti huma baxxi b'mod anormali fir-rigward tal-ħidma, il-provvisti jew is-servizzi.

(2) L-ispjegazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (1) jistgħu jkunu relatati b'mod partikolari ma':

(*a*) l-ekonomija tal-proċess ta' manifattura, tas-servizzi pprovduti jew tal-metodu ta' kostruzzjoni;

(*b*) is-soluzzjonijiet tekniċi magħżula jew kwalunkwe kundizzjoni eċċezzjonalment favorevoli disponibbli għall-offerent għall-forniment ta' prodotti jew is-servizzi jew għat-twettiq tax-xogħol;

(*ċ*) l-oriġinalità tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħol proposti mill-offerent;

(*d*) konformità mal-obbligi msemmijin fir-regolament 34(*m*);

(*e*) konformità mal-obbligi msemmijin fir-regolament 83;

(f) il-possibbiltà li l-offerent jikseb għajnuna mill-Istat.

(3) L-entità kontraenti għandha tivvaluta l-informazzjoni pprovduta billi tikkonsulta lill-offerent. Din tista' tiċħad l-offerta biss fejn l-evidenza pprovduta ma tagħtix ġustifikazzjoni sodisfaċenti tal-livell baxx tal-prezz jew tal-ispejjeż proposti, b'kont meħud tal-elementi msemmija fis-subregolament (2).

(4) L-entitajiet kontraenti għandhom jiċħdu l-offerta, fejn ikunu stabbilixxew li l-offerta hija baxxa b'mod anormali għax ma tikkonformax mal-obbligi applikabbli msemmija fir-regolament 34(*m*).

(5) Fejn entità kontraenti tistabbilixxi li offerta hija baxxa b'mod anormali għax l-offerent ikun kiseb għajnuna mill-Istat, l-offerta tista' tiġi miċħuda għal dik ir-raġuni waħedha iżda biss wara konsultazzjoni mal-offerent fejn, fil-limitu ta' żmien suffiċjenti stabbilit mill-entità kontraenti, dan tal-aħħar ma jkunx jista' juri li l-għajnuna inkwistjoni hija kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE. Fejn l-entità kontraenti tiċħad offerta f'dawk iċ-ċirkustanzi, din għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar dan.

Varjanti.

175. (1) Għal offerti li jkollhom valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 30(1)(*b*), l-entitajiet kontraenti jistgħu jawtorizzaw jew jeżiġu l-offerenti jissottomettu varjanti li jilħqu r-rekwiżiti minimi speċifikati mill-entitajiet kontraenti.

(2) Fid-dokumenti tal-akkwist, l-entitajiet kontraenti għandhom jindikaw jekk jawtorizzawx jew jesiġux varjanti u, jekk iva, ir-rekwiżiti minimi li għandhom jiġu milħuqa mill-varjanti u kwalunkwe rekwiżit speċifiku għall-preżentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari jekk il-varjanti jistgħux jiġu ppreżentati biss fejn offerta, li ma tkunx varjant, tkun ġiet ippreżentata wkoll.

(3) Fejn ikunu awtorizzati jew rikjesti varjanti, l-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw ukoll li l-kriterji tal-għoti magħżula jistgħu jiġu applikati għall-varjanti li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti minimi kif ukoll għal offerti li jikkonfermaw li mhumiex varjanti.

(4) Fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista jew kuntratti ta' servizzi, l-entitajiet kontraenti li awtorizzaw jew irrikjedew varjanti ma għandhomx jirrifjutaw varjant fuq il-bażi unika li, jekk jintlaqa', dan iwassal jew għal kuntratt ta' servizz minflok kuntratt ta' provvista jew għal kuntratt ta' provvista minflok kuntratt ta' servizz.

Taqsima VIII

Prestazzjoni tal-Kuntratti u Modifiki

Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratti.

176. L-entitajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet speċjali dwar it-twettiq ta' kuntratt, dment li huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt fit-tifsira tar-regolament 170(4) u (5) u indikati fis-sejħa għal kompetizzjoni jew fid-dokumenti tal-akkwist. Dawk il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, dawk relatati mal-innovazzjoni, ambjentali, soċjali jew dawk relatati mal-impjiegi.

Modifiki.

177. (1) Għal offerti b'valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 30(1) u wara l-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur, l-entità kontraenti tista' tordna modifiki lill-kuntratt mingħajr proċedura ġdida ta' akkwist f'kwalunkwe mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) fejn il-modifiki, irrispettivament mill-valur monetarju tagħhom, ikunu ġew previsti fid-dokumenti inizjali tal-akkwist fi klawsoli ta' reviżjoni ċari, preċiżi u inekwivokabbli, li jistgħu jinkludi klawsoli ta' reviżjoni ta' prezzijiet, jew għażliet. Dawn il-klawsoli għandhom jiddikjaraw il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tal-modifiki jew l-għażliet possibbli kif ukoll il-kundizzjonijiet li skonthom dawn jistgħu jintużaw. Huma ma għandhomx jipprevedu modifiki jew għażliet li jibdlu n-natura ġenerali tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas;

(*b*) għal xogħlijiet, servizzi jew provvisti addizzjonali mill-kuntrattur oriġinali, irrispettivament mill-valur tagħhom, li saru neċessarji u li ma kinux inklużi fl-akkwist inizjali fejn bidla fil-kuntrattur:

(i) ma tistax issir għal raġunijiet ekonomiċi jew tekniċi bħalma huma r-rekwiżiti li tagħmir eżistenti jista' jinbidel ma' xulxin jew l-interoperabbiltà tiegħu, *software*, servizzi jew installazzjonijiet eżistenti akkwistati taħt l-akkwist inizjali; u

(ii) tikkawża inkonvenjenza sinifikanti jew duplikazzjoni sostanzjali tal-ispejjeż għall-entità

kontraenti;

(*ċ*) fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) il-ħtieġa għal modifika nġiebet minħabba ċirkustanzi li entità kontraenti diliġenti ma setgħetx tbassar;

(ii) il-modifika ma tibdilx in-natura ġenerali tal-kuntratt;

(*d*) fejn kuntrattur ġdid jissostitwixxi dak li inizjalment kien ingħata l-kuntratt mill-entità kontraenti bħala konsegwenza ta' wieħed minn dawn:

(i) klawsola ta' reviżjoni jew għażla inekwivoka f'konformità mal-paragrafu (*a*),

(ii) suċċessjoni universali jew parzjali fil-pożizzjoni tal-kuntrattur inizjali, wara ristrutturar korporattiv, inkluż teħid ta' pussess, amalgamazzjoni u akkwist jew insolvenza, ta' operatur ekonomiku ieħor li jissodisfa l-kriterji tal-għażla kwalitattiva stabbiliti inizjalment, dment li dan ma jwassalx għal modifiki sostanzjali oħra għall-kuntratt u ma jkunx immirat lejn iċ-ċirkomvenzjoni tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(iii) f'każ li l-awtorità kontraenti nnifisha tassumi l-obbligi tal-kuntrattur ewlieni lejn is-sottokuntratturi tiegħu;

(*e*) fejn il-modifiki, irrispettivament mill-valur tagħhom, ma jkunux sostanzjali fis-sens tas-subregolament (5):

Iżda meta varjazzjoni b'mod kumulattiv taqbeż l-ammont stabbilit taħt is-subregolment (3), l-entità kontraenti għandha tikseb l-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur.

(2) L-entitajiet kontraenti li jkunu mmodifikaw kuntratt fil-każijiet stabbiliti taħt is-subregolment (1)(*b*) u (*ċ*) għandhom jippubblikaw avviż għal dak il-għan fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dan l-avviż għandu jkun fih l-informazzjoni stipulata fl-Iskeda 15 u jkun ippubblikat f'konformità mar-regolament 78.

(3) Mingħajr l-ebda ħtieġa li jiġi vverifikat jekk il-kundizzjonijiet stipulati taħt is-subregolment (5)(*a*) sa (*d*) humiex sodisfatti, il-kuntratti jistgħu ugwalment jiġu mmodifikati mingħajr ma tkun meħtieġa proċedura ġdida tal-akkwist f'konformità ma' dawn ir-regolamenti fejn il-valur tal-modifika jkun anqas miż-żewġ valuri li ġejjin:

(*a*) il-limiti stabbilit fir-regolament 15; u

(*b*) 10% tal-valur tal-kuntratt inizjali għall-kuntratti ta' servizz u ta' provvista u taħt il-15% tal-valur tal-kuntratt inizjali għall-kuntratti ta' xogħlijiet:

Iżda, il-modifika ma tistax tibdel in-natura ġenerali tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas. Fejn isiru diversi modifiki suċċessivi, il-valur għandu jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-valur kumulattiv nett tal-modifiki suċċessivi.

(4) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-prezzijiet imsemmija fis-

subregolament (3), il-prezz aġġornat għandu jkun il-valur ta' referenza meta l-kuntratt jinkludi klawsoli tal-indiċjar.

(5) Modifika ta' kuntratt jew ta' ftehim qafas matul it-terminu tiegħu għandha titqies bħala sostanzjali skont it-tifsira tas-subregolament (1)(*e*), fejn din twassal li l-kuntratt jew il-ftehim qafas ikun materjalment differenti fin-natura minn dak inizjalment konkluż. Fi kwalunkwe eventwalità, mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (1), (2) u (3), modifika għandha titqies bħala sostanzjali fejn tkun sodisfatta waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) il-modifika tintroduċi kundizzjonijiet li, kieku kienu parti mill-proċedura tal-akkwist inizjali, kienu jippermettu l-ammissjoni ta' kandidati oħra minbarra dawk magħżula inizjalment jew l-aċċettazzjoni ta' offerta oħra minbarra dik aċċettata oriġinarjament jew kienu jattiraw parteċipanti addizzjonali fil-proċedura tal-akkwist;

(*b*) il-modifika tibdel il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas favur il-kuntrattur b'tali mod li ma kienx previst fil-kuntratt jew fil-ftehim qafas inizjali;

(*ċ*) il-modifika testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas b'mod konsiderevoli;

(*d*) fejn kuntrattur ġdid jissostitwixxi dak li inizjalment kien ingħata l-kuntratt mill-entità kontraenti f'każijiet oħra minbarra dawk previsti taħt is-subregolment (1)(*d*).

(6) Proċedura ġdida tal-akkwist f'konformità ma' dawn ir-regolamenti għandha tkun meħtieġa għal modifiki oħra tad-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ta' xogħlijiet, provvista jew servizz jew ftehim qafas matul it-terminu tiegħu minbarra dawk previsti taħt is-subregolamenti (1), (2) u (3).

Approvazzjoni tad-Direttur.

178. (1) Meta modifika ta' offerta b'valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 30(1)(*b*) li b'mod kumulattiv jaqbeż l-ammont stabbilit taħt ir-regolament 177(3) tintalab mill-entità kontraenti, għandha tiġi mitluba l-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur.

(2) F'ċirkustanzi eċċezzjonali fejn in-natura tal-urġenza tal-modifika li għandha ssir tkun tali li l-entità kontraenti ma tistax possibbilment tistenna għall-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur, l-awtorità kontraenti tista' tipproċedi bil-modifika sakemm din tosserva l-kundizzjonijiet imsemmija fir-regolament 177.

Proċedura għall-approvazzjoni ta' mofiki u appelli, L.S. 601.03

179. Ir-regolamenti 248 sa 260 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dan ir-regolamenti.

Tmiem ta' kuntratti.

180. (1) L-entitajiet kontraenti jistgħu itemmu kuntratt matul it-termini tiegħu, meta:

(*a*) il-kuntratt kien soġġett għal modifika sostanzjali li kienet tkun tirrikjedi proċedura ġdida ta' akkwist skont ir-regolament 177;

(*b*) il-kuntrattur kien, fil-mument tal-għoti tal-kuntratt,

f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fit-Taqsima VI tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku u għalhekk kellu jiġi eskluż mill-proċedura tal-akkwist;

(*ċ*) il-kuntratt ma kellux jingħata lill-kuntrattur fid-dawl ta' ksur serju tal-obbligi skont it-Trattati u dawn ir-regolamenti li ġie ddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fi proċedura skont l-Artikolu 258 tat-TFUE;

(*d*) il-kuntrattur jonqos milli jwettaq obbligu li huwa jkun kuntrattat.

(2) Jekk l-awtorità kontraenti ma jkollhiex raġuni valida għat-terminazzjoni, hija għandha tikkumpensa lill-kuntrattur l-ispejjeż u x-xogħol kollu tiegħu u tħallsu s-somma stabbilita mill-qorti, skont iċ-ċirkustanzi, iżda s-somma ma għandhiex taqbeż is-somma tal-profitti li l-kuntrattur seta' jagħmel mill-kuntratt.

(3) Jekk l-awtorità kontraenti jkollha raġuni valida għat-tmiem, hija għandha tħallas lill-kuntrattur, dik is-somma biss li ma ta taqbiżx l-ispejjeż u x-xogħol attwali ppruvati tal-kuntrattur.

(4) Kull ħlas li jkun sar bil-quddiem lill-kuntrattur qabel it-tmien tal-kuntratt għandu jiġu applikat għas-somma dovuta skont is-subregolamenti (2) jew (3) u l-kuntrattur għandu jrodd lura lill-awtorità kontraenti kull żejjed li jibqa'.

(5) Il-kuntratt għandu jintemm immedjatament meta l-awtorità kontraenti tinforma lill-kuntrattur, b'kull mezz li jkun, tad-deċiżjoni tagħha biex itemm il-kuntratt, u dan mingħajr il-ħtieġa ta' xi awtorizzazzjoni u konferma minn xi qorti jew Bord.

Taqsima IX

Rimedji

Rimedji. L.S. 601.03

181. It-Taqsima IX tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku għandha, *mutatis mutandis,* tapplika għal dawn ir-regolamenti.

Skeda 1

Lista ta' Attivitajiet imniżżla fil-paragrafu (a) tat-tifsira tal-fraži Kuntratti ta' Xogħlijiet

Fil-każ ta' kwalunkwe differenza fl-interpretazzjoni bejn is-CPV u n-NACE, għandha tapplika n-nomenklatura CPV.

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
45			Kostruzzjoni	Din id-diviżjoni tinkludi: Kostruzzjoni ta' bini ġdid u xogħlijiet, restawrar u tiswijiet komuni.	45000000
	45.1		Preparazzjoni tas-sit		45100000
		45.11	Demolizzjoni u tifrik ta' bini; ċaqliq ta' terrepien	Din il-klassi tinkludi: - demolizzjoni ta' bini u strutturi oħrajn, - tindif ta' siti ta' bini, - skavar, mili ta' art, livellar u gradazzjoni ta' siti ta' kostruzzjoni, tħaffir ta' trinek, tneħħija ta' blat, sparar ta' furnelli, eċċ. - preparazzjoni ta' sit għat-tħaffir ta' minjieri: - tneħħija tal-materjal tal-wiċċ u żviluppi u preparamenti oħrajn ta' proprjetajiet u siti minerali. Din il-klassi tinkludi wkoll: - drenaġġ tas-sit tal-bini. - drenaġġ ta' art agrikola jew imsaġġra.	45110000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.12	Tħaffir u titqib bi prova	Din il-klassi tinkludi: - tħaffir bi prova, titqib bi prova u teħid ta' kampjuni għal skopijiet ta' kostruzzjoni, ġeofiżiċi, ġeoloġiċi jew simili. Din il-klassi teskludi: - tħaffir ta' bjar tal-produzzjoni taż-żejt jew tal-gass, ara 11.20. - tħaffir ta' bjar tal-ilma, ara 45.25, - tħaffir ta' xaftijiet, ara 45.25, - esplorazzjoni ta' baċir taż-żejt u tal-gass, stħarriġ ġeofiżiku, ġeoloġiku u siżmiku, ara 74.20.	45120000
	45.2		Bini ta' kostruzzjonijiet sħaħ jew partijiet tagħhom; inġinerija ċivili		45200000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.21	Kostruzzjoni ġenerali tal-bini u xogħlijiet tal-inġinerija ċivili	Din il-klassi tinkludi: - kostruzzjoni tat-tipi kollha ta' bini kostruzzjonijiet ta' inġinerija ċivili, - pontijiet, inklużi dawk għal awtostradi elevati, vijadotti, mini u passaġġi taħt it-triq, - linji ta' pajpijiet fit-tul, linji tal-komunikazzjoni u tal-enerġija, - linji ta' pajpijiet urbani, linji urbani ta' komunikazzjoni u tal-enerġija, - xogħlijiet urbani anċillari, - assemblaġġ twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati fuq is-sit. Din il-klassi teskludi: - attivitajiet ta' servizz inċidentali għall-estrazzjoni taż-żejt u l-gass, ara 11.20, - twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati sħaħ minn partijiet awtomanifatturati mhux tal-konkrit, ara d-diviżjonijiet 20, 26 u 28, - xogħol ta' kostruzzjoni, minbarra bini, għal stadji, pixxini tal-għawm, ġinnażji, kampijiet tat-tenis, korsijiet tal-golf u installazzjonijiet sportivi oħra, ara 45.23, - installazzjonijiet ta' bini, ara 45.3, - kompletar ta' bini, ara 45.4, - attivitajiet arkitettoniċi u ta' inġinerija, ara 74.20, - ġestjonita'proġettigħal kostruzzjoni, ara 74.20.	45210000 Ħlief: – 45213316 45220000 45231000 45232000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.22	Tqegħid ta' għata u kostruzzjoni ta' oqfsa tas-soqfa tal-bini	Din il-klassi tinkludi: - bini ta' bjut, - kisi ta' bjut, - issiġillar mill-ilma.	45261000
		45.23	Kostruzzjoni ta' awtostradi, toroq, ajruporti u faċilitajiet tal-isport	Din il-klassi tinkludi: - kostruzzjoni ta' awtostradi, toroq, toroq prinċipali u mogħdijiet oħra għall-vetturi u għall-mixi, - kostruzzjoni ta' binarji tal-ferrovija, - kostruzzjoni ta' *runways* għall-ajruplani, - xogħol ta' kostruzzjoni, minbarra bini, għal stadji, pixxini tal-għawm, ġinnażji, kampijiet tat-tenis, korsijiet tal-golf u installazzjonijiet sportivi oħra, - żbigħ ta' marki fuq uċuh tat-toroq u parkeġġi tal-karozzi. Din il-klassi teskludi: - ċaqliq preliminari ta' terrapien, ara 45.11.	45212212 u DA03 45230000 ħlief: – 45231000 – 45232000 – 45234115
		45.24	Kostruzzjoni ta' proġetti tal-ilma	Din il-klassi tinkludi - kostruzzjoni ta': - mogħdijiet tal-ilma, xogħlijiet f'portijiet u xmajjar, portijiet tad-divertiment (marini), mekkaniżmi tad-diżlivelli fix-xmajjar, eċċ., - digi, - tħammil, - xogħol taħt il-wiċċ.	45240000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.25	Xogħol ieħor ta' kostruzzjoni li jinvolvi snajja' speċjali	Din il-klassi tinkludi: - attivitajiet ta' kostruzzjoni li jispeċjalizzaw f'aspett wieħed komuni għal tipi differenti ta' strutturi, li jeħtieġu sengħa jew apparat speċjalizzat, - kostruzzjoni ta' pedamenti, inkluż tismir ta' pil-aħħarri fl-art, - tħaffir u kostruzzjoni ta' bjar tal-ilma, tħaffir ta' xaftijiet, - twaqqif ta' elementi tal-azzar mhux awtomanifatturati, - tagħwiġ tal-azzar, - tqegħid ta' brikks u ssettjar ta' ġebel,	45250000 45262000
				- *scaffolds* u armar u żmontar ta' pjattaformi tax-xogħol, inkluż kiri ta' *scaffolds* u pjattaformi tax-xogħol, - twaqqif ta' ċmieni u fran industrijali. Din il-klassi teskludi: - kiri ta' *scaffolds* mingħajr armar u żmontar, ara 71.32	
	45.3		Installazzjoni ta' bini		45300000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.31	Installazzjoni ta' sistemi ta' wajers u fittings tal-elettriku	Din il-klassi tinkludi: installazzjoni fil-bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta': - wajers u attrezzaturi tal-elettriku, - sistemi tat-telekomunikazzjoni, - sistemi ta' tisħin bl-elettriku, - antenni u aerials residenzali, - sistemi ta' allarm tan-nirien, - sistemi ta' allarm kontra s-serq, - liftijiet u eskalejters, - kalamiti tas-sajjetti, eċċ.	45213316 45310000 Ħlief: – 45316000
		45.32	Attivitajiet ta' xogħol ta' iżolazzjoni	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta' iżolament għas-sħana, il-ħsejjes jew il-vibrazzjoni. Din il-klassi teskludi: - issiġillar mill-ilma, ara 45.22.	45320000
		45.33	Sistema ta' pajpijiet tal-ilma	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta': - tagħmir idrawliku u sanitarju, - attrezzaturi tal-gass, - tagħmir u tubi għat-tisħin, il-ventilazzjoni, ir-refriġerazzjoni jew l-ikkundizzjonar tal-arja, - sistemi ta' tbexxix.	45330000
				Din il-klassi teskludi: - installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin bl-elettriku, ara 45.31.	

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.34	Installazzjoni oħra fil-bini	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni ta' sistemi ta' illuminazzjoni u sinjalar għal toroq, ferroviji, ajruporti u portijiet, - installazzjoni f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta' attrezzaturi u montaġġi mhux klassifikati xi mkien ieħor	45234115 45316000 45340000
	45.4		Kompletar tal-bini		45400000
		45.41	Tikħil	Din il-klassi tinkludi: - applikazzjoni f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta' kisi jew tikħil ta' ġewwa u ta' barra, inkluż materjal tal-injam relatat.	45410000
		45.42	Installazzjonijiet mill-mastrudaxxa	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni ta' bibien, twieqi, ċaċċiż tal-bibien u tat-twieqi, kċejjen tal-qies, turġien, armaturi tal-ħwienet u ħwejjeġ simili, mhux awtomanifatturati, tal-injam jew ta' materjal ieħor, - kompletar ta' ġewwa bħal soffitti, kisjiet tal-injam tal-ħitan, ħitan diviżorji mobbli, eċċ. Din il-klassi teskludi: - it-tqegħid ta' parkett u kisi ieħor tal-injam tal-art, ara 45.43.	45420000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.43	Kisi tal-art u l-ħajt	Din il-klassi tinkludi: - tqegħid, kisi bil-madum, dendil jew immontar f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta': - madum tal-ħitan jew tal-art taċ-ċeramika, tal-konkrit jew tal-ġebel maqtugħ, - parkett u kisi ieħor tal-art bl-injam, tapiti u kisi tal-art bil-linolju, - inkluż tal-gomma jew tal-plastik, - kisi tal-art jew tal-ħitan bit-terrazzo, l-irħam, il-granit jew bil-lavanja, - karti tal-ħitan.	45430000
		45.44	Tpinġija u tqegħid tal-ħġieġ fit-twieqi	Din il-klassi tinkludi: - żebgħa minn ġewwa u minn barra ta' bini, - żebgħa ta' strutturi tal-inġinerija ċivili, - installazzjoni ta' ħġieġ, mirja, eċċ. Din il-klassi teskludi: - installazzjoni ta' twieqi, ara 45.42,	45440000
		45.45	Kompletar ta' bini ieħor	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni ta' pixxini tal-għawm privati, - tindif bil-fwar, sand bl-aħħaring u attivitajiet similari fuq barra tal-bini, - kompletar ieħor ta' bini u xogħol ta' rfinar mhux klassifikat xi mkien ieħor Din il-klassi teskludi: - tindif minn ġewwa ta' bini u strutturi oħra, ara 74.70.	45212212 u DA04 45450000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
	45.5		Kiri ta' apparat tal-kostruzzjoni jew demolizzjoni bl-operatur		45500000
		45.50	Kiri ta' apparat tal-kostruzzjoni jew demolizzjoni bl-operatur	Din il-klassi teskludi: - kiri ta' makkinarju u apparat għal kostruzzjoni jew demolizzjoni mingħajr operaturi, ara 71.32.	45500000

Skeda 2

Lista ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni
[Regolament 2(4)]

Drittijiet li ngħataw permezz ta' proċedura li fiha ġiet żgurata pubbliċità adegwata u fejn l-għoti ta' dawk id-drittijiet kien ibbażat fuq kriterji oġġettivi ma jikkostitwixxux "drittijiet speċjali jew esklużivi" fis-sens tar-regolament 2(4). Dawn li ġejjin huma proċeduri, li jiżguraw trasparenza adegwata minn qabel, għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet fuq il-bażi ta' atti legali oħra tal-Unjoni li ma jikkostitwixxux "drittijiet speċjali jew esklużivi" fit-tifsira tar-regolament 2(4):

(*a*) l-għoti ta' awtorizzazzjoni sabiex jitħaddmu installazzjonijiet tal-gass naturali skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/73/KE;

(*b*) awtorizzazzjoni jew stedina għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' installazzjonijiet tal-produzzjoni elettrika ġodda skont id-Direttiva 2009/72/KE;

(*ċ*) l-għoti, skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 97/67/KE, ta' awtorizzazzjonijiet fir-rigward ta' servizz postali li mhuwiex jew li ma għandux jiġi riżervat;

(*d*) proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attività li tinvolvi l-użu ta' idrokarboni skont id-Direttiva 94/22/KE;

(*e*) kuntratti pubbliċi ta' servizzi skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 għall-forniment ta' servizzi pubbliċi ta' trasport tal-passiġġieri b'karozzi tal-linja, trammijiet, ferrovija jew metro, li ngħataw abbażi ta' proċedura kompetittiva ta' offerti f'konformità mal-Artikolu 5(3) tiegħu, dment li t-tul tagħhom jikkonforma mal-Artikolu 4(3) jew (4) ta' dak ir-Regolament.

Skeda 3

Lista ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni
[Regolament 24(5) u (6)]

A. Trasport jew distribuzzjoni ta' gass jew tisħin

Id-Direttiva 2009/73/UE

B. Produzzjoni, trasmissjoni jew distribuzzjoni ta' enerġija elettrika

Id-Direttiva 2009/72/UE

C. Produzzjoni, trasport jew distribuzzjoni ta' ilma għax-xorb

[Ebda entrata]

D. Entitajiet kontraenti fil-qasam tas-servizzi tal-ferroviji

Trasport tal-Merkanzija bil-Ferroviji

Id-Direttiva 2012/34/UE

Trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-ferroviji

Id-Direttiva 2012/34/UE

Trasport nazzjonali tal-passiġġieri bil-ferroviji

[Ebda entrata]

E. Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' servizzi urbani tal-ferrovija, tat-trammijiet, tat-*trolleybus* jew tal-*motor bus*

[Ebda entrata]

F. Entitajiet kontraenti fil-qasam tas-servizzi postali

Id-Direttiva 97/67/UE

G. Estrazzjoni ta' żejt jew gass

Id-Direttiva 94/22/UE

H. Esplorazzjoni għal u estrazzjoni ta' faħam jew fjuwils solidi oħrajn

[Ebda entrata]

I. Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' portijiet tal-baħar jew interni jew tagħmir ieħor ta' *terminals*

[Ebda entrata]

J. Entitajiet kontraenti fil-qasam tal-installazzjonijiet tal-ajruporti

[Ebda entrata]

Skeda 4

Lista ta' Korpi ta' Xiri Ċentrali

Dipartiment tal-Kuntratti

Emendata:
A.L. 26 tal-2018;
A.L. 196 tal-2020;
A.L. 26 tal-2022;
A.L. 362 tal-2024.

Skeda 5

Valuri ta' Limiti
[Regolament 30(2)]

Il-valuri tal-limiti, mingħajr il-VAT, applikabbli għall-Kuntratti Pubbliċi għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(*a*) €443,000 għall-kuntratti ta' provvista u servizz kif ukoll for kompetizzjonijiet ta' disinn;

(*b*) €5,538,000 għal kuntratti ta' xogħlijiet;

(*ċ*) €1,000,000 għal kuntratti għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħrajn elenkati fl-Iskeda 17.

Skeda 6

Dati ta' skadenza għall-Atti ta' Implimentazzjoni
(Regolament 25)

1. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fir-regolament 25 għandhom jiġu adottati fi żmien il-perjodi li ġejjin:

(*a*) 90 jum ta' xogħol fejn l-aċċess ħieles għal suq partikolari huwa preżunt abbażi tar-regolament 24(5) u (6);

(*b*) 130 jum ta' xogħol f'każijiet oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu (*a*).

Il-perjodi stipulati fil-paragrafi (*a*) u (*b*) għandhom jiġu estiżi bi 15-il jum ta' xogħol fejn it-talba ma tkunx akkumpanjata minn pożizzjoni motivata u sostanzjata, adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fir-rigward tal-attività kkonċernata, li tanalizza bir-reqqa l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà possibbli regolament 24(1) u (2) għall-attività kkonċernata f'konformità mar-regolament 24(3),(4),(5) u (6).

Dawk id-dati ta' skadenza għandhom jibdew fl-ewwel jum ta' xogħol mid-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi t-talba msemmija fir-regolament 25(1) u (2) jew, meta l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta ma tkunx sħiħa, fil-jum ta' xogħol ta' wara r-riċevuta tal-informazzjoni sħiħa.

Il-perjodi stipulati fl-ewwel subparagrafu jistgħu jiġu estiżi mill-Kummissjoni bil-qbil tal-Istat Membru jew tal-entità kontraenti li jkunu ppreżentaw it-talba.

2. Il-Kummissjoni tista' tirrikjedi li l-Istat Membru jew l-entità kontraenti kkonċernati jew l-awtorità nazzjonali indipendenti msemmija taħt il-paragrafu 1 jew kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti oħra, jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa kollha jew sabiex jissupplimentaw jew jiċċaraw l-informazzjoni mogħtija f'limitu ta' żmien adatt. Fil-każ ta' tweġibiet tard jew mhux sħaħ, il-perjodi stipulati fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jiġu sospiżi għall-perjodu bejn l-iskadenza tal-limitu ta' żmien stabbilit fit-talba għall-informazzjoni, u r-riċevuta tal-informazzjoni sħiħa u korretta.

Skeda 7

Rekwiżiti relatati ma' Għodod u Apparat sabiex jaslu b'mod Elettroniku, Offerti, Talbiet għal parteċipazzjoni, Applikazzjonijiet għal kwalifikazzjoni kif ukoll Pjanijiet u Proġetti fil-Kompetizzjonijiet

L-għodod u l-apparat sabiex jaslu b'mod elettroniku offerti, talbiet għal parteċipazzjoni, applikazzjonijiet għal kwalifika kif ukoll pjanijiet u proġetti f'kompetizzjonijiet tal-inqas għandhom jiggarantixxu, b'mezzi tekniċi u proċeduri adattati, li:

(*a*) il-ħin u d-data eżatti ta' meta jaslu l-offerti, talbiet għal parteċipazzjoni, applikazzjonijiet għal kwalifika kif ukoll il-preżentazzjoni ta' pjanijiet u proġetti jistgħu jiġu determinati bi preċiżjoni;

(*b*) ikun jista' jiġi raġonevolment żgurat li, qabel il-limiti ta' żmien stabbiliti, ħadd ma jkollu aċċess għad-data trasmessa taħt dawk r-rekwiżiti;

(*ċ*) il-persuni awtorizzati biss jistgħu jistabbilixxu jew jibdlu d-dati għall-ftuħ tad-data li tkun waslet;

(*d*) matul l-istadji varji tal-proċedura ta' kwalifika, il-proċedura tal-akkwist jew il-kompetizzjoni, l-aċċess għad-data kollha ppreżentata, jew għal parti minnha, għandu jkun possibbli biss għal persuni awtorizzati;

(*e*) il-persuni awtorizzati biss għandhom jagħtu aċċess għad-data trażmessa u għandhom jagħmlu dan wara d-data speċifikata biss;

(*f*) data li tasal u li tinfetaħ skont dawk ir-rekwiżiti għandha tibqa' aċċessibbli biss għal dawk il-persuni awtorizzati li jistgħu jarawha;

(*g*) fejn ikun hemm ksur tal-projbizzjoni mill-aċċess jew tal-kundizzjonijiet imsemmija taħt il-paragrafi (*b*) sa (f) jew ikun hemm tentattiv biex isir dan, jista' jiġi żgurat b'mod raġonevoli li dak il-ksur jew dawk it-tentattivi jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar.

Skeda 8

Emendata: A.L. 26 tal-2018.

Data li għandha titniżżel fl-Avviżi Indikattivi Perjodiċi

Taqsima A

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviż Indikattiv Perjodiku (Regolament 63)

I. Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-każijiet kollha

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. (*a*) Għal kuntratti ta' provvista: in-natura u l-kwantità jew il-valur tas-servizzi jew prodotti li għandhom jiġu pprovduti (Kodiċi CPV).

(*b*) Għal kuntratti ta' xogħol: in-natura u sa fejn jestendu s-servizzi li għandhom

jiġu pprovduti, il-karatteristiċi ġenerali tax-xogħol jew tal-lottijiet b'referenza għax-xogħol (Kodiċi CPV).

(*ċ*) Għal kuntratti ta' servizz: l-akkwist totali maħsub f'kull waħda mill-kategoriji ta' servizzi previsti (Kodiċi CPV).

4. Data ta' meta ntbagħat l-avviż jew ta' meta ntbagħat l-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fuq il-profil ta' xerrej.

5. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

II. Tagħrif addizzjonali li għandu jiġi pprovdut fejn l-avviż jintuża bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni jew jippermetti t-tnaqqis tal-limiti ta' żmien li fih għandhom jiġu riċevuti l-offerti

6. Referenza għall-fatt li l-operaturi ekonomiċi interessati għandhom javżaw lill-entità bl-interess tagħhom fil-kuntratt jew kuntratti.

7. Indirizz tal-posta elettronika jew fuq l-internet li fih ser ikunu disponibbli l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti tal-akkwist għal aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, mingħajr ħlas. Meta aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, mingħajr ħlas mhuwiex disponibbli għar-raġunijiet mogħtija fir-regolament 72(2) u (4), indikazzjoni kif jista' jsir aċċess għad-dokumenti tal-akkwist.

8. Fejn ikun adatt, dikjarazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex riżervat għal sessjonijiet ta' ħidma protetti fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti jew jekk it-twettiq tiegħu huwiex riżervat fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti.

9. Limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti applikazzjonijiet għal stedina għal offerta jew għan-negozjar.

10. In-natura u l-kwantità tal-prodotti li għandhom jiġu pprovduti jew in-natura ġenerali tax-xogħol jew tal-kategorija tas-servizz u deskrizzjoni, li tiddikjara jekk il-ftehim(iet) ta' qafas huwiex/humiex previst(i), inkluża kwalunkwe għażla għal akkwist ulterjuri u ż-żmien stmat disponibbli għat-twettiq ta' dawk l-għażliet kif ukoll in-numru ta' kemm-il darba kien hemm tiġdid, jekk kien hemm. Fil-każ ta' kuntratti rikorrenti, ukoll, stima taż-żmien għas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni. Dikjarazzjoni dwar jekk humiex involuti xiri, kiri, xiri bil-kiri jew xi taħlita tagħhom.

11. Il-kodiċi NUTS għall-post prinċipali tax-xogħlijiet f'każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post prinċipali tal-kunsinna jew tat-twettiq f'każ ta' provvisti u ta' servizz; jekk il-kuntratt hu maqsum f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta għal kull lott.

12. Limiti ta' żmien għall-kunsinna jew it-twettiq jew id-dewmien ta' kuntratt ta' servizz u, sa fejn dan ikun possibbli, għall-bidu ta' dan.

13. L-indirizz li fuqu l-intrapriżi interessati għandhom jibagtu l-espressjonijiet ta' interess tagħhom bil-miktub.

14. Limitu ta' żmien għall-wasla ta' espressjonijiet ta' interess.

15. Il-lingwa jew lingwi awtorizzati għall-preżentazzjoni ta' kandidaturi jew offerti.

16. Il-kondizzjonijiet ekonomiċi u tekniċi, u garanziji finanzjarji u tekniċi meħtieġa mill-fornituri.

17. (*a*) Id-data stmata għat-tnedija tal-proċeduri tal-akkwist fir-rigward tal-kuntratt jew kuntratti (jekk din tkun magħrufa);

(*b*) It-tip ta' proċedura tal-akkwist (proċeduri ristretti, kemm jekk jinvolvu

sistema dinamika ta' xiri jew le, jew proċeduri nnegozjati).

18. Fejn adatt, il-kondizzjonijiet partikolari li t-twettiq tal-kuntratt huwa soġġett għalihom.

19. Fejn adatt, indikazzjoni dwar jekk:

(*a*) hijiex ser tkun meħtieġa/aċċettata sottomissjoni elettronika ta' offerti jew talbiet għal parteċipazzjoni,

(*b*) hijiex ser tintuża ordni elettronika,

(*ċ*) huwiex ser jintuża fatturar elettroniku,

(*d*) huwiex ser ikun aċċettat ħlas elettroniku.

20. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża li tikkonċerna l-limiti ta' żmien biex jitressqu l-appelli, jew, jekk ikun hemm il-bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax*, u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

21 Fejn dawn ikunu magħrufa, il-kriterji msemmija fir-regolament 170 li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt. Ħlief fejn tiġi identifikata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża abbażi tal-prezz biss, il-kriterji li jirrappreżentaw l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża kif ukoll l-ippeżar tagħhom jew, fejn adatt, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, għandhom jissemmew fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet, jew mhumiex ser jiġu indikati fl-istedina għall-konferma tal-interess jew fl-istedina għall-offerti għan-negozjar.

Taqsima B

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi dwar Pubblikazzjonij ta' Avviż Indikattiv Perjodiku fuq Profil ta' Xerrej mhux Użat bħala Mezz ta' Sejħa għal Kompetizzjoni
(Regolament 63)

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. Kodiċijiet CPV.

4. L-indirizz fuq l-Internet tal-"profil ta' xerrej" (URL).

5. Data ta' meta ntbagħat l-avviż tal-pubblikazzjoni tal-avviż informattiv minn qabel fuq il-profil ta' xerrej.

Skeda 9

Informazzjoni li għandha tkun inkluża fid-Dokumenti dwar l-Akkwisti li għandhom x'jaqsmu ma' Ikanti Elettroniċi
(Regolament 158)

Meta l-entitajiet kontraenti jiddeċiedu li jagħmlu rkant elettroniku, id-dokumenti tal-akkwist għandhom jinkludu għall-inqas id-dettalji li ġejjin:

(*a*) il-karatteristiċi, li l-valuri tagħhom ser ikunu s-suġġett tal-irkant elettroniku, dejjem jekk dawn il-karatteristiċi jkunu kwantifikabbli u jistgħu jingħataw f'ċifri jew perċentwali;

(*b*) kwalunkwe limiti fuq il-valuri li jistgħu jiġu ppreżentati, peress li jirriżultaw mill-ispeċifikazzjonijiet relatati mas-suġġett tal-kuntratt;

(*ċ*) l-informazzjoni li ser titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-offerenti matul l-irkant elettroniku u, fejn dan ikun adatt, meta ser titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom;

(*d*) l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-proċess tal-irkant elettroniku;

(*e*) il-kundizzjonijiet li bihom l-offerenti ser ikunu jistgħu jagħmlu l-offerti tagħhom u, b'mod partikolari, id-differenzi minimi li, fejn adatt, ser ikunu meħtieġa għal meta jsiru l-offerti;

(*f*) l-informazzjoni relevanti li għandha x'taqsam ma' tagħmir elettroniku użat u u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-konnessjoni.

Skeda 10

Karatteristiċi li jikkonċernaw il-Pubblikazzjoni

1. Pubblikazzjoni ta' avviżi

L-avviżi msemmija fir-regolamenti 63, 64, 65, 68 135 u 169 għandhom jintbagħtu mill-entitajiet kontraenti lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u jiġu ppubblikati skont ir-regoli li ġejjin:

(*a*) L-avviżi msemmija fir-regolamenti 63, 64, 65, 68 135 u 169 għandhom jiġu ppubblikati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mill-entitajiet kontraenti fil-każ ta' avviż indikattiv perjodiku ppubblikat fuq profil ta' xerrej skont ir-regolament 63.

Barra minn hekk, l-entitajiet kontraenti jistgħu jippubblikaw din l-informazzjoni fuq l-Internet fuq "profil ta' xerrej" kif imsemmi fil-punt 2(*b*) aktar 'l isfel;

(*b*) L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ser jagħti lill-entità kontraenti l-konferma msemmija fit-tieni subparagrafu tar-regolament 66(4).

2. Pubblikazzjoni ta' informazzjoni komplementari jew addizzjonali

(*a*) ħlief meta previst mod ieħor fir-regolament 72(4) u (5), l-entitajiet kontraenti għandhom jippubblikaw id-dokumenti tal-akkwist fit-totalità tagħhom fuq l-Internet;

(*b*) il-profil ta' xerrej jista' jinkludi avviżi indikattivi perjodiċi kif imsemmi fir-regolament 63, informazzjoni dwar stediniet kurrenti għal offerti, xiri skedat, kuntratti konklużi, proċeduri kkanċellati u kwalunkwe informazzjoni

ġenerali utli, bħal punt ta' kuntatt, telefon u numru tal-*fax*, indirizz postali u indirizz tal-posta elettronika. Il-profil tax-xerrej jista' jinkludi wkoll avviżi indikattivi perjodiċi użati bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni, li huma ppubblikati fil-livell nazzjonali skont ir-regolament 67.

3. Il-format u l-proċeduri għat-trażmissjoni elettronika ta' avviżi

Il-format u l-proċedura sabiex jintbagħtu l-avviżi b'mod elettroniku kif stabbilit mill-Kummissjoni huma aċċessibbli fl-indirizz fuq l-http://simap.eu.int.

Skeda 11

Informazzjoni li għandha tkun inkluża fl-Avviżi dwar Kuntratti
(Regolament 64)

A. Proċedura Miftuħa

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. Fejn ikun adatt, dikjarazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex riżervat għal sessjonijiet ta' ħidma protetti fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti jew jekk it-twettiq tiegħu huwiex riżervat fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti.

4. In-natura tal-kuntratt (provvista, xogħlijiet jew servizz, fejn adatt, dikjarazzjoni jekk huwiex ftehim qafas jew inkella sistema dinamika ta' xiri), deskrizzjoni (kodiċi CPV). Fejn adatt, dikjarazzjoni dwar jekk l-offerti humiex mitluba għal xiri, kiri jew xiri bin-nifs jew taħlita ta' dawk.

5. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' konsenja jew twettiq ta' provvisti jew ta' servizz.

6. Għal provvisti u xogħlijiet:

(*a*) in-natura u l-kwantità ta' prodotti li għandhom jiġu fornuti (Kodiċijiet CPV), inkluża kwalunkwe għażla għal xiri ulterjuri u, jekk dan ikun possibbli, stima taż-żmien disponibbli għat-twettiq ta' dawk l-għażliet kif ukoll in-numru ta' kemm-il darba seħħ tiġdid, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti rikorrenti, jekk din tkun possibbli, anke stima taż-żmien għas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni sabiex jinxtraw il-prodotti li għandhom jinxtraw jew in-natura u sa fejn jestendu s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti u n-natura ġenerali tax-xogħol (kodiċi CPV);

(*b*) indikazzjoni dwar jekk il-forniturijistgħux jagħmlu offerti għal uħud mill-prodotti u, jew għall-prodotti kollha meħtieġa.

Iżda, għal kuntratti ta' xogħlijiet, ix-xogħol jew il-kuntratt jinqasam f'diversi lottijiet, l-ordni tad-daqs tal-lottijiet differenti u l-possibbiltà ta' offerta għal waħda jew ħafna mil-lottijiet jew għal-lottijiet kollha;

(*ċ*) għall-kuntratti ta' xogħlijiet: informazzjoni li tirrigwarda l-iskop tax-xogħol jew tal-kuntratt fejn dan tal-aħħar jinvolvi wkoll it-tfassil ta' proġetti.

7. Għal servizzi:

(*a*) in-natura u l-kwantità ta' prodotti li għandhom jiġu fornuti, inkluża

kwalunkwe għażla għal xiri ulterjuri u, jekk dan ikun possibbli, stima taż-żmien disponibbli għat-twettiq ta' dawk l-għażliet kif ukoll in-numru ta' kemm-il darba seħħ tiġdid, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti rikorrenti, jekk din tkun possibbli, anke stima taż-żmien għas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni għas-servizzi li għandhom jinxtraw;

(*b*) indikazzjoni dwar jekk it-twettiq tas-servizz huwiex riżervat mil-liġi, minn regolament jew dispożizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

(*ċ*) ir-referenza tal-liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva;

(*d*) indikazzjoni dwar jekk il-persuni ġuridiċi għandhomx jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali tal-persunal li għandu jkun responsabbli mit-twettiq tas-servizz;

(*e*) indikazzjoni dwar il-forniturи tas-servizz jistgħu jagħmlu offerti għal parti mis-servizzi kkonċernati.

8. Fejn dan ikun magħruf, indikazzjoni dwar jekk teżistix awtorizzazzjoni għall-preżentazzjoni ta' varjanti.

9. Il-limiti ta' żmien għall-konsenja jew it-tlestija jew id-dewmien tal-kuntratt ta' servizz u, sa fejn din tkun possibbli, id-data ta' bidu.

10. L-indirizz tal-posta elettronika jew l-indirizz fuq l-Internet li fuqhom ser ikunu disponibbli d-dokumenti tal-akkwist għal aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, mingħajr ħlas.

Meta aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, mingħajr ħlas mhuwiex disponibbli għar-raġunijiet mogħtija fir-regolament 72, indikazzjoni kif jista' jsir aċċess għad-dokumenti tal-akkwist.

11. (*a*) data finali għall-wasla ta' offerti jew offerti indikattivi fejn titnieda sistema dinamika ta' xiri;

(*b*) l-indirizz li għandhom jintbagħtu fuqu;

(*ċ*) il-lingwa jew lingwi li għandhom jitfasslu bihom.

12. (*a*) fejn applikabbli, il-persuni awtorizzati li jkunu preżenti fil-ftuħ tal-offerti;

(*b*) id-data, il-ħin u l-post ta' dan il-ftuħ.

13. Fejn dawn ikunu applikabbli, kwalunkwe depożitu jew garanzija meħtieġa.

14. Il-kundizzjonijiet ewlenin li jikkonċernaw il-finanzjament u l-ħlas u, jew referenzi għad-dispożizzjonijiet li dawk jinstabu fihom.

15. Fejn ikun adatt, il-forma legali li għandha tittieħed mill-grupp ta' operaturi ekonomiċi li ngħataw il-kuntratt.

16. Il-kundizzjonijiet ekonomiċi u tekniċi minimi tal-operatur ekonomiku li ngħata l-kuntratt.

17. Il-perjodu li matulu l-offerent huwa marbut iżomm l-offerta tiegħu miftuħa.

18. Fejn adatt, il-kundizzjonijiet partikolari li t-twettiq tal-kuntratt huwa soġġett għalihom.

19. Il-kriterji msemmija fir-regolament 170 li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt. Ħlief fejn tiġi identifikata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża abbażi tal-prezz biss,il-kriterji li jirrappreżentaw l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża kif ukoll l-ippeżar tagħhom jew, fejn adatt, għandha tkun indikata l-ordni ta' importanza ta' dawk il-kriterji, fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet.

20. Fejn adatt, id-data/i u r-referenza/i għall-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-

Unjoni Ewropea tal-avviż informattiv perjodiku jew tal-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fuq il-profil ta' xerrej li l-kuntratt jirreferi għalih.

21. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża li tikkonċerna l-limiti ta' żmien għat-tressiq ta' appelli, jew, jekk ikun hemm bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika tad-dipartiment li minnu tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

22. Data ta' meta l-entità kontraenti bagħtet l-avviż.

23. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

B. Proċeduri Ristretti.

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. Fejn ikun adatt, dikjarazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex riżervat għal sessjonijiet ta' ħidma protetti fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti jew jekk it-twettiq tiegħu huwiex riżervat fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti.

4. In-natura tal-kuntratt (provvisti, xogħlijiet jew servizzi, fejn adatt, dikjarazzjoni jekk huwiex ftehim qafas), deskrizzjoni (Kodiċi CPV). Fejn adatt, dikjarazzjoni dwar jekk l-offerti humiex mitluba għal xiri, kiri jew xiri bin-nifs jew taħlita ta' dawk.

5. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' konsenja jew twettiq ta' provvisti jew ta' servizz.

6. Għal provvisti u xogħlijiet:

(*a*) in-natura u l-kwantità ta' prodotti li għandhom jiġu fornuti (Kodiċi CPV), inkluża kwalunkwe għażla għal xiri ulterjuri u, jekk dan ikun possibbli, stima taż-żmien disponibbli għat-twettiq ta' dawk l-għażliet kif ukoll in-numru ta' kemm-il darba seħħ tiġdid, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti rikorrenti, jekk din tkun possibbli, anke stima taż-żmien għas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni sabiex jinxtraw il-prodotti li għandhom jinxtraw jew in-natura u sa fejn jestendu s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti u n-natura ġenerali tax-xogħol (kodiċi CPV);

(*b*) indikazzjoni dwar jekk il-forniturі jistgħux jagħmlu offerti għal uħud mill-prodotti u, jew għall-prodotti kollha meħtieġa:

Iżda, għal kuntratti ta' xogħlijiet, ix-xogħol jew il-kuntratt jinqasam f'diversi lottijiet, l-ordni tad-daqs tal-lottijiet differenti u l-possibbiltà ta' offerta għal waħda jew ħafna mil-lottijiet jew għal-lottijiet kollha;

(*ċ*) l-informazzjoni li tikkonċerna l-iskop tax-xogħol jew tal-kuntratt fejn dan tal-aħħar jinvolvi t-tfassil tal-proġetti wkoll.

7. Għal servizzi:

(*a*) in-natura u l-kwantità ta' prodotti li għandhom jiġu fornuti, inkluża kwalunkwe għażla għal xiri ulterjuri u, jekk dan ikun possibbli, stima taż-żmien disponibbli għat-twettiq ta' dawk l-għażliet kif ukoll in-numru ta' kemm-il darba seħħ tiġdid, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti rikorrenti, jekk din tkun possibbli, anke stima taż-żmien għas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni għas-servizzi li għandhom jinxtraw;

(*b*) indikazzjoni dwar jekk it-twettiq tas-servizz huwiex riżervat mil-liġi, minn regolament jew dispożizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

(*ċ*) referenza għal-liġi, għar-regolament jew id-dispożizzjoni amministrattiva;

(*d*) indikazzjoni dwar jekk il-persuni ġuridiċi għandhomx jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali tal-persunal li għandu jkun responsabbli mit-twettiq tas-servizz;

(*e*) indikazzjoni dwar il-fornituri tas-servizz jistgħu jagħmlu offerti għal parti mis-servizzi kkonċernati.

8. Fejn dan ikun magħruf, indikazzjoni dwar jekk teżistix awtorizzazzjoni għall-preżentazzjoni ta' varjanti.

9. Limiti taż-żmien għall-konsenja jew it-tlestija jew id-dewmien tal-kuntratt u, sa fejn ikun possibbli, għall-bidu ta' dan.

10. Fejn ikun adatt, il-forma legali li għandha tittieħed mill-grupp ta' operaturi ekonomiċi li ngħataw il-kuntratt.

11. (*a*) l-aħħar data għall-wasla ta' talbiet għal parteċipazzjoni;

(*b*) l-indirizz li għandhom jintbagħtu fuqu;

(*ċ*) il-lingwa jew lingwi li għandhom jitfasslu bihom.

12. L-aħħar data li fiha jistgħu jintbagħtu stediniet għall-offerti.

13. Fejn dawn ikunu applikabbli, kwalunkwe depożitu jew garanzija meħtieġa.

14. Il-kundizzjonijiet ewlenin li jikkonċernaw il-finanzjament u l-ħlas u, jew referenzi għad-dispożizzjonijiet li dawk jinstabu fihom.

15. Informazzjoni li tikkonċerna l-pożizzjoni tal-operatur ekonomiku u l-kundizzjonijiet ekonomiċi u tekniċi minimi mitluba minnu.

16. Il-kriterji msemmija fir-regolament 170 li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt. Ħlief fejn tiġi identifikata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża abbażi tal-prezz biss, il-kriterji li jirrappreżentaw l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża kif ukoll l-ippeżar tagħhom jew, fejn adatt, għandha tkun indikata l-ordni ta' importanza ta' dawk il-kriterji, fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet jew mhux ser jiġu indikati fl-istedina għall-offerti.

17. Fejn adatt, il-kundizzjonijiet partikolari li t-twettiq tal-kuntratt huwa soġġett għalihom.

18. Fejn adatt, id-data/i u r-referenza/i għall-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tal-avviż informattiv perjodiku jew tal-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fuq il-profil ta' xerrej li l-kuntratt jirreferi għalih.

19. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża li tikkonċerna l-limiti ta' żmien għat-tressiq ta' appelli, jew, jekk ikun hemm il-bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax*, u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

20. Id-data li fiha l-entitajiet kontraenti bagħtu l-avviż.

21. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

C. Proċeduri Negozjati

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. Fejn ikun adatt, dikjarazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex riżervat għal sessjonijiet ta' ħidma protetti fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti jew jekk it-twettiq tiegħu huwiex riżervat fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti.

4. In-natura tal-kuntratt (provvisti, xogħlijiet jew servizzi, fejn adatt, dikjarazzjoni jekk huwiex ftehim qafas), deskrizzjoni (kodiċi CPV). Fejn adatt, dikjarazzjoni dwar jekk l-offerti humiex mitluba għal xiri, kiri jew xiri bin-nifs jew taħlita ta' dawk.

5. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' konsenja jew twettiq ta' provvisti jew ta' servizz.

6. Għal provvisti u xogħlijiet:

(*a*) in-natura u l-kwantità ta' prodotti li għandhom jiġu fornuti (kodiċi CPV), inkluża kwalunkwe għażla għal xiri ulterjuri u, jekk dan ikun possibbli, stima taż-żmien disponibbli għat-twettiq ta' dawk l-għażliet kif ukoll in-numru ta' kemm-il darba seħħ tiġdid, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti rikorrenti, jekk din tkun possibbli, anke stima taż-żmien għas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni sabiex jinxtraw il-prodotti li għandhom jinxtraw jew in-natura u sa fejn jestendu s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti u n-natura ġenerali tax-xogħol (kodiċi CPV);

(*b*) indikazzjoni dwar jekk il-forniturijistgħux jagħmlu offerti għal uħud mill-prodotti u, jew għall-prodotti kollha meħtieġa:

Jekk, għal kuntratti ta' xogħlijiet, ix-xogħol jew il-kuntratt jinqasam f'diversi lottijiet, l-ordni tad-daqs tal-lottijiet differenti u l-possibbiltà ta' offerta għal waħda jew ħafna mil-lottijiet jew għal-lottijiet kollha;

(*ċ*) Għall-kuntratti ta' xogħlijiet: informazzjoni li tirrigwarda l-iskop tax-xogħol jew tal-kuntratt fejn dan tal-aħħar jinvolvi wkoll it-tfassil ta' proġetti.

7. Għal servizzi:

(*a*) in-natura u l-kwantità tas-servizzi li għandhom jiġu fornuti, inkluża kwalunkwe għażla għal xiri ulterjuri u, jekk dan ikun possibbli, stima taż-żmien disponibbli għat-twettiq ta' dawk l-għażliet kif ukoll in-numru ta' kemm-il darba seħħ tiġdid, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti rikorrenti, jekk din tkun possibbli, anke stima taż-żmien għas-sejħiet sussegwenti għal kompetizzjoni għas-servizzi li għandhom jinxtraw;

(*b*) indikazzjoni dwar jekk it-twettiq tas-servizz huwiex riżervat mil-liġi, minn regolament jew dispożizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

(*ċ*) ir-referenza tal-liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva;

(*d*) indikazzjoni dwar jekk il-persuni ġuridiċi għandhomx jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali tal-persunal li għandu jkun responsabbli mit-twettiq tas-servizz;

(*e*) indikazzjoni dwar il-forniturijistgħu jagħmlu offerti għal parti mis-servizzi kkonċernati.

8. Fejn dan ikun magħruf, indikazzjoni dwar jekk teżistix awtorizzazzjoni għall-preżentazzjoni ta' varjanti.

9. Limiti taż-żmien għall-konsenja jew it-tlestija jew id-dewmien tal-kuntratt u, sa fejn ikun possibbli, għall-bidu ta' dan.

10. Fejn ikun adatt, il-forma legali li għandha tittieħed mill-grupp ta' operaturi ekonomiċi li ngħataw il-kuntratt.

11. (*a*) l-aħħar data għall-wasla ta' talbiet għal parteċipazzjoni;

(*b*) l-indirizz li għandhom jintbagħtu fuqu;

(*ċ*) il-lingwa jew lingwi li għandhom jitfasslu bihom.

12. Fejn ikun adatt, kwalunkwe depożiti u garanziji meħtieġa.

13. Il-kundizzjonijiet ewlenin li jikkonċernaw il-finanzjament u l-ħlas u, jew referenzi għad-dispożizzjonijiet li dawk jinstabu fihom.

14. Informazzjoni li tikkonċerna l-pożizzjoni tal-operatur ekonomiku u l-kundizzjonijiet ekonomiċi u tekniċi minimi mitluba minnu.

15. Il-kriterji msemmija fir-regolament 170 li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt. Ħlief fejn tiġi identifikata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża abbażi tal-prezz biss,il-kriterji li jirrappreżentaw l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża kif ukoll l-ippeżar tagħhom jew, fejn adatt, għandha tiġi indikata l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, fejn dawk ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet jew li mhumiex ser jiġu indikat fl-istedina għan-negozjar.

16. Fejn ikun adatt, l-ismijiet u l-indirizzi tal-operaturi ekonomiċi diġà magħżula mill-entità kontraenti.

17. Fejn adatt, il-kundizzjonijiet partikolari li t-twettiq tal-kuntratt huwa soġġett għalihom.

18. Fejn ikun adatt, id-dati u r-referenza/i tal-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tal-avviż informattiv perjodiku jew tal-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fuq il-profil ta' xerrej li l-kuntratt jirreferi għalih.

19. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża li tikkonċerna l-limiti ta' żmien għat-tressiq ta' appelli, jew, jekk ikun hemm il-bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax*, u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

20. Data ta' meta l-entità kontraenti bagħtet l-avviż.

21. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

Skeda 12

Informazzjoni li għandha tkun inkluża fl-Avviżi dwar Għoti ta' Kuntratti
(Regolament 65)

I. Informazzjoni għall-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa

3. In-natura tal-kuntratt (provvisti, xogħlijiet jew servizzi u l-kodiċi CPV; fejn ikun adatt, iddikjara jekk hux ftehim qafas).

4. Tal-inqas, indikazzjoni mqassra tan-natura u l-kwantità tal-prodotti, xogħlijiet jew servizzi pprovduti.

5. (*a*) il-forma tas-sejħa għal kompetizzjoni (avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifikazzjoni; avviż perjodiku; sejħa għal offerti);

(*b*) data/i u referenza/i tal-pubblikazzjoni tal-avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

(*ċ*) fil-każ ta' kuntratti mogħtija mingħajr sejħa għal kompetizzjoni minn qabel, indikazzjoni tad-dispożizzjoni rilevanti tar-tar-regolamenti 125 sa 127.

6. Proċedura tal-akkwist (miftuħa, ristretta jew negozjata).

7. Numru ta' offerti li waslu, li jispeċifika:

(*a*) in-numru ta' offerti li waslu minn operaturi ekonomiċi li huma SMEs;

(*b*) in-numru ta' offerti li waslu minn barra l-pajjiż;

(*ċ*) in-numru ta' offerti li waslu b'mod elettroniku.

Fil-każ ta' għotjiet multipli (lottijiet, ftehimiet qafas multipli), din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull għoti.

8. Id-data tal-konklużjoni tal-kuntratt(i) jew tal-ftehim qafas wara d-deċiżjoni li jingħata(w) jew jiġi/u konkluż(i).

9. Il-prezz imħallas għax-xiri bi prezz negozjat skont ir-regolament 127(*g*).

10. Għal kull għoti, l-isem, l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-offerent magħżul, inkluża:

(*a*) informazzjoni dwar jekk l-offerent magħżul huwiex SME;

(*b*) informazzjoni dwar jekk il-kuntratt ingħatax lil konsorzju.

11. Fejn adatt, dikjarazzjoni dwar jekk il-kuntratt ġiex sottokuntrattat jew jistax jiġi sottokuntrattat.

12. Il-prezz imħallas jew il-prezzijiet tal-ogħla u l-inqas offerti meħuda f'kunsiderazzjoni fl-għoti tal-kuntratt.

13. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, li-proċeduri ta' medjazzjoni. L-informazzjoni preċiża li tikkonċerna l-limitu ta' żmien biex jitressqu appelli, jew, jekk ikun hemm il-bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax*, u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

14. Informazzjoni fakultattiva:

- il-valur u s-sehem tal-kuntratt li ġie sottokuntrattat jew li jista' jiġi sottokuntrattat lil partijiet terzi;
- il-kriterji tal-għoti.

II. L-informazzjoni mhijiex maħsuba għall-pubblikazzjoni

15. In-numru ta' kuntratti mogħtija (fejn l-għoti jinqasam bejn diversi fornituri).

16. Il-valur ta' kull kuntratt mogħti.

17. Il-pajjiż tal-oriġini tal-prodott jew tas-servizz (oriġini Komunitarja jew oriġini non-Komunitarja; jekk tal-aħħar, imqassma skont il-pajjiż terz).

18. Liema kriterji tal-għoti ntużaw?

19. Il-kuntratt ingħata lil offerent li ppreżenta varjant skont ir-regolamenti 175(1) sa (3)?

20. Kien hemm xi offerti li ġew esklużi għar-raġuni li kienu baxxi wisq, f'konformità mar-regolament 174.

21. Id-data ta' trażmissjoni tal-avviż mill-entità kontraenti.

Skeda 13

Kontenut tal-Istediniet għall-Preżentazzjoni ta' Offerta, għal Parteċipazzjoni fid-Djalogu, għan-Negozjar jew għall-Konferma ta' Interess
(Regolament 73)

1. L-istedina għall-preżentazzjoni ta' offerta, għal parteċipazzjoni fid-djalogu jew għan-negozjar kif previst taħt ir-regolament 73 irid ikun fiha tal-inqas:

(*a*) id-data finali għall-wasla ta' offerti, l-indirizz li għandhom jintbagħtu fuqu, u l-lingwa jew lingwi li għandhom jitfasslu bihom;

Madanakollu, fil-każ ta' kuntratti mogħtija permezz ta' djalogu kompetittiv jew sħubija għall-innovazzjoni, din l-informazzjoni ma għandhiex tidher fl-istedina għan-negozjar, iżda għandha tidher fl-istedina għall-preżentazzjoni ta' offerta;

(*b*) fil-każ ta' djalogu kompetittiv id-data u l-indirizz intenzjonati għall-bidu ta' konsultazzjoni u l-lingwa jew lingwi użati;

(*ċ*) referenza għal kwalunkwe sejħa għal kompetizzjoni ppubblikata;

(*d*) indikazzjoni dwar kwalunkwe dokument li jrid ikun mehmuż;

(*e*) il-kriterji għall-għoti tal-kuntratt, fejn dawn mhumiex indikati fl-avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni;

(*f*) l-ippeżar relattiv tal-kriterji tal-għoti tal-kuntratt jew, fejn adatt, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, jekk din l-informazzjoni ma tingħatax fl-avviż dwar kuntratt, fl-avviż dwar l-eżistenza ta' kwalifika jew fl-ispeċifikazzjonijiet.

2. Meta ssir sejħa għal kompetizzjoni permezz ta' avviż indikattiv perjodiku, l-entitajiet kontraenti għandhom sussegwentement jistiednu lill-kandidati kollha sabiex jikkonfermaw l-interess tagħhom fuq il-bażi ta' informazzjoni dettaljata dwar il-kuntratt ikkonċernat qabel ma jibdew l-għażla tal-offerenti jew parteċipanti fin-negozjati.

Din l-istedina għandha tinkludi din l-informazzjoni li ġejja:

(*a*) in-natura u l-kwantità, inklużi l-għażliet kollha li jikkonċernaw kuntratti komplementari u, jekk ikunu possibbli, iż-żmien disponibbli stmat għat-twettiq ta' dawn l-għażliet għal kuntratti rinnovabbli, in-natura u l-kwantità u, jekk ikunu possibbli, id-dati ta' pubblikazzjoni stmati ta' avviżi ulterjuri ta' kompetizzjoni għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi li ser jinħarġu għall-offerti;

(*b*) it-tip ta' proċedura: ristretta jew negozjata;

(*ċ*) fejn ikun adatt, id-data li fiha ser jibdew jew jintemmu t-twassil tal-provvisti jew it-twettiq tax-xogħlijiet jew servizzi;

(*d*) fejn ma jistax jiġi offrut aċċess elettroniku, l-indirizz u d-data ta' għeluq għall-preżentazzjoni ta' talbiet għad-dokumenti tal-akkwist u l-lingwa jew lingwi li għandhom jitfasslu bihom;

(*e*) l-indirizz tal-entità kontraenti;

(*f*) il-kundizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, il-garanziji finanzjarji u l-informazzjoni meħtieġa minn operaturi ekonomiċi;

(*g*) il-forma tal-kuntratt li hu s-suġġett tal-istedina għall-offerti: xiri, kiri, xiri bin-nofs, jew kwalunkwe taħlita minnhom: u

(*h*) il-kriterji tal-għoti ta' kuntratt u l-ippeżar tagħhom jew, fejn ikun adatt, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, jekk din l-informazzjoni ma tingħatax fl-avviż indikattiv jew fl-ispeċifikazzjonijiet jew fl-istedina għall-offerti jew għan-negozjar.

Skeda 14

Lista ta' Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol

- Il-Konvenzjoni 98 tal-ILO dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv;
- Il-Konvenzjoni 29 tal-ILO dwar ix-Xogħol Furzat;
- Il-Konvenzjoni 105 tal-ILO dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat;
- Il-Konvenzjoni 138 tal-ILO dwar l-Età Minima;
- Il-Konvenzjoni 111 tal-ILO dwar id-Diskriminazzjoni (Impjieg u Xogħol);
- Il-Konvenzjoni 100 tal-ILO dwar Remunerazzjoni Ugwali;
- Il-Konvenzjoni 182 tal-ILO dwar l-Aġħar Forom ta' Tħaddim tat-Tfal;
- Il-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-protezzjoni tas-saff tal-ożonu u l-Protokoll tagħha ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu;
- Il-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll taċ-Ċaqliq Transkonfinali tal-Iskart Perikoluż u r-Rimi tiegħu (il-Konvenzjoni ta' Basel);
- Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar it-Tniġġis Organiku Persistenti (il-Konvenzjoni POPs ta' Stokkolma);
- Il-Konvenzjoni dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiki u Pestiċidi Perikolużi fil- Kummerċ Internazzjonali (UNEP/FAO) (il-Konvenzjoni PIC) Rotterdam, 10.9.1998 u t-tliet (3) Protokolli reġjonali tagħha.

Skeda 15

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi dwar
Modifiki ta' Kuntratt matul it-terminu tiegħu
[Regolament 177(1)]

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it- telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. Il-kodiċi CPV.

4. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' konsenja jew twettiq ta' provvisti jew ta' servizz.

5. Deskrizzjoni tal-akkwist qabel u wara l-modifika: in-natura u l-firxa tax-xogħlijiet, in-natura u l-kwantità jew il-valur tal-provvisti, in-natura u l-firxa tas-servizzi.

6. Fejn ikun applikabbli, iż-żieda fil-prezz ikkaġunata mill-modifika.

7. Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi li għamlu l-modifika meħtieġa.

8. Id-data ta' deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt.

9. Fejn ikun applikabbli, l-isem, l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-operatur jew l-operaturi ekonomiċi l-ġodda.

10. Informazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex relatat ma' proġett u/jew programm iffinanzjat mill-fondi tal-Unjoni.

11. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli mir-reviżjoni u, fejn dawn ikunu xierqa, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża li tikkonċerna d-data ta' skadenza għall-proċeduri ta' reviżjoni, jew jekk ikun hemm il-bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz li minnhom tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

Skeda 16
Servizzi
(Regolament 134)

Kodiċi tas-CPV	Deskrizzjoni
79611000-0; 75200000-8; 75231200-6; 75231240-8; 79611000-0; 79622000-0 [Servizzi ta' forniment ta' persunal għal għajnuna domestika]; 79624000-4 [Servizzi ta' forniment ta' persunal infermiera] u 79625000-1 [Servizzi ta' forniment ta' persunal mediku] minn 85000000-9 sa 85323000-9; 85143000-3, 98133100-5, 98133000-4 u 98200000-5 u 98500000-8 [Djar privati b'persuni impjegati] u 98513000-2 sa 98514000-9 [Servizzi ta' xogħolmanwali ġewwa djar, Servizzi ta' persunal ta' aġenzija għal djar, Servizzi ta' persunal klerikali għal djar, Persunal temporanju ġewwa djar, Servizzi ta' għajnuna fid-dar u Servizzi domestiċi]	Servizzi tas-saħħa, soċjali u servizzi oħra relatati
85321000-5 u 85322000-2, 75000000-6 [Servizzi ta' amministrazzjoni, difiża u sigurtà soċjali], 75121000-0, 75122000-7, 75124000-1; minn79995000-5 sa 79995200-7; minn 80000000-4 Servizzi ta' edukazzjoni u taħriġ sa 80660000-8; minn 92000000-1 sa 92342200-2, minn 92360000-2 sa 92700000-8; 79950000-8 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' wirjiet, fieri u kungressi], 79951000-5 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' seminars], 79952000-2 [Servizzi ta' avvenimenti], 79952100-3 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' avvenimenti kulturali], 79953000-9 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' festivals], 79954000-6 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' parties], 79955000-3 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' wirjiet tal-moda], 79956000-0 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' fieri u wirjiet]	Servizzi amministrattivi soċjali, edukattivi, tal-kura tas-saħħa u kulturali

75300000-9	Servizzi tas-sigurtà soċjali obbligatorja iżda s-servizzi mhumiex koperti minn dawn ir-regolamenti fejn dawn huma organizzati bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali. L-awtorità kontraenti hija libera li torganizza l-forniment ta' servizzi soċjali obbligatorji jew ta' servizzi oħrajn bħala servizzi ta' interess ġenerali jew bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali.
75310000-2, 75311000-9, 75312000-6, 75313000-3, 75313100-4,75314000-0, 75320000-5, 75330000-8, 75340000-1	Servizzi ta' benefiċċju
98000000-3, 98120000-0; 98132000-7; 98133110-8 u 98130000-3	Servizzi komunitarji, soċjali u personali oħrajn inklużi servizzi mogħtija minn trade unions, organizzazzjonijiet politiċi, assoċjazzjonijiet taż-żgħażagħ u servizzi oħrajn ta' organizzazzjonijiet ta' sħubija
98131000-0	Servizzi reliġjużi
55100000-1 sa 55410000-7; 55521000-8 sa 55521200-0 [55521000-8 Servizzi tal-ikel għal djar privati, 55521100-9 Servizzi ta' "meals-on-wheels", 55521200-0 Servizzi ta' kunsinna ta' ikliet, 55520000-1 Servizzi ta' catering, 5522000-5, Servizzi ta' catering għal intrapriżi tat-trasport, 55523000-2, Servizzi ta' catering għal intrapriżi oħrajn jew istituzzjonijiet oħrajn, 55524000-9, Servizzi ta' catering fl-iskejjel, 55510000-8 Servizzi ta' kantin, 55511000-5, Servizzi ta' kantins u servizzi oħrajn ta' kafetteriji bi klijentela ristretta, 55512000-2, Servizzi ta' maniġġar tal-kantins ,55523100-3, Servizzi ta' ikliet fl-iskejjel,	Servizzi ta' lukandi u ristoranti
79100000-5 sa 79140000-7; 75231100-5;	Servizzi legali, sa fejn mhumiex eskluži skont l-Artikolu 21(c)
75100000-7 sa 75120000-3; 75123000-4; 75125000-8 sa 75131000-3	Servizzi amministrattivi oħrajn u servizzi tal-gvern
75200000-8 sa 75231000-4	Forniment ta' servizzi lill-komunità
75231210-9 sa75231230-5; 75240000-0 sa 75252000-7; 794300000-7; 98113100-9	Servizzi relatati ma' ħabsijiet, servizzi ta' sigurtà pubblika u ta' salvataġġ, sa fejn mhumiex eskluži skont l-Artikolu 21(h)
79700000-1 sa 79721000-4 [Servizzi ta' investigazzjoni u sigurtà, Servizzi ta' sigurtà, Servizzi ta' monitoraġġ tal-allarm, Servizzi ta' gwardja, Servizzi ta' sorveljanza, Servizzi ta' sistemi ta' intraċċar, Servizzi ta' intraċċar tal-maħrubin, Servizzi ta' għassa, Servizz ta' ħruġ ta' karti tal-identità, Servizzi ta' investigazzjoni u Servizzi ta' aġenzija ta' investigaturi] 79722000-1[Servizzi ta' grafoloġija], 79723000-8 [Servizzi ta' analiżi tal-iskart]	Servizzi ta' investigazzjoni u sigurtà

98900000-2 [Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet u korpi *extra*-territorjali] u 98910000-5 [Servizzi speċifiċi għall-organizzazzjonijiet u l-korpi internazzjonali]	Servizzi internazzjonali
64000000-6 [Servizzi ta' posta u telekomunikazzjoni], 64100000-7 [Servizzi ta' posta u kurrier], 64110000-0 [Servizzi ta' posta], 64111000-7 [Servizzi ta' posta relatati mal-gazzetti u l-perjodiki], 64112000-4 [Servizzi tal-posta relatati mal-ittri], 64113000-1 [Servizzi tal-posta relatati mal-pakketti], 64114000-8 [Servizzi ta' bank tal-uffiċċji tal-posta],64115000-5 [Kiri tal-kaxxi tal-ittri], 64116000-2 [Servizzi post-restante],64122000-7 [Servizzi ta' posta interna fl-uffiċċji u ta' messaġġiera]	Servizzi tal-posta
50116510-9 [Servizzi ta' mmudellar mill-ġdid tat-tajers], 71550000-8 [Servizzi ta' ħaddied]	Servizzi Mixxellanji

Skeda 17

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi dwar Kuntratti għal Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn
(Regolament 135)

Parti A Avviż dwar kuntratt

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. Deskrizzjoni tas-servizzi jew kategoriji minnhom u fejn applikabbli, x-xogħlijiet u l-provvisti inċidentali li għandhom jinxtraw, inkluża indikazzjoni tal-kwantitajiet u l-valuri involuti, kodiċi CPV.

4. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tat-twettiq tas-servizzi.

5. Fejn adatt, dikjarazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex riżervat għal sessjonijiet ta' ħidma protetti fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti jew jekk it-twettiq tiegħu huwiex riżervat fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti.

6. Il-kundizzjonijiet ewlenin li għandhom jiġu sodisfatti mill-atturi ekonomiċi rigward il-parteċipazzjoni tagħhom jew, fejn dan ikun adatt, l-indirizz elettroniku fejn tista' tinkiseb informazzjoni dettaljata.

7. Limitu/i ta' żmien sabiex tiġi kkuntattjata l-entità kontraenti rigward il-parteċipazzjoni.

8. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

Parti B Avviż indikattiv perjodiku

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti.

2. Deskrizzjoni qasira tal-kuntratt inkwistjoni inkluż il-kodiċi CPV.

3. Sa fejn dan ikun diġà magħruf:

(*a*) il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet f'każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' twassil jew twettiq fil-każ ta' kuntratti ta' provvista u ta' servizzi,

(*b*) il-perjodu għat-twassil jew għall-forniment ta' provvisti, ix-xogħlijiet jew servizzi u t-tul tal-kuntratt,

(*ċ*) kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, inklużi:

(i) fejn adatt, indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex ristrett għal sessjonijiet ta' ħidma protetti, jew jekk l-eżekuzzjoni tiegħu hijiex ristretta għall-qafas ta' programmi ta' impjiegi protetti,

(ii) fejn adatt, indikazzjoni dwar jekk l-eżekuzzjoni tas-servizz huwiex riżervat mil-liġi, minn regolament jew minn dispożizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari,

(*d*) deskrizzjoni qasira tal-karatteristiċi ewlenin tal-proċedura ta' għoti li għandha tiġi applikata.

4. Referenza għall-fatt li l-operaturi ekonomiċi interessati għandhom javżaw lill-entità kontraenti dwar l-interess tagħhom fil-kuntratt jew fil-kuntratti u l-limiti ta' żmien biex jirċievu l-espressjonijiet ta' interess u l-indirizz li fih għandhom jintbagħtu l-espressjonijiet ta' interess.

Parti Ċ Avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti.

2. Deskrizzjoni qasira tal-kuntratt inkwistjoni inkluż il-kodiċi CPV.

3. Sa fejn dan ikun diġà magħruf:

(*a*) Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' twassil jew twettiq f'każ ta' kuntratti ta' provvisti u ta' servizzi,

(*b*) il-perjodu għat-twassil jew għall-forniment tal-provvisti, xogħlijiet jew servizzi u t-tul tal-kuntratt,

(*ċ*) kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, inklużi:

(i) fejn adatt, indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex ristrett għal sessjonijiet ta' ħidma protetti, jew jekk l-eżekuzzjoni tiegħu hijiex ristretta għall-qafas ta' programmi ta' impjiegi protetti,

(ii) fejn adatt, indikazzjoni dwar jekk l-eżekuzzjoni tas-servizz huwiex riżervat mil-liġi, minn regolament jew minn dispożizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari,

(*d*) deskrizzjoni qasira tal-karatteristiċi ewlenin tal-proċedura ta' għoti li għandha tiġi applikata.

4. Referenza għall-fatt li l-operaturi ekonomiċi interessati għandhom javżaw lill-awtorità dwar l-interess fil-kuntratt jew il-kuntratti u l-limiti ta' żmien biex jirċievu l-espressjonijiet ta' interess u l-indirizz li fih għandhom jintbagħtu l-espressjonijiet ta' interess.

5. Il-perjodu ta' validità tas-sistema ta' kwalifika u l-formalitajiet għat-tiġdid tagħha.

Parti D Avviż dwar għoti ta' kuntratt

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni

nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. Tal-inqas, indikazzjoni mqassra tan-natura u l-kwantità tas-servizzi u fejn applikabbli, ix-xogħlijiet u l-provvisti inċidentali pprovduti.

4. Referenza tal-pubblikazzjoni tal-avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

5. Għadd ta' offerti li waslu.

6. L-isem u l-indirizz tal-attur(i) ekonomiku/ekonomiċi magħżul/a.

7. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

Skeda 18

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviż dwar Kompetizzjoni ta' Disinn

[Regolament 68(1)]

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. Deskrizzjoni tal-proġett (kodiċi CPV).

4. In-natura tal-kompetizzjoni: miftuħa jew ristretta.

5. Fil-każ ta' kompetizzjonijiet miftuħa: id-data finali meta jistgħu jiġu rċevuti l-proġetti.

6. Fil-każ ta' kompetizzjonijiet ristretti:

(*a*) in-numru ta' parteċipanti previsti, jew il-firxa;

(*b*) fejn ikun applikabbli, l-ismijiet tal-parteċipanti diġà magħżula;

(*ċ*) il-kriterji għall-għażla tal-parteċipanti;

(*d*) l-aħħar data għall-wasla ta' talbiet għal parteċipazzjoni.

7. Fejn applikabbli, indikazzjoni dwar jekk il-parteċipazzjoni hijiex riżervata għal professjoni partikolari.

8. Kriterji li għandhom jiġu applikati fl-evalwazzjoni ta' proġetti.

9. Fejn applikabbli, l-ismijiet tal-membri magħżula tal-ġurija.

10. Indikazzjoni dwar jekk id-deċiżjoni tal-ġurija hijiex vinkolanti fuq l-awtorità.

11. Fejn ikunu applikabbli, in-numru u l-valur tal-premji.

12. Fejn ikun applikabbli, id-dettalji tal-ħlasijiet għall-parteċipanti kollha.

13. Indikazzjoni dwar jekk ir-rebbieħa tal-premji jingħatawx xi kuntratti ta' segwitu.

14. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, li-proċeduri ta' medjazzjoni. L-informazzjoni preċiża li tikkonċerna l-limitu ta' żmien biex jitressqu appelli, jew, jekk ikun hemm il-bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax*, u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

15. Id-data ta' meta ntbagħat l-avviż.
16. Kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti.

Skeda 19

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-Riżultati tal-Avviżi dwar Kompetizzjoni ta' Disinn

[(Regolament 68(1)]

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. Deskrizzjoni tal-proġett (kodiċi CPV).

4. In-numru totali ta' parteċipanti.

5. In-numru ta' parteċipanti barranin.

6. Ir-rebbieħ(a) tal-kompetizzjoni.

7. Fejn ikun applikabbli, il-premju/i.

8. Informazzjoni oħra.

9. Referenza għall-avviż dwar kompetizzjoni ta' disinn.

10. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, li-proċeduri ta' medjazzjoni. L-informazzjoni preċiża li tikkonċerna l-limitu ta' żmien biex jitressqu appelli, jew, jekk ikun hemm il-bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax*, u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

11. Id-data ta' meta ntbagħat l-avviż.

Skeda 20

Emendata: A.L. 26 tal-2018.

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN INKLUŻA FL-AVVIŻ DWAR L-EŻISTENZA TA' SISTEMA TA' KWALIFIKA

(kif imsemmi fir-regolamenti 89(2)(*b*) u 169(10))

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. L-attività ewlenija mwettqa.

3. Fejn ikun adatt, dikjarazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex riżervat għal sessjonijiet ta' ħidma protetti fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti jew jekk it-twettiq tiegħu huwiex riżervat fil-kuntest ta' programmi ta' impjiegi protetti.

4. L-iskop tas-sistema ta' kwalifika (deskrizzjoni tal-prodotti, servizzi jew xogħlijiet jew kategoriji tagħhom li għandhom jinxtraw permezz tas-sistema -

Kodiċi CPV). Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' kunsinna jew twettiq ta' provvisti jew ta' servizz.

5. Il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti mill-operaturi ekonomiċi rigward il-kwalifika tagħhom skont is-sistema u l-metodi li skonthom kull waħda minn dawn il-kondizzjonijiet ser tiġi verifikata. Fejn id-deskrizzjoni ta' dawn il-kondizzjonijiet u metodi ta' verifika tkun imdaqqsa u bbażata fuq dokumenti disponibbli għall-operaturi ekonomiċi interessati, sommarju tal-kondizzjonijiet ewlenin u l-metodi u referenza għal dawk id-dokumenti għandhom ikunu biżżejjed.

6. Il-perjodu ta' validità tas-sistema ta' kwalifika u l-formalitajiet għat-tiġdid tagħha.

7. Referenza għall-fatt li l-avviż jaġixxi bħala sejħa għal kompetizzjoni.

8. L-indirizz li minn fuqu tista' tinkiseb informazzjoni u dokumentazzjoni addizzjonali li tikkonċerna s-sistema ta' kwalifika (fejn dan ikun differenti mill-indirizz imsemmi taħt il-paragrafu 1).

9. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn adatt, il-proċeduri ta' medjazzjoni. L-informazzjoni preċiża li tikkonċerna l-limiti ta' żmien biex jitressqu l-appelli, jew, jekk ikun hemm il-bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax*, u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

10. Fejn dawn ikunu magħrufa, il-kriterji msemmija fir-regolament 170 li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt. Ħlief fejn tiġi identifikata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża abbażi tal-prezz biss, il-kriterji li jirrappreżentaw l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża kif ukoll l-ippeżar tagħhom jew, fejn adatt, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, għandhom jissemmew fejn ma jkunux jidhru fl-ispeċifikazzjonijiet jew fejn ma jkunux ser jiġu indikati fl- istedina għall-offerti jew għan-negozjar.

11. Fejn adatt, indikazzjoni dwar jekk:

(*a*) hijiex ser tkun meħtieġa/aċċettata sottomissjoni elettronika ta' offerti jew talbiet għal parteċipazzjoni,

(*b*) hijiex ser tintuża ordni elettronika,

(*ċ*) huwiex ser jintuża fatturar elettroniku,

(*d*) huwiex ser ikun aċċettat ħlas elettroniku.

12. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.